LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 378.10

REGOLAMENTI DWAR KUNTRATTI TA' KREDITU GĦALL-KONSUMATURI MARBUTIN MA' PROPRJETÀ IMMOBBLI RESIDENZJALI*

Sostitwit:
A.L. 259 tal-2016.

1 ta' Jannar, 2012†

L-AVVIŻ LEGALI 415 tal-2011, kif emendat bl-Avviżi Legali 266 tal-2014,259 tal-2016, 86 tal-2018 u 167 tal-2022, bl-Atti XVI tal-2019 u XLIV tal-2021 u bl-Avviż Legali 18 tal-2024.

TAQSIMA I

Preliminari

Titolu u skop.
Sostitwit:
A.L. 259 tal-2016.
Emendat:
A.L. 18 tal-2024.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li:

(*a*) jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010; u

(*b*) jittrasponu l-artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2021/2167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 dwar is-servizzjanti tal-kreditu u x-xerrejja tal-kreditu u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE.

(3) Dawn ir-regolamenti jistipulaw qafas komuni għal ċerti aspetti ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar kuntratti ta' kreditu, inkluż l-obbligu li ssir valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur qabel ma jingħata kreditu, bħala bażi għall-iżvilupp ta' *standards* ta' sottoskrizzjoni effettivi b'rabta ma' proprjetà residenzjali immobbli, u għal ċerti rekwiżiti prudenzjali u superviżorji, inkluż għall-istabbiliment u s-superviżjoni tal-intermedjarji tal-kreditu.

TAQSIMA II

Tifsir

Tifsir.
Emendat:
A.L. 266 tal-2014;
A.L. 259 tal-2016
A.L. 86 tal-2018.
XVI.2019.72.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"ABE" tfisser l-Awtorità Bankarja Ewropea, stabbilita bir-Regolament (UE) Numru 1093/2010;

"ammont totali ta' kreditu" tfisser il-limitu massimu jew is-somom totali disponibbli taħt ftehim ta' kreditu;

*Imħassrin bl-Avviż Legali 261 tal-2026.
†Ara r-regolament 1(2) kif promulgat oriġinarjament.

"ammont totali pagabbli lill-konsumatur" tfisser is-somma tal-ammont totali tal-kreditu u l-ispiża totali ta' tali kreditu lill-konsumatur;

Kap. 378. "l-Att" tfisser l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

"awtorità regolatorja Ewropea" tfisser korp li jinsab f'pajjiż jew territorju barra minn Malta li huwa Stat Membru, u li huwa awtorizzat bil-liġi jew bir-regolamenti nazzjonali tiegħu, jew mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istat Membru kkonċernat espressament awtorizzati għal dak il-għan bil-liġi nazzjonali, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-infurzar tal-MCD:

Iżda meta jkun hemm aktar minn awtorità regolatorja Ewropea waħda fi Stat Membru, l-awtorità regolatorja Ewropea għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun l-awtorità regolatorja Ewropea li tinħatar mill-Istat Membru kkonċernat bħala l-punt ta' kuntatt waħdieni għall-finijiet tal-MCD skont l-Artikolu 36(1) tal-MCD;

"awtoritajiet kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u d-Direttur Ġenerali;

"CRD" tfisser id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ditti tal-investiment, li temenda id-Direttiva 2002/87/KE u tirrevoka id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, hekk kif ġiet emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull tip ta' miżuri għall-implimentazzjoni, *standards* tekniċi għall-implimentazzjoni, *standards* tekniċi għar-regolamentazzjoni, linji gwida u miżuri simili li ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtha;

"Direttiva 2005/29/KE" tfisser id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill U tar-Regolament (KE) Numru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, hekk kif emendata minn żmien għal żmien;

"Direttiva tal-Protezzjoni tad-*Data* Personali" tfisser id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*, hekk kif ġiet emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull tip ta' miżura għall-implimentazzjoni, *standards* tekniċi għall-implimentazzjoni, *standards* tekniċi għar-regolamentazzjoni, linji gwida u miżuri simili li ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtha;

"Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) kif imfisser fl-Att;

"FEIS" tfisser Fuljett Ewropew ta' Informazzjoni Standardizzata, hekk kif stipulat fl-Ewwel Skeda;

"grupp" tfisser grupp ta' krediturі li ser ikunu konsolidati għall-finijiet tat-tfassil ta' kontijiet konsolidati, kif imfisser fid-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju

2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien;

"intermedjarju ta' kreditu" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx qed taġixxi bħala kreditur jew nutar pubbliku u li ma tkunx sempliċiment tintroduċi, direttament jew indirettament, konsumatur lil kreditur jew lil intermedjarju tal-kreditu, u li fl-eżerċizzju tal-attività kummerċjali, imprenditorjali jew professjonali tagħha, għal rimunerazzjoni li tista' tkun ta' forma pekunjarja jew fi kwalunkwe forma oħra miftiehma ta' korrispettiv finanzjarju:

(*a*) tippreżenta jew toffri kuntratti ta' kreditu lil konsumaturi;

(*b*) tassisti lil konsumaturi billi tagħmel ħidma preparatorja jew amministrazzjoni prekuntrattwali oħra fir-rigward tal-kuntratti ta' kreditu minbarra kif imsemmi fil-paragrafu (*a*); jew

(*ċ*) tikkonkludi kuntratti ta' kreditu ma' konsumaturi f'isem il-kreditur;

"intermedjarju tal-kreditu Ewropew" tfisser intermedjarju tal-kreditu ammess fi Stat Membru ieħor, skont l-MCD;

"intermedjarju tal-kreditu Malti" tfisser intermedjarju tal-kreditu li jkun ammess skont dawn ir-regolamenti;

"intermedjarju tal-kreditu vinkolat" tfisser kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu li jaġixxi f'isem u taħt ir-responsabbiltà sħiħa u mingħajr kundizzjonijiet ta':

(*a*) kreditur wieħed biss;

(*b*) grupp wieħed biss; jew

(*ċ*) numru ta' krediturі jew gruppi li ma jirrappreżentawx il-maġġoranza tas-suq;

"istituzzjoni finanzjarja" tfisser istituzzjoni finanzjarja kif imfissra fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji; Kap. 376.

"istituzzjoni mhux ta' kreditu" tfisser kwalunkwe kreditur li mhuwiex istituzzjoni ta' kreditu;

"konsumatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, fit-transazzjonijiet koperti bl-Att jew b'kull regolament magħmul taħt dawn ir-regolamenti li jkun jinkludi dawn ir-regolamenti, tkun qed taġixxi għall-finijiet li huma barra mill-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

"kreditu" tfisser kreditu li jidħol fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti skont ir-regolament 3;

"kreditur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, kif debitament awtorizzata, tagħti jew twiegħed li tagħti kreditu li jaqa' fl-eżerċizzju tal-attività kummerċjali, imprendatorjali jew professjonali tagħha;

"kreditur Ewropew" tfisser instituzzjoni tal-kreditu li hija awtorizzata fi Stat Membru ieħor skont is-CRD u li eżerċitat id-dritt tagħha li tistabbilixxi fergħa jew li tipprovdi servizzi f'Malta

skont is-CRD;

"kreditur Malti" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u, jew, istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza skont l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji sabiex twettaq self;

Kap. 371.

Kap. 376.

"kuntratt pubbliku ta' self" tfisser l-istrument legali li għandu jkun iffirmat quddiem Nutar Pubbliku bħala parti mill-garanzija meħtieġa mill-kreditur fil-ftehim ta' kreditu;

"kuntratt ta' kreditu" tfisser kuntratt li bih kreditur jagħti jew iwiegħed li jagħti, lil konsumatur, kreditu fil-forma ta' pagament differit, self jew faċilità finanzjarja simili oħra u għandu jkun distint minn kuntratt pubbliku ta' self;

"kuntratt ta' kreditu b'ekwità kondiviża" tfisser kuntratt ta' kreditu fejn il-kapital ripagabbli jkun ibbażat fuq perċentwali ffissata fuq perċentewali ffissata kuntrattwalment tal-valur tal-proprjetà immobbli fil-mument tal-ħlas lura tal-kapital;

"MCD" tfisser id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar ftehim ta' kreditu għal konsumatur marbuta ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura li timplimenta *standards* tekniċi, standards *tekniċi* regolatorji, linji gwida u miżuri simili li ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtha;

"mezz durabbli" tfisser kull strument li jippermetti lill-konsumatur jaħżen informazzjoni indirizzata lilu personalment b'mod li tkun aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li tippermetti r-riproduzzjoni mhix mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

"MFSA" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta stabbilita bl-Att għas-Servizzi Finanzjari ta' Malta;

Kap. 330.

"Nutar Pubbliku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili;

Kap. 55.

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"persunal" tfisser:

(*a*) kwalunkwe persuna fiżika li taħdem għall-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu li tkun direttament involuta fl-attivitajiet koperti minn dawn ir-regolamenti jew li għandha kuntatti mal-konsumaturi matul l-attivitajiet koperti minn dawn ir-regolamenti;

(*b*) kwalunkwe persuna fiżika li b'mod dirett tiġġestixxi jew tissorvelja fuq persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafu (*a*);

"prattika ta' abbinar (*bundling*)" tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta' kuntratt ta' kreditu f'pakkett ma' prodotti jew servizzi finanzjarji distinti oħrajn fejn il-kuntratt ta' kreditu jkun disponibbli għall-konsumatur b'mod separat ukoll, iżda mhux neċessarjament bl-

istess termini jew kundizzjonijiet bħal dawk ta' meta jiġi offrut flimkien mas-servizzi anċillari;

"prattika ta' rbit" tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta' kuntratt ta' kreditu f'pakkett ma' prodotti jew servizzi distinti finanzjarji oħra fejn il-kuntratt ta' kreditu ma jkunx disponibbli għall-konsumatur b'mod separat;

"Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili; L.S. 12.19.

"rappreżentant maħtur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiżvolġi attivitajiet skont it-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" li taġixxi f'isem u taħt ir-responsabbiltà sħiħa u mingħajr kundizzjonijiet ta' intermedjarju tal-kreditu wieħed biss;

"rata perċentwali annwali tal-imposti" jew "RPAI" tfisser il-kost totali tal-kreditu lill-konsumatur, indikata bħala perċentwali annwali tal-ammont totali tal-kreditu, fejn applikabbli, inkluż l-ispejjeż imsemmijin fir-regolament 21(2) u li, fuq bażi annwali, hija ekwivalenti għall-valur preżenti tal-impenji kollha futuri u eżistenti (prelevamenti, ħlas lura u imposti) miftehmin bejn il-kreditur u l-konsumatur;

"rata ta' self" tfisser ir-rata t'imgħax espressa bħala perċentwal fiss jew varjabbli applikata fuq bażi annwali fuq l-ammont ta' kreditu miġbud;

"rata fissa ta' self" tfisser li l-kreditur u l-konsumatur jaqblu fil-ftehim ta' kreditu fuq rata ta' self waħda għat-tul kollu tal-ftehim tal-kreditu jew jaqblu fuq diversi rati ta' self għal perjodu parzjali billi jużaw esklużivament pereċentwali speċifiku fiss. Jekk fil-ftehim ta' kreditu ma jkunux stabbiliti r-rati ta' self kollha, ir-rata ta' self għandha titqies bħala fissa biss għall-perjodi parzjali li għalihom ir-rati ta' self ikunu stabbiliti esklussivament permezz ta' perċentwali speċifika fissa miftiehma fil-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu;

"Regola ta' Intermedjarju tal-Kreditu" tfisser ir-regola maħruġa mill-MFSA, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010" ifisser ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/ KE, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura li timplimenta *standards* tekniċi, *standards* tekniċi regolatorji, linji gwida u miżuri simili li ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtu;

"responsabbiltà jew garanzija kontinġenti" tfisser kuntratt ta' kreditu li jagixxi bħala garanzija għal transazzjoni oħra separata iżda anċillari, u fejn il-kapital garantit permezz ta' proprjetà immobbli jinġibed biss jekk iseħħ avveniment jew avvenimenti speċifikati fil-kuntratt;

"riklam" tfisser kull rappreżentazzjoni, inkluži katalogu, ċirkolari u lista ta' prezzijiet, dwar xi kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex tinġieb 'il quddiem il-provvista jew it-

trasferiment ta' oġġetti jew servizzi, proprjeta` immobbli, drittijiet jew obbligazzjonijiet u il-kelma "reklamar" għandha tiftiehem hekk;

"self f'munita barranija" tfisser kuntratt ta' kreditu fejn il-kreditu huwa:

(*a*) denominat f'munita li mhux dik li fiha l-konsumatur jirċievi d-dħul jew li fiha għandu l-attiv li minnhom ser jitħallas il-kreditu; jew

(*b*) denominat f'munita li mhux dik tal-Istat Membru ta' residenza tal-konsumatur;

"Self intermedjarju" tfisser kuntratt ta' kreditu li m'għandux tul ta' żmien fiss jew li għandu jitħallas lura fi żmien tnax-il xahar, li huwa użat mill-konsumatur bħala soluzzjoni ta' finanzjament temporanju waqt it-transizzjoni għal arranġament finanzjarju ieħor fir-rigward tal-proprjetà immobbli;

"servizz anċillari" tfisser servizz offrut lill-konsumatur b'rabta mal-kuntratt ta' kreditu;

"servizzi ta' konsulenza" tfisser il-forniment ta' rakkomandazzjonijiet personali lil konsumatur rigward transazzjoni waħda jew aktar relatati ma' kuntratti ta' kreditu u tikkostittwixxi attività separata mill-għoti ta' kreditu, u mill-attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu skont it-tifsira "intermedjarju tal-kreditu";

"spiża totali tal-kreditu lill-konsumatur" tfisser l-ispejjeż kollha, inklużi l-imghax, il-kummissjonijiet, it-taxxi u kull tip ieħor ta' tariffi u, jew ħlas, ikun kif ikun imfisser, u li jitħallas lil kull min ikun, li l-konsumatur ikollu jħallas b'konnessjoni mal-kuntratt ta' kreditu u li l-kreditur ikun jaf bihom. Dawn għandhom jinkludu wkoll l-ispejjeż tal-valutazzjoni tal-proprjetà, fejn din il-valutazzjoni hija neċessarja sabiex jinkiseb il-kreditu, imma li jeskludi l-ħlasijiet hawn taħt imsemmija:

(*a*) tariffi notarili;

(*b*) tariffi għar-registrazzjonijiet fir-Reġistru Pubbliku u fir-Reġistru tal-Artijiet;

(*ċ*) spejjeż relatati mar-riċerki għat-titolu tal-art jew proprjetà;

(*d*) spejjeż relatati mal-valutazzjoni ta' proprjetà, sakemm tali valutazzjoni hija meħtieġa mill-kreditur;

(*e*) spejjeż assoċjati mal-provdiment ta' garanzija;

(*f*) taxxi tal-boll;

(*g*) tariffi oħra anċillari rigward il-publikazzjoni tal-att pubbliku ta' self;

(*h*) tariffi oħra għat-trasferiment ta' titolu ta' proprjetà immobbli, u

(*i*) tariffi oħra mħallsa mill-konsumatur għal xi nuqqas min-naħa tiegħu sabiex ikun konformi mat-termini mniżżla fil-kuntratt tal-kreditu:

Iżda l-ispejjeż rigward servizzi anċillari relatati mal-kuntratt

tal-kreditu, b'mod partikolari assigurazzjonijiet, huma inklużi wkoll jekk, barra minn hekk, il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz huwa obbligatorju sabiex kreditur jikseb tali kreditu skont it-termini u kundizzjonijiet stipulati;

"Stat Membru" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"Stat Membru tad-domiċilju" tfisser:

(*a*) fejn il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu huwa persuna fiżika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu;

(b) fejn il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu jkun persuna ġuridika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew, jekk taħt il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollux uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu;

"Stat Membru ospitanti" tfisser l-Istat Membru, li ma jkunx l-Istat Membru tad-domiċilju, li fih il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu jkollu fergħa jew jipprovdi servizzi;

"Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji stabbilit taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

"valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja" tfisser l-evalwazzjoni tal-prospetti li l-obbligu tad-dejn li jirriżulta mill-kuntratt ta' kreditu jiġi sodisfatt.

TAQSIMA III

Ambitu u Applikabilità

Skop u applikabilità. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal:

(*a*) ftehim ta' kreditu li huma garantiti b'ipoteka jew privileġġ fuq proprjetà immobbli residenzjali jew garantiti bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli residenzjali; u

(*b*) kuntratti ta' kreditu li l-għan tagħhom huwa li jinkisbu jew jinżammu drittijiet ta' proprjetà f'art jew f'bini eżistenti jew ipproġettat.

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal:

(*a*) kuntratti ta' kreditu għar-rilaxx ta' ekwità fejn il-kreditur:

(i) jikkontribwixxi somma f'daqqa, pagamenti perjodiċi jew forom oħra ta' żburżar ta' kreditu bi skambju għal somma li tirriżulta mill-bejgħ futur ta' proprjetà immobbli residenzjali jew dritt relatat ma' proprjetà immobbli residenzjali; u

(ii) ma jippretendix il-ħlas lura tal-kreditu sakemm iseħħ avveniment speċifiku wieħed jew aktar, fil-ħajja tal-konsumatur kif jista' jkun iddefinit mill-awtoritajiet kompetenti, ħlief jekk il-konsumatur jikser l-obbligi kuntrattwali li jippermetti lill-kreditur li jtemm il-kuntratt ta'

kreditu;

(*b*) kuntratti ta' kreditu fejn il-kreditu jingħata minn min iħaddem lill-impjegati tiegħu bħala attività sekondarja fejn tali kuntratt ta' kreditu jingħata mingħajr imgħax jew b'RPAI aktar baxxi minn dawk prevalenti fis-suq u li mhumiex offruti lill-pubbliku ġenerali;

(*ċ*) kuntratti ta' kreditu fejn il-kreditu jingħata mingħajr imgħax u mingħajr xi imposti oħrajn ħlief dawk li jkopru l-ispejjeż relatati direttament mal-garanzija fuq il-kreditu;

(*d*) kuntratti ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ipotekarja u fejn il-kreditu jrid jitħallas lura fi żmien xahar;

(*e*) kuntratti ta' kreditu li huma r-riżultat ta' ftehim milħuq quddiem il-qorti jew quddiem awtorità statutorja oħra;

(*f*) kuntratti ta' kreditu relatati mal-pagament differit, mingħajr ħlas, ta' dejn eżistenti u li ma jaqgħux fl-ambitu tas-sub-regolament (1)(*a*).

Miżjuda: A.L. 259 tal-2016.

TAQSIMA IV

Awtoritajiet Kompetenti

Awtoritajiet kompetenti. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016; Emendat: XVI.2019.72.*

3A. (1) L-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu l-MFSA u d-Direttur Ġenerali:

Iżda l-punt ta' kuntatt waħdieni għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jittrasponu l-MCD, u li jirċievi talbiet għall-iskambju ta' informazzjoni jew koperazzjoni skont l-Artikolu 36(1) tal-MCD għandu jkun l-MFSA.

(2) L-MFSA u d-Direttur Ġenerali, bil-għan li jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti, għandhom:

(*a*) jikkooperaw ma' xulxin kull meta jkun meħtieġ sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom taħt dawn ir-regolamenti, inkluż għall-finijiet ta' kooperazzjoni mal-ABE kif meħtieġ taħt dawn ir-regolamenti; u

(*b*) jikkollaboraw mill-qrib sabiex iwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom b'mod effettiv:

Iżda fir-rigward ta' dan is-subregolament u ta' kull referenza oħra f'dawn ir-regolamenti għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti mid-Direttur Ġenerali, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi mogħtija lill-Qorti Ċivili permezz tal-Att u permezz tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, u għall-proċeduri ġudizzjarji stabbiliti fl-Att.

Kap. 510.

(3) L-awtoritajiet kompetenti, il-persuni kollha li jaħdmu jew li kienu jaħdmu għall-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll awdituri u esperti mogħtija istruzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, għandhom ikunu marbuta bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti mil-ligi

kriminali jew minn dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet kompetenti, il-persuni kollha li jaħdmu jew li kienu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll awdituri u esperti mogħtija istruzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx, kemm-il darba dik l-informazzjoni ma tkunx f'forma mqassra jew aggregata, jiżvelaw ebda informazzjoni kunfidenzjali li huma jistgħu jirċievu fil-kors tad-dmirijiet tagħhom lil xi persuna jew awtorità tkun liema tkun:

Iżda dan is-sub-regolament ma għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw jew jittrasmettu informazzjoni kunfidenzjali skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea.

(5) L-MFSA għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lill-ABE bin-nomina tal-MFSA u d-Direttur Ġenerali, skont l-Artikolu 5(4) tal-MCD, u kull tibdil li ssir għal dawk in-nomini, u tindika kwalunkwe diviżjoni fid-dmirijiet rispettivi bejn l-MFSA u d-Direttur Ġenerali:

Iżda t-tali notifika għandha ssir kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

(6) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom direttament f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Setgħat u dmirijiet tal-MFSA. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

3B. (1) Huwa d-dmir tal-MFSA li twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet stabbiliti b'dawn ir-regolamenti u kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom u biex jiġi żgurat li l-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu li jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'Malta josservaw dawn ir-regolamenti u kull direttiva u r-Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu magħmula jew maħruġa taħthom, u l-kundizzjonijiet ta' ammissjoni tagħhom:

Iżda sabiex dan l-obbligu jitwettaq, l-MFSA għandha f'kull ħin tagħti tali kooperazzjoni lid-Direttur Ġenerali, hekk kif id-Direttur Ġenerali jista' jitlob fil-qadi ta' dmirijietu.

(2) L-MFSA għandha tissorvelja l-attivitajiet ta' krediturі u intermedjarji tal-kreditu sabiex tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom.

(3) L-MFSA tista' toħroġ Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu sabiex jitwettqu aħjar u sabiex jiġu implimentati aħjar id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għall-fini tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe linja gwida, rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet maħruġa mill-ABE skont ir-Regolament (UE) Nru. 1093/2010.

(4) Ir-Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu għandhom ikunu jorbtu lill-intermedjarji tal-kreditu u oħrajn li jista' jiġi speċifikat fihom.

(5) Ir-Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu u kull emenda jew revoka tagħhom għandhom ikunu kkomunikati b'mod uffiċjali lill-intermedjarji tal-kreditu u l-MFSA għandha tagħmel kopji tagħhom disponibbli għall-pubbliku.

(6) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa mogħtija lilha b'dawn ir-regolamenti, l-MFSA tista', kull meta tara li hu

neċessarju, tagħti, b'avviż bil-miktub, dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jitwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet preskritti minn dawn ir-regolamenti jew xi Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom:

Iżda s-setgħa li jingħataw istruzzjonijiet taħt dan is-subregolament għandha tinkludi s-setgħa li wieħed ivarja, jibdel, iżid jew jirtira kull direttiva, kif ukoll is-setgħa li jinħargu istruzzjonijiet ġodda jew aktar direttivi.

(7) Kull persuna li lilha jingħata avviż skont is-subregolament (6) għandha tobdi, tosserva u mod ieħor tagħti effett lil kull tali direttiva fiż-żmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva.

(8) Meta l-MFSA tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, din tista' fi kwalunkwe ħin tagħmel pubblika kull direttiva li tkun tat taħt id-dispozizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(9) Fil-każ ta' dubju raġonevoli dwar jekk l-attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu skont it-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" fir-regolament 2, qegħdin jew mhux qegħdin jiġu nnegozjati f'Malta jew minn Malta minn xi persuna, il-kwistjoni għandha tiġi determinata konklussivament mill-MFSA.

Miżjuda: A.L. 259 tal-2016.

TAQSIMA V

Edukazzjoni Finanzjarja tal-Konsumatur

Edukazzjoni finanzjarja tal-konsumatur. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

3Ċ. (1) L-MFSA għandha tippromwovi miżuri li jappoġġjaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi b'rabta ma' self u ġestjoni tad-dejn responsabbli, b'od partikolari fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu.

(2) L-MFSA għandha tipprovdi informazzjoni ċara u ġenerali għall-konsumaturi dwar il-proċess tal-għoti tal-kreditu fir-rigward ta' kreditu, sabiex tiggwida lill-konsumaturi, speċjalment dawk li jidħlu fi ftehim ta' kreditu għall-ewwel darba.

(3) Sabiex twettaq l-obbligu preskritt fis-subregolament (2), l-MFSA tista' titlob l-assistenza tal-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu, bil-miktub, li għandhom jassistu u jipprovdu lill-MFSA fil-ħin, kull informazzjoni li l-MFSA tista' teħtieġ.

(4) L-MFSA tista' titlob ukoll lill-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu, bil-miktub, biex jipprovdu informazzjoni ċara u ġenerali għall-konsumaturi dwar il-proċess tal-għoti tal-kreditu fir-rigward ta' kreditu, sabiex tiggwida lill-konsumaturi, speċjalment dawk li jidħlu fi ftehim ta' kreditu għall-ewwel darba.

(5) Kull informazzjoni provduta lill-konsumaturi mill-MFSA skont is-subregolament (2) u kull informazzjoni li l-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu huma meħtieġa li jipprovdu lill-konsumaturi skont is-subregolament (4) għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

(6) L-MFSA għandha wkoll ixxerred informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-gwida, li tista' tiġi ppubblikata minn żmien għal żmien mill-MFSA u, jew, minn krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu skont is-subegolament (5), kif ukoll rigward xi gwida dwar il-proċess tal-għoti tal-kreditu fir-rigward ta' kreditu, li jistgħu jiġu pprovduti lill-konsumaturi mid-Direttur Ġenerali u minn

organizzazzjonijiet tal-konsumatur minn żmien għal żmien.

TAQSIMA VI

Emendata: A.L. 259 tal-2016.

Obbligi tal-kreditur u tal-intermedjarju ta' Kreditu

Obbligu li jiġu osservati dawn ir-regolamenti. *Sostitwit: A.L. 259 tal- 2016.*

4. (1) Kreditur u intermedjarju tal-kreditu għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw konformità sħiħa ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Intermedjarju tal-kreditu għandu:

(*a*) jindika f'riklamar u f'dokumentazzjoni maħsuba għall-konsumaturi, il-medda tas-setgħat tiegħu, b'mod partikolari jekk huwa intermedjarju tal-kreditu vinkolat, u f'dan il-każ, jekk hux qed jaġixxi f'isem u taħt ir-responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata ta' kreditur wieħed biss, grupp wieħed biss, jew numru ta' krediturі jew gruppi li ma jirrappreżentax il-maġġoranza tas-suq;

(*b*) jiżvela d-dritt, jekk ikun hemm, li għandu jitħallas mill-konsumatur għas-servizzi tiegħu, liema dritt għandu jiġi miftiehem bil-miktub jew fuq mezz durabbli bejn il-konsumatur u l-intermedjarju tal-kreditu qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu; u

(*ċ*) jiżvela d-dritt, jekk ikun hemm, li jitħallas mill-konsumatur lill-intermedjarju tal-kreditu għas-servizzi tiegħu lill-kreditur għall-fini tal-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti.

Obbligu li tingħata informazzjoni mingħajr ħlas lill-konsumaturi. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

4A. Meta l-informazzjoni tingħata lill-konsumaturi f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, tali informazzjoni għandha tingħata lill-konsumatur mingħajr ħlas.

Twettiq ta' obbligi kummerċjali meta jingħata kreditu lill-konsumaturi. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

5. (1) Meta jitfasslu prodotti ta' kreditu li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti skont ir-regolament 3, jew jingħataw, jiġu intermedjati jew jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza dwar il-kreditu u, fejn ikun il-każ, servizzi anċillari lill-konsumaturi jew meta jwettqu kuntratt ta' kreditu, il-kreditur u, jew l-intermedjarju tal-kreditu għandhom jaġixxu b'mod onest, ġust, trasparenti u professjonali, filwaqt li jqisu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi:

Iżda fir-rigward tal-għoti, intermedjar jew il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza fuq il-kreditu u, fejn opportun, ta' servizzi anċillari, l-attivitajiet għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-konsumatur u kwalunkwe ħtieġa speċifika li jsemmi l-konsumatur u fuq suppożizzjonijiet raġonevoli dwar ir-riskji għas-sitwazzjoni tal-konsumatur matul it-terminu tal-kuntratt ta' kreditu:

Iżda wkoll, fir-rigward ta' tali għoti ta' servizzi ta' konsulenza, l-attività għandha wkoll tkun ibbażata fuq l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu tas-sub-regolament tar-regolament 8B(3)(*a*).

(2) Krediturи u intermedjarji tal-kreditu għandhom jiżguraw li l-mod li bih il-persunal tagħhom u l-intermedjarji tal-kreditu relevanti jitħallsu, ma jfixkilx il-konformità mal-obbligu li jaġixxu b'mod konformi mal-obbligu stipulat fis-subregolament (1).

(3) Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politika dwar ir-rimunerazzjoni għall-persunal responsabbli għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, il-krediturи għandhom josservaw il-prinċipji li ġejjin b'mod u sal-punt li jkun xieraq għad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-għan u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:

(*a*) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar tajjeb u effettiv tar-riskji u ma tinkoraġġix teħid tar-riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-kreditur;

(*b*) il-politika ta' rimunerazzjoni hija konformi mal-istrateġija ta' negozju, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-kreditur, u tinkorpora miżuri biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, b'mod partikolari billi tipprevedi li r-rimunerazzjoni mhijiex kontinġenti fuq l-għadd jew proporzjoni tal-applikazzjonijiet aċċettati.

(4) Krediturи u intermedjarji tal-kreditu li jipprovdu servizzi ta' konsulenza għandhom jiżguraw li l-istruttura tar-rimunerazzjoni tal-persunal involut ma jippreġudikax l-abbiltà tagħhom li jaġixxu fl-aħjar interess tal-konsumatur u partikolarment li ma jkunx kontinġenti fuq miri ta' bejgħ.

Rekwiżiti tal-għarfien u kompetenza tal-persunal. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

6. (1) Krediturи u intermedjarji tal-kreditu għandhom jeħtieġu li l-persunal tagħhom ikollhom u jżommu aġġornat livell xieraq ta' għarfien u kompetenza b'rabta mat-tfassil, l-offerta jew l-għoti ta' kuntratti ta' kreditu, it-twettiq ta' attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu skont it-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" fir-regolament 2, jew l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza.

(2) Meta l-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu tinkludi servizz anċillari, il-krediturи u l-intermedjarji tal-kreditu għandhom ukoll jeħtieġu li l-persunal tagħhom ikollhom u jżommu aġġornat livell xieraq ta' għarfien u kompetenza b'rabta ma' dak is-servizz anċillari.

(3) Meta Malta hija l-Istat Membru tad-domiċilju, l-MFSA għandha tkun responsabbli biex tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' għarfien u kompetenza għall-persunal tal-krediturи Maltin u tal-intermedjarji tal-kreditu Maltin, bi qbil mal-prinċipji stabbiliti fit-Tielet Skeda:

Iżda meta kreditur Malti, jew intermedjarju ta' kreditu Malti jipprovdi s-servizzi tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar permezz tat-twaqqif ta' fergħa, l-awtorità responsabbli għall-istabbiliment tar-rekwiżiti minimi tal-għarfien u l-kompetenza applikabbli għall-persunal ta' tali fergħa, għandha, skont il-paragrafu (i) tal-Artikolu 9(3) tal-MCD, tkun l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti:

Iżda wkoll meta kreditur Malti, jew intermedjarju tal-

kreditu Malti jipprovdi s-servizzi tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar, skont il-libertà tal-għoti ta' servizzi, l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti tista', skont il-paragrafu (ii) tal-Artikolu 9(3) tal-MCD, tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-għarfien u kompetenza msemmija fil-paragrafu 1(*b*), (*ċ*), (*e*) u (*f*) tat-Tielet Skeda.

(4) Meta Malta hija l-Istat Membru ospitanti, u kreditur Ewropew jew intermedjarju ta' kreditu Ewropew jipprovdi s-servizzi tiegħu fi ħdan it-territorju ta' Malta:

(*a*) permezz tal-istabbiliment ta' fergħa, l-MFSA għandha tkun responsabbli biex tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-għarfien u l-kompetenza applikabbli għall-persunal ta' tali fergħa skont t-Tielet Skeda;

(*b*) skont il-libertà tal-għoti ta' servizzi, l-MFSA tista' tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' għarfien u kompetenza għal dawk ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1(*b*), (*ċ*), (*e*) u (*f*) tat-Tielet Skeda.

(5) L-MFSA għandha tissorvelja l-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu li huma awtorizzati jipprovdu s-servizzi tagħhom f'Malta, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tas-subregolamenti (1) sa (4):

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subregolament, l-MFSA għandu jkollha s-setgħa li titlob dawn il-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu li jipprovdu tali prova li l-MFSA jista' jidhrilha meħtieġa.

(6) Meta Malta hija l-Istat Membru ta' domiċilju, għas-superviżjoni effettiva tal-krediturі Maltin u l-intermedjarji tal-kreditu Maltin li jipprovdu s-servizzi tagħhom fit-territorju ta' Stati Membri oħra skont il-libertà tal-għoti ta' servizzi, l-MFSA għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti għas-superviżjoni effettiva u l-infurzar tar-rekwiżiti minimi ta' għarfien u kompetenza tal-Istat Membru ospitanti.

(7) Meta Malta hija l-Istat Membru ospitanti, għas-superviżjoni effettiva tal-krediturі Ewropej u l-intermedjarji tal-kreditu Ewropej li jipprovdu s-servizzi tagħhom f'Malta skont il-libertà tal-għoti ta' servizzi, l-MFSA għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju għas-superviżjoni u infurzar effettiv tar-rekwiżiti minimi tal-għarfien u l-kompetenza stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti u kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom.

(8) Għall-finijiet tas-subregolamenti (6) u (7), l-MFSA tista', skont l-Artikolu 9(5) tal-MCD:

(*a*) tiddelega kompiti u responsabbiltajiet lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej ta' Stati Membri oħra;

(*b*) ikunu delegati lilha kompiti u responsabbiltajiet mill-awtoritajiet regolatorji Ewropej ta' Stati Membri oħra.

(9) L-MFSA tista' toħroġ, temenda jew tirrevoka Regoli tal-Intermedjarji ta' Kreditu hekk kif hija tikkonsidra xieraq għat-

twettiq fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u tat-Tielet Skeda.

(10) Kull kriterju stabbilit mill-MFSA sabiex intermedjarji tal-kreditu jew il-persunal ta' krediturijissodisfaw ħtiġiet professjonali tagħhom, għandu jkun pubbliku.

Miżjuda: A.L. 259 tal-2016.

TAQSIMA VII

Informazzjoni u prattiċi preliminari għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu

Obbligu li tingħata informazzjoni prekuntrattwali. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

7. (1) Il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu għandhom jipprovdu lill-konsumatur l-informazzjoni personalizzata meħtieġa sabiex ikun jista' jqabbel il-krediti disponibbli fis-suq, jivvaluta l-implikazzjonijiet tagħhom u jagħmel deċiżjoni informata dwar jekk jikkonkludix kuntratt ta' kreditu:

(*a*) mingħajr dewmien żejjed wara li l-konsumatur ikun ta l-informazzjoni neċessarja dwar il-ħtiġiet tiegħu, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-preferenzi skont ir-regolament 12;

(*b*) fi żmien biżżejjed qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe kuntratt jew offerta; u

(*ċ*) fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor.

(2) L-informazzjoni personalizzata msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun ipprovduta permezz tal-FEIS, kif stipulat fl-Ewwel Skeda:

Iżda għall-finijiet tas-subregolament (2), il-kreditur u fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jistgħu jkomplu jużaw il-FEIS applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament sal-21 ta' Marzu 2019.

(3) Krediturijew, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu, għandhom jipprovdu l-FEIS lill-konsumatur qabel il-forniment ta' offerta li torbot lill-kreditur:

Iżda, meta offerta li torbot lill-kreditur tingħata lill-konsumatur, din għandha tkun provduta fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor u, fejn karatteristiċi tal-offerta huma differenti mill-informazzjoni li tinsab fl-FEIS ipprovduta preċedentement bi qbil ma dan ir-regolament, din għandha tkun akkumpanjata minn FEIS aġġornata.

(4) Il-konsumatur għandu jkun intitolat għal perjodu ta' sebat (7) ijiem sħaħ, sabiex jiġi żgurat li hemm biżżejjed ħin biex iqabbel offerti, jivvaluta l-implikazzjonijiet tagħhom u jieħu deċiżjoni infurmata:

Iżda, il-perjodu ta' żmien imsemmi f'dan is-subregolament għandu jkun perjodu ta' riflessjoni qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu:

Iżda ukoll il-perjodu ta' riflessjoni speċifikat f'dan is-subregolament għandu:

(*a*) jkun jorbot lill-kreditur għat-tul tal-perjodu ta'

riflessjoni; u

(*b*) jippermetti li l-konsumatur jista' jaċċetta l-offerta fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu ta' riflessjoni.

(5) Il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu li jkun ippravda l-FEIS lill-konsumatur, għandhom jitqiesu li ssodisfaw il-ħtiġiet rigward l-għoti tal-informazzjoni lill-konsumatur qabel il-konklużjoni ta' kuntratt mill-bogħod kif stabbilit fir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar *Distance Selling* (*Retail Financial Services*) u għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolament 6(1) tar-Regolamenti dwar *Distance Selling* (*Retail Financial Services*) fejn tal-inqas ikun ġie provdut l-FEIS qabel il-konklużjoni tal-kuntratt. L.S. 330.07

(6) Il-mudell FEIS stipulat fl-Ewwel Skeda m'għandux jiġi modifikat:

Iżda, meta l-kreditur jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu, jixtieq jipprovdi lill-konsumatur xi informazzjoni addizzjonali, u, jew fejn il-kreditur, jew fejn applikabbli l-intermedjarju tal-kreditu, huwa meħtieġ bil-liġi nazzjonali biex jipprovdI lill-konsumatur xi informazzjoni addizzjonali, din l-informazzjoni addizzjonali għandha tingħata f'dokument separat li jista' jiġi anness mal-FEIS.

(7) Fil-każ ta' komunikazzjonijiet ta' telefonija bil-vuċi, kif imsemmi fir-regolament 5(3) tar-Regolamenti dwar *Distance Selling* (*Retail Financial Services*), id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tas-servizz finanzjarju li għandha tiġi pprovduta skont is-subparagrafu (ii) tal-proviso tas-subregolament (3)(a) tar-regolament 5 tar-Regolamenti dwar Distance Selling (Retail Financial Services), għandha tinkludi mill-inqas il-punti msemmija fit-taqsimiet 3 sa 6 tal-Parti A tal-Ewwel Skeda. L.S. 330.07

(8) Il-kreditur jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu għandu, fiż-żmien tal-provvista ta' offerta li torbot lill-kreditur, jipprovdi lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu eventwalment mdaħħla fil-kuntratt ta' kreditu.

Spjegazzjonijiet adegwati. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

7A. (1) Krediturи u, fejn applikabbli, intermedjarji tal-kreditu għandhom jippravdu spjegazzjonijiet adegwati lill-konsumatur dwar il-kuntratt ta' kreditu propost u kwalunkwe servizzi anċillari, sabiex il-konsumatur ikun f'pożizzjoni li tippermettilu jivvaluta jekk il-kuntratt ta' kreditu propost u s-servizzi anċillari huma adattati għall-ħtiġiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

(2) L-ispjegazzjonijiet adegwati msemmija fis-sub-regolament (1) għandhom, fejn ikun applikabbli, jinkludu b'mod partikolari:

(*a*) spjegazzjoni tal-informazzjoni u t-termini inklużi fl-informazzjoni prekuntrattwali li għandha tiġi pprovduta skont ir-regolament 9 fil-każ ta' krediturи u r-regolamenti 9 u 10 fil-każ ta' intermedjarji tal-kreditu;

(*b*) il-karatteristiċi essenzjali tal-prodott propost;

(*ċ*) l-effetti speċifiċi li l-prodotti proposti jistgħu jkollhom fuq il-konsumatur, inklużi l-konsegwenzi ta' nuqqas

ta' ħlas mill-konsumatur; u

(*d*) fejn is-servizzi anċillari jiġu abbinati ma' kuntratt ta' kreditu, jekk kull komponent tal-grupp jistax jiġi terminat separatament u l-implikazzjonijiet għall-konsumatur jekk dan isir.

(3) Id-Direttur Ġenerali jista' jadatta l-mod li bih u sa fejn l-ispjegazzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) huma mogħtija, kif ukoll min għandu jipprovdi tali assistenza, għaċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni li fiha jiġi offrut il-kuntratt ta' kreditu, il-persuna li lilha qed jiġi offrut u t-tip ta' kreditu offrut.

Kontenut ta' informazzjoni prekuntrattwali. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

8. (1) Kredituri u, fejn applikabli, intermedjarji tal-kreditu vinkolati għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni ġenerali ċara u li tinftiehem dwar kuntratti ta' kreditu f'kull ħin, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor jew f'forma elettronika, u kemm jista' jkun, f'lingwaġġ sempliċi u li jkun jista' jinftiehem faċilment mill-konsumatur.

(2) L-informazzjoni ġenerali msemmija fis-subregolament (1) għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

(*a*) l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-kreditur;

(*b*) where applicable, the identity and geographical address of the credit intermediary involved;

(*ċ*) fejn applikabbli, l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju tal-kreditu involut;

(*d*) il-forom ta' garanzija, inkluża, fejn applikabbli, il-possibbiltà li tkun tinsab fi Stat Membru differenti;

(*e*) deskrizzjoni tat-tipi ta' kuntratti ta' kreditu disponibbli, inkluża deskrizzjoni fil-qosor tad-differenzi bejn il-prodotti b'rata fissa u varjabbli u l-implikazzjonijiet relatati għall-konsumatur;

(*f*) lista ta' elementi ta' spejjeż relatati, bħalma huma spejjeż amministrattivi, spejjeż ta' assigurazzjoni, spejjeż legali, u fejn applikabbli, l-ispejjeż tal-intermedjarji;

(*g*) indikazzjoni tal-ispiża ta' kuntratt ta' kreditu tipiku għall-konsumatur;

(*h*) it-tul ta' żmien possibbli tal-kuntratti ta' kreditu;

(*i*) indikazzjoni tal-munita jew il-muniti li fihom huwa disponibbli l-kreditu li jaqa' fi ħdan l-ambitu ta'dawn ir-regolamenti skont ir-regolament 3, inkluża spjegazzjoni tal-implikazzjonijiet għall-konsumatur meta l-kreditu taħt il-kuntratt ta' kreditu ikun iddenominat f'munita barranija;

(*j*) it-tipi ta' rati ta' self disponibbli, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta' tali rati u, fejn disponibbli, kwalunkwe rata ta' indiċi jew ta' referenza applikabbli għar-rata inizjali ta' self, kif ukoll il-perjodi, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal bidliet fir-rata tas-self:

Iżda jekk japplikaw rati differenti f'ċirkostanzi differenti, l-informazzjoni ta' hawn fuq għandha tiġi pprovduta fir-rigward ta' kull rata applikabbli;

(*k*) eżempju indikattiv tal-ammont totali ta' kreditu, l-ispiża totali tal-kreditu għall-konsumatur, l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur u l-RPAI;

(*l*) indikazzjoni ta' aktar spejjeż possibbli, mhux inklużi fl-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur, li jkollhom jitħallsu b'rabta mal-kuntratt ta' kreditu;

(*m*) il-firxa ta' għażliet differenti disponibbli għar-rimborż tal-kreditu lill-kreditur, inkluż in-numru, il-frekwenza u l-ammont ta' pagamenti ta' ħlas lura regolari;

(*n*) fejn applikabbli, stqarrija ċara u konċiża li l-konformità mat-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' kreditu ma jagħtux garanzija ta' ħlas lura tal-ammont totali ta' kreditu fil-kuntratt ta' kreditu;

(*o*) deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu direttament mal-ħlas lura bikri;

(*p*) jekk valutazzjoni tal-proprjetà hijiex meħtieġa u, fejn applikabbli, min huwa responsabbli biex jiżgura li l-valutazzjoni titwettaq, u jekk tinħoloqx xi spiża oħra relata għall-konsumatur;

(*q*) dettalji dwar kif tista' tinkiseb informazzjoni dwar ħelsien mit-taxxa fuq l-imgħax tal-kuntratt tal-kreditu jew sussidji pubbliċi oħra;

(*r*) indikazzjoni ta' servizzi anċillari li l-konsumatur huwa obbligat li jixtri sabiex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb bit-termini u l-kundizzjonijiet irreklamati, u, fejn applikabbli, kjarifika li s-servizzi anċillari jistgħu jiġu mixtrija minn fornitur li mhuwiex il-kreditur; u

(*s*) twissija ġenerali li tikkonċerna l-konsegwenzi possibbli ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji marbutin mal-kuntratt ta' kreditu.

(3) Id-Direttur Ġenerali jista' jobbliga lill-krediturі biex jinkludu tipi oħra ta' twissijiet li huma rilevanti f'Malta.

(4) L-MFSA għandha tinnotifika, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni Ewropea kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali imposti fuq il-krediturі barra dawk preskritti fl-Artikolu 13(1) tal-MCD:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subregolament, id-Direttur Ġenerali għandu jinforma lill-MFSA, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe rekwiżiti li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu imposti fuq il-krediturі mid-Direttur Ġenerali.

Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar l-intermedjarji tal-kreditu.
Miżjud: A.L. 259 tal-2016.

8A. (1) Intermedjarji tal-kreditu Maltin għandhom, fi żmien xieraq qabel it-twettiq ta' kwalunkwe mill-attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu fir-rigward tat-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" fir-regolament 2, jipprovdu lill-konsumatur b'tal-anqas l-informazzjoni li ġejja bil-miktub jew fuq mezz durabbli ieħor:

(*a*) l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju tal-

kreditu Malti;

(*b*) ir-reġistru li fih huwa ġie inkluż, in-numru tar-reġistrazzjoni, fejn applikabbli, u l-mezzi biex jivverifika din ir-reġistrazzjoni;

(*ċ*) jekk l-intermedjarju tal-kreditu Malti huwa vinkolat jew jaħdem esklussivament għal kreditur wieħed jew aktar:

Iżda meta l-intermedjarju tal-kreditu Malti huwa vinkolat jew jaħdem esklussivament għal kreditur wieħed jew aktar, huwa għandu jipprovdi l-ismijiet tal-krediturі li għalihom ikun qed jaġixxi:

Iżda wkoll, meta l-intermedjarju tal-kreditu Malti jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati skont ir-regolament 8B(4), huwa jista' jiżvela li huwa indipendenti;

(*d*) jekk l-intermedjarju tal-kreditu Malti joffri servizzi ta' konsulenza;

(*e*) fejn applikabbli, it-tariffa pagabbli mill-konsumatur lill-intermedjarju tal-kreditu Malti għas-servizzi tiegħu jew, fejn dan ma jkunx possibbli, il-metodu għal kif tiġi kkalkulata t-tariffa;

(*f*) il-proċeduri li jippermettu lill-konsumaturi jew partijiet oħra interessati li jirreġistraw ilmenti internament dwar l-intermedjarju tal-kreditu Malti u, fejn xieraq, il-mezzi li bihom tista' ssir talba għal proċeduri ta' rikorsi u rimedji extraġudizzjarji;

(*g*) fejn applikabbli, l-eżistenza u, fejn magħruf, l-ammont ta' kummissjonijiet jew inċentivi oħra, pagabbli mill-kreditur jew partijiet terzi lill-intermedjarju tal-kreditu Malti għas-servizzi tiegħu f'rabta mal-kuntratt ta' kreditu:

Iżda meta l-ammont ma jkunx magħruf fiż-żmien tad-divulgazzjoni, l-intermedjarju tal-kreditu Malti għandu jgħarraf lill-konsumatur li l-ammont attwali jiġi ddivulgat fi stadju aktar tard fil-FEIS.

(2) Intermedjarji tal-kreditu Maltin li mhumiex vinkolati iżda li jirċievu kummissjoni minn kreditur wieħed jew aktar għandhom, fuq talba tal-konsumatur, jipprovdu informazzjoni dwar il-varjazzjoni fil-livelli ta' kummissjoni pagabbli mill-krediturі differenti li jipprovdu l-kuntratti ta' kreditu li jkunu qed jiġu offruti lill-konsumatur. Intermedjarji tal-kreditu Maltin għandhom ukoll jinfurmaw lill-konsumaturi li huma għandhom id-dritt li jitolbu din l-informazzjoni.

(3) Meta intermedjarju tal-kreditu Malti jimponi tariffa fuq il-konsumatur u jirċievi wkoll kummissjoni mill-kreditur jew minn parti terza, l-intermedjarju tal-kreditu Malti għandu jispjega lill-konsumatur jekk l-ammont tal-kummissjoni huwiex ser jitnaqqas mit-tariffa jew le, parzjalment jew inkella kompletament.

(4) F'każ li jkun hemm tariffa pagabbli mill-konsumatur lill-

intermedjarju tal-kreditu għas-servizzi tiegħu, din għandha tiġi komunikata lill-kreditur mill-intermedjarju tal-kreditu, għall-fini tal-kalkolu tar-RPAI.

Taqsima VIII

Servizzi ta' Konsulenza

Standards għal servizzi ta' konsulenza. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

8B. (1) Il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu għandu b'mod espliċitu jinforma lill-konsumatur, fil-kuntest ta' transazzjoni partikolari, jekk humiex qed jingħataw jew jistgħux jingħataw servizzi ta' konsulenza lill-konsumatur.

(2) Qabel ma jingħataw servizzi ta' konsulenza jew, fejn applikabbli, il-konklużjoni ta' kuntratt għall-għoti ta' servizzi ta' konsulenza, il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu għandu jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja bil-miktub jew b'mezz durabbli ieħor:

(*a*) jekk ir-rakkomandazzjoni hijiex se tkun ibbażata fuq konsiderazzjoni tal-firxa ta' prodotti tagħhom biss skont is-subregolament (3)(*b*) jew firxa wiesgħa ta' prodotti mis-suq kollu skont is–subregolament (3)(*ċ*) sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem il-bażi li fuqha ssir ir-rakkomandazzjoni;

(*b*) fejn applikabbli, it-tariffa pagabbli mill-konsumatur għas-servizzi ta' konsulenza jew, fejn l-ammont ma jkunx jista' jiġi aċċertat fil-mument tad-divulgazzjoni, il-metodu użat għall-kalkolu tiegħu:

Iżda l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*) tista' tiġi pprovduta lill-konsumatur f'għamla ta' informazzjoni prekuntrattwali addizzjonali.

(3) Meta jingħataw servizzi ta' konsulenza lill-konsumaturi, minbarra r-rekwiżiti stipulati fir-regolamenti 5 u 6:

(*a*) il-krediturijew l-intermedjarji tal-kreditu għandhom jiksbu l-informazzjoni neċessarja dwar is-sitwazzjoni personali u finanzjarja tal-konsumatur, il-preferenzi u l-objettivi tiegħu sabiex tkun tista' ssir rakkomandazzjoni dwar kuntratti ta' kreditu adatti. Din il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni li tkun aġġornata f'dak il-mument u għandha tqis suppożizzjonijiet raġonevoli dwar ir-riskji għas-sitwazzjoni tal-konsumatur matul it-terminu tal-kuntratt ta' kreditu propost;

(*b*) il-krediturijew l-intermedjarji tal-kreditu vinkolati għandhom jikkunsidraw numru biżżejjed kbir ta' kuntratti ta' kreditu fis-sett ta'-prodotti tagħhom u jirrakkomandaw kuntratt ta' kreditu adattat jew diversi kuntratti ta' kreditu adatti minn fost il-firxa tal-prodotti tagħhom adatti għall-ħtigiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u ċ-ċirkostanzi personali tal-konsumatur;

(*ċ*) l-intermedjarji tal-kreditu mhux vinkolati għandhom jikkunsidraw numru biżżejjed kbir ta' kuntratti ta' kreditu disponibbli fis-suq u jirrakkomandaw kuntratt

ta' kreditu adatt jew diversi kuntratti ta' kreditu disponibbli fis-suq adatti għall-ħtiġiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u ċ-ċirkustanzi personali tal-konsumatur;

(*d*) krediturijew intermedjarji tal-kreditu għandhom jaġixxu fl-aħjar interessi tal-konsumatur billi:

(i) jinfurmaw ruħhom dwar il-ħtiġiet u ċ-ċirkostanzi tal-konsumatur; u

(ii) jirrakkomandaw kuntratti ta' kreditu adatti skont il-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*); u

(*e*) il-krediturijew l-intermedjarji tal-kreditu għandhom jagħtu lill-konsumatur dokumentazzjoni fuq karta jew b'mezz iehor durabbli tar-rakkomandazzjoni pprovduta.

(4) L-użu tat-terminu "parir" u "konsulent" jew termini simili għandu jkun ipprojbit meta s-servizzi ta' konsulenza jkunu qed jiġu pprovduti lill-konsumaturi minn krediturijew l-intermedjarji tal-kreditu vinkolati.

(5) Krediturijew intermedjarji tal-kreditu għandhom javżaw lill-konsumatur meta, fil-konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur, kuntratt ta' kreditu jista' jirriżulta f'riskju partikolari għall-konsumatur.

(6) Servizzi ta' konsulenza għandhom jiġu pprovduti biss minn krediturijew intermedjarji tal-kreditu.

(7) Dan ir-regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regolament 7A u għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiżguraw li jingħataw servizzi lill-konsumaturi biex jgħinuhom jifhmu l-ħtiġiet finanzjarji tagħhom u liema tipi ta' prodotti x'aktarx jissodisfaw dawk il-ħtiġiet.

Miżjuda: A.L. 259 tal-2016.

TAQSIMA IX

Affidabbiltà Kreditizja

Obbligu li tiġi vvalutata l-affidabilità kreditizja tal-konsumatur. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

9. (1) Il-kreditur għandu, qabel ma jiġi konkluż kuntratt ta' kreditu, jagħmel valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur, filwaqt li jieħu f'konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti għall-verifika tal-prospett tal-konsumatur li jissodisfa l-obbligi tiegħu fil-kuntratt ta' kreditu.

(2) Il-krediturijagħandhom jistabbilixxu, jiddokumentaw u jaġġornaw il-proċeduri u l-informazzjoni li fuqha l-istima msemmija fis-subregolament (1) tkun ibbażata.

(3) Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja m'għandhiex tiddependi b'mod predominanti fuq il-fatt li l-proprjetà residenzjali immobbli taqbez l-ammont tal-kreditu jew fuq il-preżunzjoni li l-valur tal-proprjetà immobbli residenzjali ser jogħla, sakemm l-iskop tal-kuntratt ta' kreditu mhuwiex li l-proprjetà immobbli residenzjali tinbena jew li tiġi rinnovata.

(4) Meta kreditur jikkonkludi kuntratt ta' kreditu ma' konsumatur, il-kreditur m'għandux sussegwentement iħassar jew jibdel il-kuntratt ta' kreditu bi ħsara għall-konsumatur għar-raġuni li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ma tkunx saret b'mod

korrett:

Iżda dan is-subregolament m'għandux japplika fejn jintwera li l-konsumatur konxjament żamm jew iffalsifika l-informazzjoni fis-sens tar-regolament 12.

(5) Il-kreditur għandu joffri l-kreditu lill-konsumatur biss meta ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' kreditu x'aktarx li jiġu mħarsa kif inhu meħtieġ taħt dak il-kuntratt.

(6) Il-kreditur għandu, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Protezzjoni tad-*Data*, jinforma lill-konsumatur bil-quddiem li ser tiġi kkonsultata bażi ta' *data*.

(7) Meta applikazzjoni għal kreditu tiġi miċħuda, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur mingħajr dewmien dwar din iċ-ċaħda skont ir-regolament 10.

(8) Il-kreditur għandu, qabel ma tingħata kwalunkwe żieda sinifikanti fl-ammont totali ta' kreditu lill-konsumatur wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu u sakemm tali kreditu addizzjonali ma jkunx ġie previst u inkluż fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja oriġinali, jerga' jivvaluta l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur mill-ġdid abbażi ta informazzjoni aġġornata.

(9) Dan r-regolament għandu jkun bla preġudizzju għad-Direttiva tal-Protezzjoni tad-*Data*.

Valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur. *Emendat: A.L. 259 tal-2016.*

10. (1) Meta il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur tirriżulta fi prospett negattiv għall-kapaċità tiegħu li jħallas lura l-kreditu matul il-ħajja tal-kuntratt ta' kreditu, il-kreditur għandu jirrifjuta li jipprovdi tali kreditu.

(2) Meta l-applikazzjoni għall-kreditu tiġi miċħuda, il-kreditur għandu javża lill-konsumatur mingħajr dewmien u bla ħlas dwar iċ-ċaħda, dwar ir-raġunijiet għaċ-ċaħda u, fejn applikabbli, li d-deċiżjoni hija bbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat tad-*data*.

(3) Meta ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għall-kreditu hija bbażata fuq ir-riżultat tal-konsultazzjoni ta' bażi ta' *data*, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur mingħajr dewmien u bla ħlas bir-riżultat ta' tali konsultazzjoni u bil-partikolaritajiet tal-bażi ta' *data* kkonsultata, inkluż l-isem tal-bażi ta' *data* li tkun ġiet ikkonsultata kif ukoll tal-kontrollatur tagħha u bid-dritt tal-konsumatur li jaċċessaha u, fejn meħtieġ, id-dritt tiegħu li jikkoreġi d-*data* tiegħu f'dik il-bażi ta' *data*:

Iżda l-kreditur m'għandux ikun obbligat jagħti tali informazzjoni jekk l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta hija projbita mill-liġi, jew tmur kontra objettivi ta' ordni pubbliku jew sikurezza pubblika ta' Malta.

(4) Meta l-applikazzjoni tiġi rifjutata abbażi ta' deċiżjoni awtomatika jew deċiżjoni bażata fuq metodi bħal skor kreditizju awtomatiku, il-kreditur għandu javza lill-konsumatur mingħajr dewmien u bla ħlas.

(5) Il-kreditur jispjega lill-konsumatur il-loġika wżata fid-

deċiżjoni awtomatika.

(6) Il-konsumatur għandu l-opportunità li jitlob li d-deċiżjoni tiġi riveduta manwalment.

(7) Dan r-regolament għandu jkun bla preġudizzju għad-Direttiva tal-Protezzjoni tad-*Data*.

Qbil biex jinbidel l-ammont totali ta' kreditu.
Emendat:
A.L. 259 tal-2016.

11. Jekk il-partijiet jaqblu li jbiddlu l-ammont totali ta' kreditu mogħti lill-konsumatur wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' kuntratt ta' kreditu, il-kreditur għandu:

(*a*) jagġorna l-informazzjoni finanzjarja dwar il-konsumatur għad-dispożizzjoni tiegħu; u

(*b*) jevalwa mill-ġdid l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur qabel ma tingħata xi żjieda sinifikanti fl-ammont totali tal-kreditu.

Żvelar u verifika ta' informazzjoni għall-konsumatur.
Sostitwit:
A.L. 259 tal-2016.

12. (1) Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja msemmija fir-regolament 9 għandha titwettaq fuq il-bażi ta' informazzjoni dwar id-dħul u spejjeż tal-konsumatur u ċ-ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi oħra li huma neċessarji, suffiċjenti u proporzjonati.

(2) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tinkiseb mill-kreditur minn sorsi interni u esterni rilevanti, inkluż il-konsumatur innifsu, u inkluża l-informazzjoni pprovduta lill-intermedjarju tal-kreditu matul il-proċess tal-applikazzjoni tal-kreditu:

Iżda informazzjoni bħal din għandha tiġi vverifikata b'mod xieraq, inkluż, fejn meħtieġ, permezz ta' referenza għad-dokumentazzjoni independentement verifikabbli:

Iżda wkoll din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata f'dak il-mument, u fuq suppożizzjonijiet raġonevoli dwar is-sitwazzjoni tal-konsumatur matul iż-żmien tal-ftehim ta' kreditu propost.

(3) Intermedjarji tal-kreditu għandhom jissottomettu b'mod preċiż l-informazzjoni meħtieġa miksuba mill-konsumatur lill-kreditur rilevanti sabiex jippermettu li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja titwettaq.

(4) Krediturи għandhom jispeċifikaw b'mod ċar u sempliċi fil-fażi prekuntrattwali l-informazzjoni meħtieġa u l-evidenza li hija independentement verifikabbli li l-konsumatur jeħtieġlu jipprovdi u l-perjodu li fih il-konsumatur jeħtieġlu jipprovdi l-informazzjoni:

Iżda din it-talba għal informazzjoni għandha tkun proporzjonata u limitata għal dak li huwa meħtieġ biex issir valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja kif suppost:

Iżda wkoll, fejn meħtieġ sabiex jippermettu l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, il-krediturи jistgħu jitolbu kjarifika tal-informazzjoni riċevuta bħala tweġiba għal din it-talba.

(5) Il-kreditur m'għandux jittermina l-kuntratt ta' kreditu abbażi li l-informazzjoni pprovduta mill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu ma kenitx kompluta:

Iżda l-kreditur jista' jtemm il-kuntratt ta' kreditu fejn jintwera li l-konsumatur xjentement żamm jew iffalsifika l-informazzjoni.

(6) Id-Direttur Ġenerali għandu jkollu miżuri fis-seħħ sabiex jiżgura li l-konsumaturi jkunu konxji tal-ħtieġa li tingħata informazzjoni korretta rigward it-talba msemmija fis-subregolament (4) u li tali informazzjoni tkun kompluta kif neċessarju sabiex titwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja xierqa.

(7) Il-kreditur jew l-intermedjaru tal-kreditu għandu jwissi lill-konsumatur li, meta l-kreditur ma jkunx jista' jwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għaliex il-konsumatur jagħżel li ma jipprovdix l-informazzjoni jew il-verifika meħtieġa għal valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, il-kreditu ma' jistax jingħata.

(8) It-twissija msemmija fis-subregolament (7) tista' tiġi pprovvduta f'format standardizzat.

(9) Dan ir-regolament għandu jkun bla preġudizzju għad-Direttiva tal-Protezzjoni tad-*Data*, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha.

Ġbir u proċessar ta' *data*. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.* Kap. 586.

13. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, *data* personali miksuba minn konsumatur jew kwalunkwe persuna oħra li għandha konnessjoni mal-konklużjoni u l-ġestjoni ta' xi kuntratt ta' kreditu, tista' tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur jew ta' xi persuna oħra u l-kapaċità tagħhom li jħallsu lura skont dawn ir-regolamenti.

Valutazzjoni ta' proprjetà. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

13A. (1) Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li jiġu żviluppati *standards* affidabbli f'Malta għall-valutazzjoni ta' proprjetà residenzjali immobbli għall-fini ta' kuntratti ta' kreditu.

(2) Krediturigħandhom jiżguraw li l-i*standards* msemmija fis-subregolament (1) jintużaw fejn jagħmlu valutazzjoni ta' proprjetà, jew jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw li dawk l-i*standards* jiġu applikati fejn issir valutazzjoni minn terza persuna.

(3) Fejn il-terzi persuni jew awtoritajiet oħra huma responsabbli sabiex jirregolaw valutaturi indipendenti li jwettqu valutazzjonijiet ta' proprjetà, id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li dawn jikkonformaw mar-regoli li huma fis-seħħ.

(4) Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li l-evalwaturi interni u esterni li jagħmlu valutazzjonijiet tal-proprjetà jkunu professjonalment kompetenti u indipendenti biżżejjed mill-proċess ta' sottoskrizzjoni ta' kreditu relatat ma' kuntratti ta' kreditu sabiex ikunu jistgħu joffru valutazzjoni imparzjali u oġġettiva, li għandha tiġi ddokumentata f'mezz durabbli u li tagħha jinżamm rekord mill-kreditur.

TAQSIMA X

Emendata: A.L. 259 tal-2016.

Drittijiet tal-konsumatur

Dritt li wieħed jirċievi kopja tal-kuntratt ta' kreditu. *Emendat: A.L. 266 tal-2014. Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

14. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 7 sa 8A, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jirċievi, mingħajr ħlas, kopja tal-abbozz tal-kuntratt ta' kreditu:

Iżda dan is-subregolament m'għandux japplika jekk il-kreditur, fil-ħin tat-talba tal-konsumatur, ma jixtieqx jipproċedi bil-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu mal-konsumatur.

Kap. 55.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jirċievi mingħand in-Nutar Pubbliku:

(*a*) kopja tal-kuntratt pubbliku ta' self, fuq talba tiegħu, minnufih wara l-iffirmar ta' dan; u

(*b*) f'kull każ, kopja tal-kuntratt pubbliku ta' self irreġistrat kif suppost fir-Reġistru Pubbliku min-Nutar Pubbliku, fi żmien għaxart ijiem mill-istess reġistrazzjoni.

Kontenut tal-kuntratt ta' kreditu. *Emendat: A.L. 266 tal-2014; A.L. 259 tal-2016.*

15. (1) Il-kuntratt ta' kreditu għandu jkun bil-miktub jew fuq mezz durabbli, u għandu jispeċifika sa fejn possibbli, b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibli li tista' tiftiehem mill-konsumatur, għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) l-informazzjoni mniżżla taħt ir-regolament 8(2)(*ċ*), (*d*), (*f*), (*h*) sa (*l*), u (*n*);

(*b*) l-identitajiet u l-indirizzi ġeografiċi tal-partijiet kontraenti kif ukoll, jekk ikun japplika, l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju ta' kreditu involut;

(*ċ*) ir-rata perċentwali annwali tal-imposti u l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur ikkalkolat fiż-żmien meta jiġi konkluż il-kuntratt ta' kreditu:

Iżda s-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata għandhom jissemmew;

(*d*) id-dritt tal-konsumatur li jirċievi, fuq talba u mingħajr ħlas, f'kull żmien fit-tul kollu tal-kuntratt ta' kreditu, rendikont fil-forma ta' tabella ta' amortizzament.

It-tabella ta' amortizzament għandha:

(i) tindika l-ħlasijiet dovuti u l-perjodi u kondizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-ħlas ta' dawk l-ammonti;

(ii) ikollha analiżi ta' kull radd lura li turi l-amortizzament ta' kapital, l-imgħax kalkolat fuq il-bażi tar-rata ta' self u meta jkun japplika, l-ispejjeż addizzjonali;

(iii) meta l-imgħax mhux fiss jew meta l-ispejjeż addizzjonali jistgħu jinbidlu taħt il-kuntratt ta' kreditu, tindika b'mod ċar u konċiż illi d-*data* imsemmija fit-tabella tibqa' valida biss sa dak iż-żmien li r-rata ta' self jew l-ispejjeż addizzjonali jinbidlu skont il-ftehim ta' self għal dar;

(*e*) jekk ħlasijiet u imgħaxijiet ikollhom jitħallsu mingħajr amortizzament ta' kapital, rendikont li juri l-perjodi u l-kondizzjonijiet tal-ħlas tal-imgħaxijiet u ta' kull ħlas rikorrenti u mhux rikorrenti assoċjati magħhom;

(*f*) ir-rata ta' imgħax applikabbli fil-każ ta' ħlasijiet tard kif applikabbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim ta' self għal dar u l-arranġament għall-aġġustament tagħha u, meta jkun japplika, kull ħlas dovut minħabba fin-nuqqas ta' pagament;

(*g*) il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-eżerċizzju tad-dritt ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' kreditu;

(*h*) l-informazzjoni li tirrigwarda dak id-dritt li jirriżulta taħt ir-regolament 16 u l-kondizzjonijiet annessi ma' dak id-dritt;

(*i*) jekk hemm jew m'hemmx proċedura barra mill-qorti għall-konsumatur biex iressaq ilment, il-mekkaniżmu ta' rimedju disponibbli u l-metodi ta' aċċess għalih;

(*j*) meta jkun japplika, pattijiet u kondizzjonijiet kuntrattwali oħra.

(2) (*a*) Fil-każ ta' xi bidliet fir-rata tas-self, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur dwar kwalunkwe tibdil bħal dan, fuq karta jew b'mezz durabbli ieħor, qabel ma l-bidla tidħol fis-seħħ:

Iżda din l-informazzjoni għandha mill-inqas tinkludi:

(i) l-ammont tal-ħlasijiet li għandhom isiru wara li r-rata ta' self ġdida tidħol fis-seħħ; u

(ii) fil-każijiet fejn in-numru jew il-frekwenza tal-ħlasijiet jinbidlu, tipprovdu lill-konsumatur id-dettalji ta' dawn il-bidliet ta' ħlas.

(*b*) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (*a*), il-partijiet fil-kuntratt ta' kreditu jistgħu jaqblu fil-kuntratt ta' kreditu li:

(i) fejn il-bidla fir-rata tas-self hija korrelatata ma' bidla f'rata ta' referenza, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (*a*) għandha tingħata lill-konsumatur perjodikament;

(ii) ir-rata ta' referenza ġdida għandha tkun disponibbli pubblikment b'mezzi adatti, li jistgħu jinkludu pubblikazzjoni fuq is-sit tal-web tal-kreditur jew reklam pubbliku; u

(iii) l-informazzjoni dwar ir-rata ta' referenza ġdida għandha tkun disponibbli fil-fond tal-kreditur u kkomunikata personalment lill-konsumatur flimkien mal-ammont ta' pagamenti bin-nifs perjodiċi ġodda.

(*ċ*) Meta l-bidliet fir-rata tas-self ikunu determinati permezz ta' rkant fis-swieq kapitali u għalhekk huwa impossibbli li l-kreditur jinforma lill-konsumatur dwar kwalunkwe bidla qabel il-bidla tidħol fis-seħħ, il-

kreditur għandu, kmieni biżżejjed qabel l-irkant, jinforma lill-konsumatur fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor dwar il-proċedura li ser tkun isseħħ u jipprovdi indikazzjoni ta' kif ir-rata ta' self tista' tkun affettwata.

Informazz-joni rigward il-modifika tat-termini u l-kondizzjonijiet ta' kuntratt ta' kreditu. *Miżjud: A.L. 18 tal-2024.*

(2A) Bla ħsara għall-obbligi l-oħra provduti f'dawn ir-regolamenti, qabel ma jimmodifika t-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' kreditu, il-kreditur għandu jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-konsumatur:

(*a*) deskrizzjoni ċara tal-bidliet proposti u, fejn ikun applikabbli, tal-ħtieġa tal-kunsens tal-konsumatur jew tal-bidliet introdotti bl-operat tal-liġi;

(*b*) il-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-bidliet imsemmija fil-paragrafu (a);

(*ċ*) il-mezzi għall-ilmenti disponibbli għall-konsumatur fir-rigward tal-bidliet imsemmija fil-paragrafu (a);

(*d*) il-perjodu ta' żmien disponibbli għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe tali ilment;

(*e*) l-isem u l-indirizz tal-Arbitru għas-Servizz Finanzjarji kif stabbilit taħt l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji li quddiemu l-konsumatur jista' jissottometti l-imsemmi ilment.

Kap. 555.

(3) Il-kreditur għandu jagħmel disponibbli lill-konsumatur, mingħajr ħlas u f'kull ħin tul il-kuntratt ta' kreditu, rendikont fil-forma ta' tabella ta' amortizzazzjoni.

(4) Kull att pubbliku ta' self li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti għandu jagħmel riferenza diretta għall-kuntratt ta' kreditu li jkun sar bejn il-kreditur u, jew l-intermedjarju tal-kreditu u l-konsumatur, id-data tiegħu u għandu jiddikjara espressament li l-konsumatur irċieva, qara, fehem u qabel mat-termini kollha msemmijin fil-kuntratt ta' kreditu, wara l-ispjegazzjoni dovuta mill-kreditur u, jew mill-intermedjarju tal-kreditu, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien skont it-termini tiegħu.

Ħlas lura bikri. *Emendat: A.L. 266 tal-2014. Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

16. (1) Il-konsumatur għandu jkollu d-dritt li jifdi l-obbligi tiegħu taħt kuntratt ta' kreditu, b'mod sħiħ jew parzjali, qabel it-terminazzjoni miftiehma.

(2) Jekk il-konsumatur iħallas il-kreditu qabel it-terminazzjoni miftiehma:

(*a*) il-konsumatur għandu jkun intitolat għal tnaqqis tal-ispejjeż totali tal-kreditu, b'tali tnaqqis ikun jikkonsisti mill-imgħax u l-ispejjeż għat-tul ta' żmien li jkun baqa' tal-kuntratt; u

(*b*) il-kreditur għandu jkun intitolat, jekk ġustifikat, għal kumpens ġust u oġġettiv, għal spejjeż possibbli

marbutin direttament mal-ħlas bikri tal-kreditu bi qbil mal-kuntratt ta' kreditu u l-informazzjoni pprovduta fir-regolamenti 8(2)(i) u 15(1)(*g*) u (*h*), sakemm il-ħlas bikri jaqa' f'perjodu li għalih ir-rata tas-self hija fissa:

Iżda il-kumpens m'għandux jeċċedi t-telf finanzjarju tal-kreditur u l-ebda penali ma għandha tiġi imposta fuq il-konsumatur:

Iżda wkoll, fil-kalkolu tal-livell ta' kumpens, għandha tingħata konsiderazzjoni wkoll lill-impatt ta' ħlas bikri fuq spejjeż amministrattivi irrispettivament jekk ir-rata tas-self hija fissa jew varjabbli.

(3) Fid-determinazzjoni tal-kumpens għal spejjeż possibbli direttament marbuta mal-ħlas bikri tal-kreditu msemmija fis-subegolament (2)(*b*), il-kreditur għandu japplika l-istess kalkoli lill-konsumaturi kollha irrispettivament mir-raġuni għaliex il-ħlas bikri kien effettwat.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (2) u (3), id-Direttur Ġenerali jista' jipprovdi li l-eżerċizzju tad-dritt imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkun suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, li jistgħu jinkludu limitazzjonijiet ta' żmien dwar l-eżerċizzju tad-dritt, trattament differenti skont it-tip tar-rata ta' self jew fuq il-mument li l-konsumatur jeżerċita d-dritt, jew restrizzjonijiet fiċ-ċirkustanzi li fihom id-dritt jista' jiġi eżerċitat.

(5) Meta konsumatur ifittex li jeħles mill-obbligi tiegħu skont kuntratt ta' kreditu qabel l-iskadenza miftiehma fil-kuntratt ta' kreditu, il-kreditur għandu jipprovdi lill-konsumatur wara t-talba li tkun saret minnu, mingħajr ebda dewmien, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi kkunsidrata dik l-għażla.

(6) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (5) għandha minn tal-inqas tikkwantifika l-implikazzjonijiet għall-konsumatur tal-ħelsien mill-obbligi tiegħu qabel l-iskadenza tal-kuntratt ta' kreditu u għandha tiġi stabbilita b'mod ċar kwalunkwe preżunzjoni użata:

Iżda kwalunkwe preżunzjoni użata għandha tkun raġonevoli u ġustifikabbli.

Ċessjoni tad-drittijiet tal-kreditur jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu. *Emendat: A.L. 259 tal-2016; A.L. 18 tal-2024.*

17. (1) Meta d-drittijiet tal-kreditur f'kuntratt ta' kreditu huma, jew il-kuntratt innifsu, huwa assenjat lil terza persuna, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jressaq kontra ċ-ċessjonarju kwalunkwe difiża disponibbli għalih kontra l-kreditur oriġinali, inkluż id-dritt għal tpaċija:

Iżda t-tpaċija tista' titqajjem biss skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1196 sa 1204 tal-Kodiċi Ċivili, li għandhom japplikaw irrispettivament minn kull dispożizzjoni kuntrarja li tinsab fil-kuntratt ta' kreditu. Kap. 16.

(2) Fil-każ li d-drittijiet ta' kreditu huma ċeduti taħt is-subregolament (1), il-konsumatur għandu d-dritt li jiġi mgħarraf b'dik iċ-ċessjoni, ħlief meta l-kreditur oriġinali, bi qbil maċ-

ċessjonarju, ikompli jonora l-ftehim ta' kreditu fil-konfront tal-konsumatur.

Self f'munita barranija. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

17A. (1) Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li fejn kuntratt ta' kreditu jirrigwarda self f'munita barranija, ikun hemm fis-seħħ qafas regolatorju xieraq fiż-żmien li jiġi konkluż il-kuntratt ta' kreditu, sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur ikollu d-dritt li jikkonverti l-kuntratt ta' kreditu f'munita alternattiva taħt kundizzjonijiet speċifikati.

(2) Skont is-subregolament (1), il-munita alternattiva msemmija fis-subregolament preċedenti għandha tkun:

(*a*) il-munita li biha l-konsumatur primarjament jirċievi dħul jew għandu assi li minnhom il-kreditu għandu jiġi mħallas lura, hekk kif indikat fil-mument li seħħet l-aħħar valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja fir-rigward tal-kuntratt ta' kreditu; u, jew

(*b*) il-munita tal-Istat Membru li fih il-konsumatur kien jew residenti fil-mument li l-kuntratt ta' kreditu ġie konkluż jew li bħalissa qiegħed fih residenti.

(3) Meta konsumatur ikollu dritt li jikkonverti l-kuntratt ta' kreditu f'munita alternattiva skont is-subregolament (1), ir-rata tal-kambju li biha titwettaq din il-konverżjoni għandha tkun ir-rata tal-kambju tas-suq fil-jum tal-applikazzjoni għall-konverżjoni, sakemm mhuwiex speċifikat mod ieħor fil-kuntratt ta' kreditu.

(4) Meta konsumatur ikollu self f'munita barranija, il-kreditur għandu javża lill-konsumatur fuq bażi regolari, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, għall-inqas fejn il-valur tal-ammont totali pagabbli mill-konsumatur li jibqa' pendenti jew tal-pagamenti regolari ivarja b'aktar minn 20% minn dak li jkun kieku ġiet applikata r-rata tal-kambju bejn il-munita tal-kuntratt ta' kreditu u l-munita tal-Istat Membru applikabbli fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu. It-twissija għandha tgħarraf lill-konsumatur dwar żieda fl-ammont totali pagabbli mill-konsumatur, stabbilita fejn applikabbli d-dritt li jikkonverti għal munita alternattiva u l-kundizzjonijiet biex dan isir u tispjega kwalunkwe mekkaniżmu ieħor applikabbli għal-limitazzjoni tar-riskju rigward ir-rata tal-kambju li għalih il-konsumatur ikun espost.

(5) L-arranġamenti applikabbli taħt dan ir-regolament għandhom jiġu żvelati lill-konsumatur fil-FEIS kif ukoll fil-kuntratt ta' kreditu. Fejn ma jkunx hemm ebda dispożizzjoni fil-kuntratt ta' kreditu sabiex jiġi limitat ir-riskju tar-rata tal-kambju li għalih il-konsumatur ikun espost għal varjazzjoni fir-rata tal-kambju ta' inqas minn 20%, il-FEIS għandha tinkludi eżempju illustrattiv tal-impatt ta' bidla ta' 20% fir-rata tal-kambju.

(6) Id-Direttur Ġenerali jista' jkompli jirregola s-self f'munita barranija sakemm dan ir-regolament ma jiġix applikat b'effett retrospettiv.

Krediti b'rata varjabbli. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

17B. Fejn il-kuntratt ta' kreditu huwa kreditu b'rata varjabbli:

(*a*) kwalunkwe indiċi jew rata ta' referenza użata għall-

kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self għandha tkun ċara, aċċessibbli, oġġettiva u verifikabbli mill-partijiet fil-kuntratt ta' kreditu u mid-Direttur Ġenerali; u

(*b*) ir-rekords storiċi ta' indiċijiet biex jiġu kkalkulati rati tal-imgħax tas-self għandhom jinżammu jew mill-fornituri ta' dawn l-indiċi jew mill-krediturі.

Arretrati u infurzar. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016. Emendat: XLIV.2021.25; A.L. 18 tal-2024.*

17Ċ. (1) Il-krediturі għandu jkollhom politiki u proċeduri adegwati sabiex jiżguraw li jagħmlu sforzi biex jeżerċitaw fejn ikun xieraq, tolleranza raġonevoli qabel ma jiġu istitwiti proċeduri ta' infurzar. L-imsemmija miżuri ta' tolleranza għandhom iqisu, fost elementi oħra, iċ-ċirkostanzi tal-konsumatur u fost possibbiltajiet oħra jistgħu jikkonsistu minn:

(*a*) rifinanzjament totali jew parzjali ta' kuntratt ta' kreditu;

(*b*) modifika tat-termini u l-kondizzjonijiet eżistenti ta' kuntratt ta' kreditu, li fost affarijiet oħrajn tista' tinkludi:

(i) estensjoni tat-terminu tal-kuntratt ta' kreditu;

(ii) tibdil tat-tip ta' kuntratt ta' kreditu;

(iii) differiment tal-pagament tar-ripagament kollu jew ta' parti minnu għal perjodu;

(iv) tibdil tar-rata tal-imgħax;

(v) offerta ta' moratorju fuq il-pagamenti;

(vi) ripagamenti parzjali;

(vii) kambji tal-munita;

(viii) maħfra parzjali u konsolidazzjoni tad-dejn:

Iżda l-lista ta' miżuri ta' tolleranza stipulata f'dan is-subregolament hija bla ħsara għar-regoli stabbiliti fil-liġi nazzjonali, inklużi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna (EBA/GL/2018/06), il-Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar self improduttiv, u l-Linji Gwida dwar rekwiżiti rigward arretrati u infurzar stipulati fir-Raba' Skeda li jimplimentaw il-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar arretrati u bejgħ furzat.

(2) Id-Direttur Ġenerali għandu jadotta miżuri sabiex jinkoraġġixxi krediturі sabiex ikunu raġonevolment tolleranti skont is-subregolament (1).

(3) Meta l-kreditur huwa permess li jiddefinixxi u jimponi ħlasijiet fuq il-konsumatur li jirriżultaw mill-inadempjenza, dawn it-tariffi m'għandhomx ikunu aktar milli hu neċessarju biex

jikkumpensa lill-kreditur għall-ispejjeż li ntefqu bħala riżultat tal-inadempjenza.

(4) Il-partijiet f'kuntratt ta' kreditu jistgħu jaqblu espressament li l-għoti lura jew it-trasferiment lill-kreditur tal-garanzija jew id-dħul mill-bejgħ tal-garanzija hija biżżejjed biex jitħallas lura l-kreditu.

(5) Meta l-prezz miksub għall-proprjetà immobbli jaffettwa l-ammont dovut mill-konsumatur, id-Direttur Ġenerali għandu jimplimenta proċeduri jew miżuri li jippermettu li jinkiseb l-aħjar prezz possibli għall-proprjetà immobbli soġġetta għall-bejgħ furzat.

(6) Meta wara proċeduri ta' infurzar jifdal dejn pendenti, id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li jkunu stabbiliti miżuri biex jiffaċilitaw il-ħlas lura sabiex jiġu protetti l-konsumaturi.

(7) Skont is-subregolament (2)(1)(a) tar-regolament 3A u skont is-subregolamenti (2) u (3) ta' dan ir-regolament, id-Direttur Ġenerali għandu jadotta miżuri dwar ir-rekwiżiti rigward arretrati u infurzar li joħorġu mil-Linji Gwida tal-ABE bir-referenza EBA/GL/2015/12 kif stipulat fir-Raba' Skeda:

Iżda li t-termini użati u definiti f'dawn ir-Regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fil-Linji Gwida fir-Raba' Skeda.

Emendata: A.L. 259 tal-2016.

TAQSIMA XI

Obbligi tal-konsumatur

Obbligu li tingħata informazzjoni korretta. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

18. (1) Il-konsumaturi għandhom jipprovdu lill-krediturі u, fejn applikabbli, lill-intermedjarji tal-kreditu informazzjoni sħiħa u korretta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ċ-ċirkostanzi personali tagħhom fil-kuntest tal-proċess tal-applikazzjoni għall-kreditu.

(2) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tiġi sostnuta, fejn meħtieġ, b'evidenza dokumentata minn sorsi verifikabbli u indipendenti.

(3) Sabiex il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jkun jista' jwettaq valutazzjoni dettaljata tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur u jieħu deċiżjoni dwar jekk jagħtix il-kreditu taħt il-kuntratt ta' kreditu, il-krediturі u, fejn applikabbli, l-intermedjarji ta' kreditu għandhom fl-istadju pre-kuntrattwali, jispeċifikaw b'mod ċar l-informazzjoni, inkluża fejn meħtieg evidenza verifikabbli u indipendenti, li l-konsumatur jeħtieġlu jipprovdi.

(4) Krediturі u, fejn applikabbli, intermedjarji tal-kreditu għandhom jikkomunikaw iż-żmien li fih il-konsumaturi huma meħtieġa jipprovdu din l-informazzjoni.

(5) F'każijiet fejn il-konsumatur jagħżel li ma jipprovdix l-informazzjoni meħtieġa għal valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tiegħu, il-kreditur jew intermedjarju tal-kreditu għandu jwissi lill-konsumatur li ma jistax iwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u għalhekk il-kuntratt ta' kreditu ma jistgħax jingħata.

Din it-twissija tista' tiġi mogħtija f'format standardizzat.

(6) Dan ir-regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Att dwar il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-*Data*. Kap. 586.

TAQSIMA XII

Miżjuda: A.L. 259 tal-2016.

Rekwiżiti għall-Istabbiliment ta' Intermedjarji ta' Kreditu

"Ammissjoni ta' intermedjarji tal-kreditu. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

18A. (1) Kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu li jwettaq kull attività jew parti mill-attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu fir-rigward tat-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" fir-regolament 2, jew li jipprovdi servizzi ta' konsulenza f'Malta jew minn Malta, għandu japplika għall-ammissjoni mal-MFSA skont dawn ir-regolamenti.

(2) Applikazzjoni għal ammissjoni skont dawn ir-regolamenti għandha ssir b'tali mod u manjiera li l-MFSA tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi.

(3) L-MFSA għandu jkollha s-setgħa li titlob lil kwalunkwe persuna sabiex tipprovdi informazzjoni li jidhrilha meħtieġa biex tiddetermina applikazzjoni għall-ammissjoni jew biex tiddetermina jekk għandhiex tirrestrinġi jew tirtira l-ammissjoni skont dawn ir-regolamenti:

Iżda l-applikazzjoni tista' tiġi rtirata biss b'avviż bil-miktub lill-MFSA qabel l-ammissjoni tiġi mogħtija jew irrifjutata.

(4) L-MFSA għandha tiddettermina applikazzjoni billi twettaq xi waħda minn dawn li ġejjin:

(*a*) l-għoti ta' ammissjoni mingħajr kundizzjonijiet;

(*b*) l-għoti ta' ammissjoni suġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa;

(*ċ*) li tirrifjuta li tagħti ammissjoni:

Iżda jekk tirrifjuta applikazzjoni hija għandha tinforma lill-applikant, bil-miktub, bir-ragunijiet għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

(5) L-MFSA tista' tagħti ammissjoni skont dawn ir-regolamenti, biss jekk tkun sodisfatta, abbażi tat-tagħrif li huwa meħtieġ li jiġi sottomess skont dawn ir-regolamenti u kwalunkwe Regoli ta' Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom, li dik l-ammissjoni għandha tingħata.

(6) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-MFSA tista' tagħmel din l-ammissjoni msemmija f'dan ir-regolament soġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa, u fejn tkun tat ammissjoni, tista' minn żmien għal żmien, tvarja jew tirrevoka kull kundizzjoni hekk imposta jew timponi kundizzjonijiet ġodda.

(7) Intermedjarji tal-kreditu m'għandhomx jiġu ammessi mill-MFSA sakemm ma jissodisfawx tal-anqas ir-rekwiziti msemmija fir-regolament 6 u r-rekwiżiti professjonali li ġejjin:

(*a*) l-intermedjarji tal-kreditu għandu jkollhom assigurazzjoni għall-indennizz professjonali li tkopri t-territorji fejn joffru servizzi jew xi garanzija oħra

paragunabbli għar-responsabbiltà li tirriżulta minn negliġenza professjonali:

Iżda għall-intermedjarji tal-kreditu vinkolati li jaġixxu f'isem u taħt ir-responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata ta' kreditur wieħed biss, din l-assigurazzjoni għall-indennizz professjonali jew garanzija oħra paragunabbli għandha tingħata mill-kreditur li għalih l-intermedjarju tal-kreditu għandu s-setgħa jaġixxi;

(*b*) persuna fiżika stabbilita bħala intermedjarju tal-kreditu, il-membri tal-Bord tad-Diretturi ta' intermedjarju tal-kreditu stabbilit bħala persuna ġuridika, u persuni fiżiċi li jiżvolġu kompiti ekwivalenti fi ħdan intermedjarju tal-kreditu li jkun persuna ġuridika, iżda li m'għandhiex Bord ta' Diretturi, għandhom ikun ta' reputazzjoni tajba. Dawn il-persuni għandu jkollhom, bħala minimu, kondotta tal-pulizija nadifa jew kwalunkwe ekwivalenti nazzjonali ieħor fir-rigward ta' reati kriminali serji marbutin ma' reati kontra l-proprjetà jew reati oħra relatati ma' attivitajiet finanzjarji u ma jistgħux ikunu ġew dikjarati falluti fil-passat, sakemm ma jkunux ġew rijabilitati skont il-liġi nazzjonali;

(*ċ*) persuna fiżika stabbilita bħala intermedjarju tal-kreditu, il-membri tal-Bord tad-Diretturi ta' intermedjarju tal-kreditu stabbilit bħala persuna ġuridika u persuni fiżiċi li jiżvolġu kompiti ekwivalenti fi ħdan intermedjarju tal-kreditu li jkun persuna ġuridika, iżda li m'għandhiex Bord ta' Diretturi, għandu jkollhom livell adatt ta' għarfien u kompetenza rigward kuntratti ta' kreditu.

(8) L-MFSA għandha, għall-finijiet ta' paragrafu (*ċ*) tas-subregolament (7), tistabbilixxi l-livell adatt ta' għarfien u kompetenza skont il-prinċipji stabbiliti fit-Tielet Skeda.

(9) Intermedjarju tal-kreditu ammess skont dawn ir-regolamenti għandu jipprovdi lill-MFSA dettalji dwar kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni li ġiet provduta taħt dawn ir-regolamenti u kwalunkwe Regoli ta' Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom, malli tali intermedjarju tal-kreditu jsir jaf b'dak it-tibdil.

(10) Meta Malta hija l-Istat Membru tad-domicilju, l-intermedjarji kollha tal-kreditu Maltin, kemm jekk stabbiliti bħala persuni fiżiċi jew ġuridiċi, għandhom jindaħħlu f'reġistru tal-MFSA.

(11) Ir-reġistru msemmi fis-subregolament (10) għandu jinżamm mill-MFSA, li għandha tiżgura li l-imsemmi reġistru jinżamm aġġornat u li jkun pubblikament disponibbli onlajn.

(12) Ir-reġistru msemmi fis-subregolament (10) għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) l-ismijiet tal-persuni fid-direzzjoni li huma responsabbli għan-negozju ta' intermedjazzjoni;

(*b*) l-Istati Membri li fihom l-intermedjarju tal-kreditu

Malti jiżvolġi n-negozju skont ir-regoli dwar il-libertà tal-istabbiliment jew dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li dwaru l-intermedjarju tal-kreditu Malti jkun informa lill-MFSA skont l-Artikolu 32(3) tal-MCD;

(*ċ*) jekk l-intermedjarju tal-kreditu Malti huwiex vinkolat jew le;

(*d*) fejn intermedjarju tal-kreditu vinkolat jaġixxi f'isem u taħt ir-responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata ta' kreditur wieħed biss, il-kreditur li f'ismu l-intermedjarju tal-kreditu vinkolat jaġixxi.

(13) Kull intermedjarju tal-kreditu li jkun ser jiġi ammess taħt dawn ir-regolamenti li -

(*a*) jkun persuna ġuridika, għandu jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu u l-uffiċċju reġistrat tiegħu f'Malta;

(*b*) mhuwiex persuna ġuridika, għandu jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta u għandu fil-fatt imexxi n-negozju prinċipali tiegħu f'Malta.

(14) L-MFSA għandha tistabbilixxi punt uniku ta' informazzjoni biex tippermetti aċċess pubbliku malajr u faċli għall-informazzjoni mir-reġistru msemmi fis-subregolament (10), li għandha tkun kompilata elettronikament u aġġornata kontinwament.

(15) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 18B u 18Ċ, l-intermedjarji tal-kreditu kollha ammessi għandhom josservaw ir-rekwiżiti mfissra fis-subregolamenti (6), (7) u (8) fuq bażi kontinwa.

(16) L-MFSA tista' toħroġ, temenda jew tirrevoka r-Regoli tal-Intermedjajri tal-Kreditu kif jidhrilha xieraq għat-twettiq fis-seħħ tad-dispozizzjoinijiet ta' dan ir-regolament.

(17) Dan ir-regolament m'għandux japplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu liċenzjati skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u, jew għall-istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati skont l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Kap. 371.
Kap. 376.

18B. (1) Intermedjarji tal-kreditu vinkolati speċifikati fil-paragrafu (a) tat-tifsira "intermedjarju tal-kreditu vinkolat" fir-regolament 2, jistgħu jiġu ammessi mill-MFSA permezz tal-kreditur, li għan-nom tiegħu l-intermedjajru tal-kreditu vinkolat ikun qed jaġixxi esklussivament.

Intermedjarji tal-kreditu vinkolati ma' kreditur wieħed.
Miżjud: A.L. 259 tal-2016.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1), il-kreditur għandu jibqa' responsabbli bis-sħiħ u bla kundizzjonijiet għal kull azzjoni jew ommissjoni min-naħa tal-intermedjarju tal-kreditu vinkolat li qed jaġixxi għan-nom tal-kreditur f'oqsma regolati bid-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-kreditur għandu jaċċerta ruħu li l-intermedjarji tal-kreditu vinkolati msemmija f'dan ir-regolament huma konformi ma' tal-inqas ir-rekwiziti professjonali li huma stipulati fr-regolament 18A(7) u (8).

(4) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 22F u 22G, il-

krediturigħandhom jissorveljaw l-attivitajiet tal-intermedjarji tal-kreditu vinkolati msemmija fil-paragrafu (a) tat-tifsira "intermedjarju tal-kreditu vinkolat" fir-regolament 2, sabiex jaċċertaw ruħhom illi huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Partikolarment, il-kreditur għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-konformità mar-rekwiżiti ta' għarfien u kompetenza tal-intermedjarju tal-kreditu vinkolat u l-persunal tiegħu.

Rappreżentanti maħtura. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

18Ċ. Intermedjajri tal-kreditu Maltin m'għandhomx jappuntaw rappreżentanti maħtura.

Libertà tal-istabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi minn intermedjarji tal-kreditu (Malta bħala Stat Membru tad-domiċilju). *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

18D. (1) Fejn Malta hija l-Istat Membru tad-domiċilju, l-ammissjoni ta' intermedjarju tal-kreditu mill-MFSA għandha, sakemm l-attivitajiet li intermedjarju tal-kreditu bi ħsiebu jiżvolġi fl-Istati Membri ospitanti jkunu koperti bl-istess ammissjoni u skont ir-regolament 18A(1), tkun effettiva għat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea mingħajr ammissjoni ulterjuri mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti għat-twettiq tal-attivitajiet u l-għoti ta' servizzi koperti mill-ammissjoni:

Iżda intermedjarji tal-kreditu Maltin m'għandhomx ikunu permessi jiżvolġu s-servizzi tagħhom fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu offruti minn:

Kap. 376.

(*a*) istituzzjonijiet finanzjarji, liċenzjati skont l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, lill-konsumaturi fi Stat Membru ospitanti fejn tali istituzzjonijiet finanzjarji ma jkollhomx permess joperaw;

Kap. 371.

(*b*) istituzzjonijiet tal-kreditu liċenzjati skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għal konsumaturi fi Stat Membru ospitanti, fejn l-istess istituzzjonijiet tal-kreditu ma eżerċitawx id-dritt tagħhom li jistabbilixxu fergħa jew li jipprovdu servizzi fl-Istat Membru ospitanti relevanti skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmulin jew Regoli Bankarji maħruġa taħtu.

(2) Fejn Malta hija l-Istat Membru tad-domiċilju, kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu Malti li jkollu l-ħsieb iwettaq negozju għall-ewwel darba fi Stat Membru wieħed jew aktar skont il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew meta jistabbilixxi fergħa għandu jinforma lill-MFSA.

(3) Fi żmien xahar wara li tiġi infurmata skont is-subregolament (2), l-MFSA għandha tinnotifika lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat:

(*a*) il-ħsieb tal-intermedjarju tal-kreditu Malti; u

(*b*) fejn l-intermedjarju tal-kreditu Malti huwa intermedjarju tal-kreditu vinkolat, il-krediturili magħhom huwa vinkolat l-intermedjarju tal-kreditu u jekk il-krediturijassumux responsabbiltà sħiħa u mingħajr kundizzjonijiet għall-attivitajiet tal-intermedjarju tal-kreditu Malti.

(4) L-MFSA għandha wkoll, fl-istess ħin meta n-notifika tintbagħat lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat, tinforma lill-intermedjarju tal-kreditu Malti kkonċernat b'dik in-notifika.

(5) L-intermedjarju tal-kreditu Malti jkun jista' jibda n-negozju fl-Istat Membru ospitanti kkonċernat xahar wara d-data li fiha jkun ġie infurmat mill-MFSA skont is-subregolament (4).

(6) Fejn l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat tindika lill-intermedjarju tal-kreditu Malti l-kundizzjonijiet li taħthom, fl-oqsma li mhumiex armonizzati fil-liġi tal-Unjoni Ewropea, l-attivitajiet tal-intermedjarju tal-kreditu Malti għandhom jitwettqu fl-Istat Membru ospitanti kkonċernat skont l-Artikolu 32(4) tal-MCD, l-intermedjarju tal-kreditu Malti għandu iwettaq l-attivitajiet tiegħu fl-Istat Membru ospitanti skont il-kundizzjonijiet indikati mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat.

Libertà tal-istabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi minn intermedjarji tal-kreditu (Malta bħala Stat Membru ospitanti).
Miżjud:
A.L. 259 tal-2016.
Emendat:
A.L. 167 tal-2022.

18E. (1) Meta Malta hija l-Istat Membru ospitanti, intermedjarju tal-kreditu Ewropew għandu jwettaq biss attivitajiet f'Malta li huma koperti mill-ammissjoni mogħtija mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju mingħajr ma tkun meħtieġa ammissjoni ulterjuri mill-MFSA:

Iżda l-intermedjarji tal-kreditu Ewropej ma jistgħux jipprovdu s-servizzi tagħhom fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu offruti minn:

(*a*) istituzzjonijiet mhux tal-kreditu stabbiliti fi Stati Membri oħra lill-konsumaturi f'Malta fejn dawk l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu mhumiex permessi li joperaw f'Malta; jew

(*b*) istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati fi Stati Membri oħra skont is-CRD, fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu bħal dawn ma eżerċitawx id-dritt tagħhom li jistabbilixxu fergħa jew li jipprovdu servizzi f'Malta skont is-CRD.

(2) Rappreżentanti maħtura li ġew maħtura mill-intermedjarji tal-kreditu Ewropej ma jistgħux iwettqu l-ebda mill-attivitajiet ta' intermedjazzjoni tal-kreditu skont it-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" fir-regolament 2, jew jipprovdu servizzi ta' konsulenza f'Malta.

(3) Fejn intermedjarju tal-kreditu Ewropew jinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ta' domiċilju dwar l-intenzjoni tiegħu li jwettaq negozju għall-ewwel darba f'Malta taħt il-libertà li jipprovdi servizzi jew fejn jistabbilixxi fergħa skont ir-Regolament 32(3) tal-MCD, l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha, skont ir-Regolament 32(3) tal-MCD, tinnotifika lill-MFSA:

(*a*) bl-intenzjoni tal-intermedjarju tal-kreditu Ewropew; u

(*b*) fejn l-intermedjarju tal-kreditu Ewropew huwa intermedjarju tal-kreditu vinkolat, il-krediturи li magħhom l-intermedjarju tal-kreditu Ewropew huwa

vinkolat u jekk il-krediturі jieħdu responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata għall-attivitajiet tal-intermedjarju tal-kreditu Ewropew:

(4) L-MFSA għandha tuża l-informazzjoni riċevuta skont is-subregolament (3) sabiex iddaħħal l-informazzjoni neċessarja fir-reġistru tagħha.

(5) Intermedjarju tal-kreditu Ewropew jista' biss jibda negozju f'Malta xahar wara d-data li fiha jkun infurmat mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju bin-notifika sottomessa lill-MFSA skont l-Artikolu 32(3) tal-MCD.

(6) Qabel ma l-fergħa ta' intermedjarju tal-kreditu Ewropew tibda bl-attivitajiet tagħha, jew fi żmien xahrejn minn meta tirċievi n-notifika msemmija fis-subregolament (3), l-MFSA għandha tipprepara għas-superviżjoni tal-intermedjarju tal-kreditu Ewropew skont ir-regolamenti 22F u 22G u, jekk ikun hemm bżonn, tindika lill-intermedjarju tal-kreditu Ewropew il-kundizzjonijiet li taħthom, f'oqsma mhux armonizzati fil-liġi tal-Unjoni Ewropeja, dawk l-attivitajiet għandhom jiġu mwettqa f'Malta.

Irtirar ta' ammissjoni ta' intermedjarji tal-kreditu.
Miżjud: A.L. 259 tal-2016.
Emendat: A.L. 167 tal-2022.

18F. (1) Ammissjoni mogħtija lil intermedjarju tal-kreditu mill-MFSA għandha awtomatikament tieqaf milli jkollha effett jekk id-detentur:

(*a*) jirrinunzja espressament għall-ammissjoni;

(*b*) ma jkunx wettaq la l-attivitajiet tal-intermedjazzjoni tal-kreditu skont it-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" fir-regolament 2, u lanqas ipprovda s-servizzi ta' konsulenza matul is-sitt xhur preċedenti; jew

(*ċ*) fejn l-intermedjarju tal-kreditu jkun persuna ġuridika, waqaf milli jopera bħala riżultat ta' għaqda ma' intermedjarju tal-kreditu ieħor jew għal xi raġuni oħra tkun li tkun.

(2) L-MFSA tista' tirtira l-ammissjoni mogħtija lill-intermedjarju tal-kreditu skont ir-regolament 18A meta dan l-intermedjarju tal-kreditu:

(*a*) jkun kiseb l-ammissjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew qarrieqa jew mezzi oħrajn irregolari;

(*b*) m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom tkun ingħatat l-ammissjoni;

(*ċ*) jkun kiser serjament u sistematikament id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jirregolaw il-kundizzjonijiet operattivi tal-intermedjarji tal-kreditu;

(*d*) jekk xi dokument jew informazzjoni li jakkumpanja l-applikazzjoni għall-ammissjoni jew kwalunkwe informazzjoni mogħtija f'konnessjoni magħha jkun falz f'xi dettall partikolari;

(*e*) jaħbi minn, jew jonqos milli jinnotifika l-MFSA bi kwalunkwe dokument jew informazzjoni jew xi bidla fihom li kien fid-dmir tiegħu li jiżvela jew jinnotifika

taħt dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom;

(*f*) fejn l-intermedjarju tal-kreditu huwa persuna ġuridika u huwa dikjarat fallut jew imur f'likwidazzjoni jew ikun mod ieħor xolt;

(*g*) jonqos milli jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom jew mal-kundizzjonijiet li taħthom l-ammissjoni tingħata; jew

(*h*) ma jkollux biżżejjed assi biex ikopri r-responsabbiltajiet tiegħu.

(3) Meta Malta tkun l-Istat Membru ta' domiċilju u meta l-ammissjoni ta' intermedjarju tal-kreditu awtomatikament tieqaf milli jkollha effett skont is-subregolament (1) jew tiġi rtirata mill-MFSA skont is-subregolament (2), l-MFSA għandha minnufih tinnotifika lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istati Membri ospitanti rilevanti b'dak it-tmiem awtomatiku ta' ammissjoni jew b'dak l-irtirar kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn erbatax (14)-il ġurnata mid-data meta l-ammissjoni awtomatikament tieqaf milli jkollha effett jew mid-data tal-irtirar, bi kwalunkwe mezz adatt.

(4) L-MFSA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tħassar mir-reġistru msemmi fir-regolament 18A kwalunkwe intermedjarji tal-kreditu li li l-ammissjoni tagħhom tkun awtomatikament waqfet milli jkollha effett jew tkun ġiet irtirata.

(5) L-MFSA tista' timponi wkoll restrizzjonijiet fuq ammissjoni mogħtija skont dawn ir-regolamenti kif tikkunsidra xieraq għall-konformità xierqa mill-intermedjarji tal-kreditu mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġin taħtu u l-kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, tal-ammissjoni tiegħu, u jistgħu jinkludu:

(*a*) it-tneħħija ta' kull uffiċjal tal-intermedjarju tal-kreditu jew is-sostituzzjoni ta' xi uffiċjal minn dik il-persuna li l-MFSA tista' tinnomina;

(*b*) ir-rekwiżit għall-intermedjarju tal-kreditu biex jieħu jew iżomm lura minn kull azzjoni;

(*ċ*) ir-rekwiżit li l-intermedjarju tal-kreditu jkun ipprojbit milli jwettaq kwalunkwe transazzjoni jew transazzjonijiet jew xi klassi ta' negozju jew jitħalla jwettaq kwalunkwe transazzjoni jew transazzjonijiet jew xi klassi ta' negozju biss taħt dawk it-termini li l-MFSA tista' tordna:

Iżda l-MFSA għandu jkollha s-setgħa li tvarja jew tneħħi kwalunkwe restrizzjoni imposta taħt dan ir-regolament.

(6) Fejn l-MFSA għandha l-intenzjoni li tillimita jew tirtira l-ammissjoni jew li tibdel xi restrizzjoni, din għandha tinnotifika lill-intermedjarju tal-kreditu bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha; dak l-avviż għandu jispeċifika r-raġunijiet li fuqhom l-MFSA għandha l-ħsieb li tieħu azzjoni u għandu jispeċifika perjodu li fih l-intermedjarju tal-kreditu għandu jkun intitolat li jagħmel rappreżentazzjonijiet lill-MFSA għaliex dik l-azzjoni m'għandhiex

tittieħed. Sakemm l-MFSA ma tiddeċidix li l-kwistjoni tkun urġenti, m'għandhiex timponi jew tvarja xi restrizzjoni jew tirtira ammissjoni qabel ma jiskadi dak il-perjodu.

(7) Fejn l-MFSA hija sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, tista' fi kwalunkwe ħin tagħmel pubblika kwalunkwe azzjoni li tkun ħadet taħt dan ir-regolament.

Emendata: A.L. 259 tal-2016.

TAQSIMA XIII

Mixxellanji

Reklamar. *Emendat: A.L. 266 tal-2014. Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

19. (1) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE, kwalunkwe komunikazzjonijiet ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni rigward kuntratti ta' kreditu għandhom ikunu ekwi, ċari u mhux qarrieqa. B'mod partikolari, għandha tkun ipprojbita kitba li tista' toħloq aspettativi żbaljati fil-konsumaturi dwar id-disponibbiltà jew l-ispejjeż ta' kreditu.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar prattiċi kummerċjali żleali taħt l-Att, kull reklamar li jikkonċerna ftehim ta' kreditu li jindika rata ta' interess jew kwalunkwe ċifra relatata mal-ispejjeż tal-kreditu lill-konsumatur, għandu jinkludi l-informazzjoni *standard* skont dan ir-regolament.

(3) L-informazzjoni *standard* imsemmija fis-subregolament (2) għandha tispeċifika b'mod ċar, konċiż u prominenti:

(*a*) l-identità tal-kreditur jew, fejn applikabbli, tal-intermedjarju tal-kreditu;

(*b*) li l-prodott reklamat huwa ftehim ta' kreditu u, fejn ikun applikabbli, li l-ftehim ta' kreditu ser jiġi assigurat permezz ta' ipoteka jew privileġġ fuq proprjetà immobbli residenzjali, bi dritt relatat ma'proprjetà immobbli residenzjali;

(*ċ*) ir-rata tal-imgħax tas-self, b'indikazzjoni jekk hijiex fissa jew varjabbli jew kumbinazzjoni tat-tnejn;

(*d*) dettalji ta' kwalunkwe imposta inkluża fl-ispejjeż totali tal-kreditu għall-konsumatur;

(*e*) l-ammont totali tal-kreditu;

(*f*) l-RPAI li għandha tiġi inkluża fir-reklam tal-anqas bl-istess prominenza daqs kwalunkwe rata ta' imgħax;

(*g*) fejn applikabbli, it-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu;

(*h*) fejn applikabbli, l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur;

(*i*) fejn applikabbli, l-ammont tal-pagamenti rateali u l-ammont ta' kull ripagament ta' kreditu;

(*j*) fejn applikabbli, twissija dwar il-fatt li ċaqliq possibbli fir-rata tal-imgħax jista' jaffettwa l-ammont pagabbli mill-konsumatur; u

(*k*) fejn applikabbli, twissija dwar ir-riskju li tintilef il-proprjetà immobbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza

tal-impenji marbuta mal-ftehim ta' kreditu.

(4) L-informazzjoni elenkata fis-subregolament (3) minbarra dik elenkata fil-paragrafi (*a*), (*b*) jew (*j*) tiegħu, għandha tiġi speċifikata permezz ta' eżempju rappreżentattiv u għandha timxi ma' dak l-eżempju rappreżentattiv dejjem:

Iżda d-Direttur Ġenerali għandu jadotta kriterji biex jiġi determinat eżempju rappreżentattiv.

(5) (*a*) Kull reklamar li jikkonċerna ftehim ta' kreditu li jinkludi rata ta' interess jew kwalunkwe ċifra relatata mal-ispejjeż tal-kreditu lill-konsumatur, għandu jinkludi dikjarazzjoni ċara u konċiża rigward kull obbligu sabiex jidħlu f'kuntratt fir-rigward ta' servizz anċillari relatat mal-ftehim ta' kreditu, b'mod partikolari servizz ta' assigurazzjoni, fejn:

(i) il-konklużjoni ta' dak is-servizz hi obbligatorja biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb fuq it-termini u l-kundizzjonijiet reklamati; u

(ii) l-ispejjeż ta' dak is-servizz ma jistgħux jiġu determinati minn qabel.

(*b*) L-obbligu msemmi fil-paragrafu (a) għandu jkun reklamat b'mod prominenti flimkien mal-RPAI.

(6) L-informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (3) u (5) għandha tkun tista' tinqara b'mod faċli jew tista' tinstema ċar skont il-każ, skont il-mezz użat għar-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni.

(7) Id-Direttur Ġenerali jista' jitlob l-inklużjoni ta' twissija konċiża u proporzjonata dwar ir-riskji speċifiċi assoċjati mal-kuntratti ta' kreditu:

Iżda d-Direttur Ġenerali għandu jinnotifika lill-MFSA dwar kwalunkwe rekwiżit tali mingħajr dewmien bla bżonn:

Iżda wkoll li l-MFSA għandha, mal-wasla tan-notifika mid-Direttur Ġenerali msemmija f'dan is-subregolament, tinnotifika dawn ir-rekwiżiti lill-Kummissjoni Ewropea mingħajr dewmien.

(8) Dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE.

Prattiċi ta' rbit u abbinament. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

19A. (1) Filwaqt li prattiċi ta' abbinament (*bundling*) għandhom ikunu permessi, prattiċi ta' rbit għandhom ikunu pprojbiti.

(2) Minkejja s-subregolament (1) il-krediturijistgħu jitolbu lill-konsumatur jew membru tal-familja jew qarib viċin tal-konsumatur sabiex jiftaħ jew iżomm kont ta' pagament jew ta' tfaddil, fejn l-unika raġuni ta' kont bħal dan hija li jiġi akkumulat il-kapital biex jitħallas lura l-kreditu, jew issir manutenzjoni tal-kreditu, biex jinġabru riżorsi biex jinkiseb il-kreditu, jew biex tingħata garanzija addizzjonali għall-kreditur f'każ ta' inadempjenza.

(3) Krediturijistgħu jitolbu li l-konsumatur ikollu polza ta' assigurazzjoni rilevanti relatata mal-kuntratt ta' kreditu:

Iżda kreditur għandu jaċċetta l-poloz ta' assigurazzjoni minn fornitur differenti mill-fornitur preferut tiegħu fejn polza bħal din ikollha livell ta' garanzija ekwivalenti għal dik li jkun ippropona l-kreditur.

Aċċess transkonfini. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

20. (1) Krediturі Maltin u Ewropej għandu jkollhom aċċess għal bażijiet ta' *data* użati f'Malta biex jivvalutaw l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi:

Iżda l-krediturі jistgħu jaċċedu biss dawn il-bażijiet ta' *data* għar-raġuni waħdanija tal-monitoraġġ tal-konformità tal-konsumaturi mal-obbligi ta' kreditu matul il-ħajja tal-kuntratt ta' kreditu.

(2) Kwalunkwe kundizzjonijiet imposti għal aċċess għal bażijiet ta' *data* msemmija fis-subregolament (1) m'għandhomx ikunu diskriminatorji.

(3) Is-subregolament (1) għandu japplika kemm għal bażijiet ta' *data* li jitħaddmu minn uffiċċji privati tal-kreditu jew aġenziji ta' referenza tal-kreditu kil ukoll għal reġistri pubbliċi:

Iżda talba minn kreditur għal aċċess għal dawn il-bażijiet ta' *data* tista' tiġi rifjutata mid-detentur tal-bażi ta' *data* jekk l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta hija pprojbita minn xi liġi oħra, jew hija kuntrarju għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika ta' Malta.

(4) Dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Protezzjoni tad-*Data*.

Rata perċentwali annwali tal-imposti. *Emendat: A.L. 266 tal-2014. Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

21. (1) Ir-rata perċentwali annwali tal-imposti għandha tiġi kkalkolata skont il-formola matematika stipulata fit-Tieni Skeda.

(2) L-ispejjeż biex jinfetaħ u jinżamm kont speċifiku, biex jintuża mezz ta' pagament kemm għal transazzjonijiet kif ukoll għal prelevamenti minn dak il-kont u ta' spejjeż oħrajn relatati ma' transazzjonijiet ta' pagamenti għandhom jiġu inklużi fl-ispejjeż totali tal-kreditu lill-konsumatur kull meta jkun obbligatorju li jinfetaħ jew jinżamm kont biex jinkiseb il-kreditu li jaqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolament jew biex jinkiseb bit-termini u l-kundizzjonijiet irreklamati.

(3) Il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti għandha tkun ibbażata fuq il-preżunzjoni li l-kuntratt ta' kreditu ser jibqa' validu għall-perjodu miftiehem u l-kreditur u l-konsumatur ser jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt it-termini u sad-dati speċifikati fil-kuntratt ta' kreditu.

(4) Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu li jkollhom klawżoli li jippermettu varjazzjonijiet fir-rata tal-imgħax tas-self u, fejn applikabbli, fl-imposti inklużi fir-rata perċentwali annwali tal-imposti iżda li ma jistgħux jiġu kkwantifikati fil-mument tal-kalkolu, ir-rata perċentwali annwali tal-imposti għandha tiġi kkalkolata fuq il-preżunzjoni li r-rata tal-imgħax tas-self u imposti oħrajn ser jibqgħu fissi b'rabta mal-livell stabbilit mal-konklużjoni tal-kuntratt.

(5) Għal kuntratti ta' kreditu li għalihom jintlaħaq qbil dwar

rata tal-imgħax ta' self fissa b'rabta mal-perjodu inizjali ta' mill-inqas ħames snin, li fi tmiemhom isiru negozjati dwar ir-rata tal-imgħax ta' self biex tiġi maqbula rata tal-imgħax fissa ġdida għal perjodu materjali ieħor, il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti addizzjonali illustrattiva żvelata fl-FEIS għandu jkopri biss il-perjodu inizjali ta' rata fissa u għandu jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni li, fi tmiem il-perjodu ta' rata tal-imgħax tas-self fissa, il-kapital pendenti jitħallas lura.

(6) Fejn il-kuntratt ta' kreditu jippermetti varjazzjonijiet fir-rata tal-imgħax ta' self, il-krediturigħandhom jgħarrfu lill-konsumatur dwar l-impatti possibbli tal-varjazzjonijiet fuq l-ammonti pagabbli u dwar ir-rata perċentwali annwali tal-imposti għall-inqas permezz tal-FEIS, billi l-konsumatur jiġi pprovdut b'rata perċentwali annwali tal-imposti addizzjonali li jispjega r-riskji possibbli marbuta ma' żieda sinifikanti fir-rata tal-imgħax ta' self:

Iżda fejn ma jkunx hemm limitu fuq ir-rata ta' self, l-informazzjoni msemmija f'dan is-subregolament għandha tiġi akkumpanjata minn twissija li tenfasizza l-fatt li l-ispiża totali tal-kreditu għall-konsumatur, muri mir-rata perċentwali annwali tal-imposti, jista' jinbidel:

Iżda wkoll dan is-subregolament m'għandux japplika għal kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata ta' self hija ffissata għal perjodu inizjali ta' mill-inqas ħames snin, li fi tmiemhom isiru negozjati dwar ir-rata ta' self biex tinqabel rata fissa ġdida għal perjodu materjali ieħor, li għaliha hija provduta rata perċentwali annwali tal-imposti addizzjonali illustrattiva fl-FEIS.

(7) Fejn applikabbli, is-suppożizzjonijiet addizzjonali stipulati fit-Tieni Skeda għandhom jintużaw fil-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti.

Swieq flessibbli u affidabbli. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

21A. (1) Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li Malta jkollha mekkaniżmi xierqa fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-pretensjoni kontra l-garanzija tkun tista' tiġi infurzata minn jew f'isem il-krediturи.

(2) Il-krediturigħandhom iżommu dokumentazzjoni xierqa dwar it-tipi ta' proprjetà immobbli aċċettati bħala garanzija kif ukoll il-politika ta' sottoskrizzjoni ipotekarja użata fir-rigward ta' ftehim ta' kreditu.

(3) Id-Direttur Ġenerali għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jsir monitoraġġ statistiku xieraq tas-suq tal-proprjetà residenzjali, inkluż għal finijiet ta' sorveljanza fuq is-suq, fejn xieraq billi jiġi inkoraġġut l-iżvilupp u l-użu ta' indiċijiet speċifiċi tal-prezzijiet li jistgħu jkunu pubbliċi jew privati jew it-tnejn.

Infurzar u monitoraġġ. *Sostitwit: A.L. 259 tal-2016.*

22. (1) Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-awtoritajiet regolatorji Ewropej skont l-MCD, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li:

(*a*) jissorveljaw il-ħidma u l-effettività ta'dawn ir-regolamenti u li jieħdu dawk il-miżuri li jistgħu jitqiesu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn ir-regolamenti; u

(*b*) jissorveljaw il-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu skont dawn ir-regolamenti, u jiżguraw li jkun hemm konformità mal-obbligi identifikati taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda l-allokazzjoni ta' kompiti bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej skont l-Artikolu 34 tal-MCD għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward ta' oqsma mhux koperti mill-MCD f'konformità mal-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), l-MFSA tista':

(*a*) teħtieġ intermedjarju tal-kreditu li jieħu l-miżuri neċessarji fi stadju bikri biex jindirizza l-problemi rilevanti f'ċirkostanzi fejn l-intermedjarju tal-kreditu ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti jew xi Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom; jew fejn l-MFSA jkollha provi li l-intermedjarju tal-kreditu jista' x'aktarx jikser dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom, fit-tnax-il xahar li ġejjin; u

(*b*) teħtieġ intermedjarju tal-kreditu li jissottometti kwalunkwe informazzjoni li l-MFSA tista' tistabbilixxi, jew li l-MFSA tista' minn żmien għal żmien teħtieġ, f'dik il-forma u f'dak iż-żmien jew żminijiet jew f'dawk l-intervalli jew fir-rigward ta' dak il-perjodu jew perjodi li jista' jkun preskritt mill-MFSA.

(3) Intermedjarji tal-kreditu għandhom jissottomettu lill-MFSA kwalunkwe informazzjoni li tista' raġonevolment teħtieġ fil-qadi tad-dmirijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti u kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom, u l-MFSA tista' tinvestiga u titlob għal kjarifika ta' kull informazzjoni hekk sottomessa.

(4) L-MFSA tista' wkoll tawtorizza xi uffiċjal, impjegat, aġent jew spettur tal-MFSA, fuq il-produzzjoni ta' evidenza tal-awtorità tiegħu, biex jirrikjedi kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu biex jipprovdilu minnufih dik l-informazzjoni, jew biex jipproduċilu minnufih dawk id-dokumenti, kif hu jista' jispeċifika, liema informazzjoni jew dokumenti l-MFSA tista' raġonevolment teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom:

Iżda kwalunkwe uffiċjal, impjegat, aġent jew spettur bħal dan għandu jkollu s-setgħa li jirrikjedi l-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti minn kwalunkwe persuna li tidher li tkun fil-pussess tagħhom.

(5) Is-setgħa taħt dan ir-regolament biex tirrikjedi intermedjarju jew xi persuna oħra biex tipproduċi kwalunkwe dokument tinkludi s-setgħa -

(*a*) jekk id-dokumenti huma prodotti, li jittieħdu kopji tagħhom jew estratti minnhom u li tirrikjedi dak l-

intermedjarju tal-kreditu jew persuna, jew kwalunkwe persuna oħra li tkun uffiċjal preżenti jew tal-passat, jew li tkun jew kienet f'xi żmien impjegata minn jew taġixxi bħala impjegat tal-intermedjarju tal-kreditu konċernat, li jipprovdu spjegazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minnhom; u

(*b*) jekk id-dokumenti mhumiex prodotti, li tintalab lill-persuna li kienet meħtieġa li tipproduċihom biex tgħid, skont l-aħjar għarfien u twemmin tagħha, fejn jinsabu.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-artikoli 4(2) u 17 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, l-MFSA tista' tipprovdi kwalunkwe informazzjoni bħal din sottomessa minn intermedjarju tal-kreditu lill-MFSA jew xi uffiċjali tagħha, impjegati jew l-aġenti, lid-Direttur Ġenerali mingħajr ma jitqies bħala att ta' ksur ta' xi obbligi ta' kunfidenzjalità jew segretezza professjonali skont il-liġi nazzjonali. Kap. 330.

Investigazzjonijiet. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22A. (1) Kwalunkwe uffiċjal, impjegat jew aġent tal-MFSA jista', għal skopijiet tar-regolament 22(1), iwettaq investigazzjonijiet fuq u, jew, jagħmel spezzjonijiet fuq il-post ta' kwalunkwe persuna li tidher li tkun fil-pussess ta' informazzjoni rilevanti.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), l-MFSA tista' taħtar persuna kompetenti waħda jew aktar, bħala spettur, sabiex tinvestiga u tirrapporta fuq in-natura, il-kondotta jew l-istat tan-negozju tal-intermedjarju tal-kreditu jew kwalunkwe aspett partikolari tiegħu:

Iżda jekk xi persuna maħtura taħt dan is-subregolament jidhrilha li jkun meħtieġ għall-finijiet tal-investigazzjoni tagħha jew għall-finijiet ta' spezzjoni fuq il-post, hija tista' wkoll tinvestiga u tirrapporta dwar in-negozju ta' kwalunkwe persuna li tkun jew li f'xi żmien rilevanti kienet involuta ma', jew fi kwistjonijiet tal-intermedjarju tal-kreditu konċernat, inklużi:

(*a*) kumpannija *holding*, sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa mal-intermedjarju tal-kreditu taħt investigazzjoni; jew

(*b*) kumpannija sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa ma' kumpannija *holding* ta' dak l-intermedjarju tal-kreditu; jew

(*ċ*) kumpannija *holding* ta' sussidjarja ta' dak l-intermedjarju tal-kreditu; jew

(*d*) kontrollur ta' dak l-intermedjarju tal-kreditu; jew

(*e*) provditur tas-servizz ta' dak l-intermedjarju tal-kreditu ingaġġat minn barra.

(3) Fejn l-MFSA tiddeċiedi li tinvestiga l-kummerċ ta', jew twettaq spezzjoni fuq il-post ta', kwalunkwe persuna skont is-subregolament (1), għandha tinforma lil dik il-persuna b'avviż bil-miktub.

(4) Għandu jkun id-dmir ta' kull persuna li tkun jew kienet uffiċjal jew impjegat ta', jew li b'xi mod ieħor tkun relatata mal-

intermedjarju tal-kreditu, li hu taħt investigazzjoni skont dawn ir-regolamenti:

(*a*) li tipproduċi lill-persuna jew persuni maħturin taħt is-subregolament (2), f'dak iż-żmien u f'dak il-post li huma jistgħu jeħtieġu, id-dokumenti kollha relatati mal-persuna kkonċernata li jkunu fil-kustodja jew fis-setgħa tagħha;

(*b*) li tattendi quddiem il-persuna jew persuni hekk maħtura f'dak iż-żmien u post kif huma jistgħu jeħtieġu; u

(*ċ*) mod ieħor li tagħti lil din il-persuna jew persuni l-assistenza kollha b'konnessjoni mal-investigazzjoni li hija raġonevolment kapaċi tagħti, u din il-persuna jew persuni jistgħu jieħdu kopji ta' jew estratti minn kwalunkwe dokument ppreżentat lilhom taħt il-paragrafu (*a*).

(5) Persuna li teżerċita s-setgħat bis-saħħa ta' ħatra taħt dan ir-regolament għandha, jekk tkun hekk meħtieġa, tipproduċi prova tal-awtorità tagħha.

(6) L-ebda persuna ma tista' -

(*a*) mingħajr raġuni leġittima tonqos milli tipproduċi xi dokumenti li jkun id-dmir tagħha li tipproduċi taħt is-subregolament (4);

(*b*) mingħajr raġuni leġittima tonqos milli tattendi quddiem il-persuna jew persuni maħtura taħt is-subregolament (2) meta tkun meħtieġa tagħmel hekk; jew

(*ċ*) mingħajr raġuni leġittima tonqos milli twieġeb xi mistoqsija li titqiegħed lilha minn persuni hekk maħtura.

(7) Dikjarazzjoni magħmula minn persuna f'konformità ma' rekwiżit impost bis-saħħa ta' dan ir-regolament tista' tintuża bħala prova kontriha.

(8) L-MFSA għandu jkollha s-setgħa li tordna li l-ispejjeż kollha ta', u inċidentali għall-investigazzjoni skont dan ir-regolament għandhom jitħallsu mill-intermedjarju tal-kreditu konċernat.

Dritt ta' dħul sabiex tinkiseb informazzjoni u dokumenti. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22B. (1) Kull uffiċjal, impjegat, aġent jew spettur tal-MFSA jista', fuq il-produzzjoni, jekk ikun meħtieġ, ta' evidenza tal-awtorità tiegħu:

(*a*) jidħol f'kull fond okkupat minn persuna li tkun ġiet notifikata b'avviż skont ir-regolament 22A għall-iskop li jikseb l-informazzjoni jew id-dokumenti meħtieġa minn dak l-avviż;

(*b*) jidħol fi kwalunkwe bini okkupat minn xi persuna li tista' tiġi notifikata skont ir-regolament 22A għall-iskop li jikseb dik l-informazzjoni jew id-dokumenti kif jistgħu jkunu speċifikati mill-MFSA, liema

informazzjoni jew dokumenti setgħu ġew mitluba b'dak l-avviż:

Iżda l-MFSA m'għandha tawtorizzaw lill-ebda persuna sabiex taġixxi taħt il-paragrafu (*b*) sakemm ma jkollhiex bażi raġonevoli biex temmen li jekk dak l-avviż jiġi mogħti ma kienx ser jiġi mħares jew li kwalunkwe dokumenti li għalihom kien jirrelata jitneħħew, jiġu mbagħbsin jew meqruda:

Iżda wkoll meta d-dħul kif imsemmi f'dan is-subregolament jinvolvi bini li huma okkupati għall-finijiet ta' abitazzjoni, dan id-dħul għandu jsir fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux anqas minn dak ta' spettur u barra minn hekk m'għandux iseħħ bejn id-disgħa ta' filgħaxija u l-ħamsa ta' filgħodu.

(2) Ebda persuna m'għandha tostakola intenzjonalment persuna li teżerċita d-drittijiet mogħtija lilha permezz ta' dan ir-regolament.

Reati suspettati. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22Ċ. (1) Fejn l-MFSA għandha bażijiet raġonevoli biex tissuspetta li persuna tkun kisret jew naqset milli tikkonforma ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom, hi tista' b'avviż bil-miktub teħtieġ lil dik il-persuna jew kwalunkwe persuna oħra:

(*a*) li tipprovdi f'tali post li jista' jiġi speċifikat fl-avviż u jew minnufih jew f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk speċifikat, dik l-informazzjoni li tista' tkun raġonevolment meħtieġa għall-fini tal-investigazzjoni tal-kontravenzjoni suspettata jew in-nuqqas ta' konformità;

(*b*) li tipproduċi, f'dak il-post li jista' jiġi speċifikat fl-avviż u jew minnufih jew f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk speċifikat, dawn id-dokumenti, jew dokumenti ta' dik id-deskrizzjoni li jistgħu jiġu speċifikati li jistgħu raġonevolment ikunu meħtieġa għal dak il-għan;

(*ċ*) li tattendi f'dak il-post u l-ħin kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż, u twieġeb il-mistoqsijiet rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk seħħitx tali kontravenzjoni jew nuqqas ta' konformità.

(2) L-MFSA jew l-uffiċjal, impjegat, aġent jew spettur tagħha li jkun debitament awtorizzat, tista' tieħu kopji ta' jew estratti minn kwalunkwe dokument prodott taħt dan ir-regolament.

(3) Kull uffiċjal, impjegat, aġent jew spettur tal-MFSA jista', bejn il-ħamsa ta' filgħodu u d-disgħa ta' bil-lejl, fuq il-produzzjoni jekk meħtieġa ta' evidenza tal-awtorità tiegħu, jidħol f'kull fond okkupat minn persuna li ġiet notifikata b'avviż skont is-subregolament (1) għall-għan li jikseb l-informazzjoni jew id-dokumenti meħtieġa mill-avviż, jistaqsi d-domandi msemmija fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak is-sub-regolament jew jeżerċita s-setgħat mogħtija bis-subregolament (2).

(4) Ebda persuna m'għandha mingħajr raġuni leġittima tonqos milli tikkonforma ma' rekwiżit impost fuqha taħt dan ir-regolament

jew intenzjonalment tostakola persuna fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija bis-subregolament (3).

(5) Dikjarazzjoni magħmula minn persuna f'konformità ma' rekwiżit impost bis-saħħa ta' dan ir-regolament tista' tintuża bħala prova kontriha.

Ostruzzjoni. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22D. Ebda persuna li taf jew li tissuspetta li investigazzjoni qed issir jew li x'aktarx issir skont dawn ir-regolamenti ma tista' tiffalsifika, taħbi, teqred jew inkella tiddisponi minn, jew tikkawża jew tippermetti l-falsifikazzjoni, ħabi, qerda jew rimi ta' dokumenti li taf jew tissuspettata li huma jew li jkunu rilevanti għal tali investigazzjoni sakemm ma tippruvax li ma kellha l-ebda intenzjoni li taħbi fatti żvelati mid-dokumenti minn persuni li qegħdin iwettqu tali investigazzjoni.

Dmirijiet ta' uffiċjali. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22E. Kull uffiċjal ta' intermedjarju tal-kreditu għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli:

(*a*) sabiex jassigura konformità mill-intermedjarju tal-kreditu mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom u tal-ammissjoni tiegħu skont dawn ir-regolamenti; u

(*b*) biex jiżgura li l-ebda informazzjoni żbaljata tiġi pprovduta lill-MFSA jew volontarjament jew b'riżultat ta' negliġenza serja.

Superviżjoni ta' intermedjarji tal-kreditu (Malta bħala Stat Membru tad-domiċilju). *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22F. (1) Intermedjarji tal-kreditu Maltin għandhom jikkonformaw ma' dawn ir-regolamenti u għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni tal-attivitajiet kontinwi tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti:

Iżda meta l-intermedjarji tal-kreditu Maltin jipprovdu servizzi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor permezz tal-istabbiliment ta' fergħa:

(*a*) intermedjarji tal-kreditu Maltin għandhom, fir-rigward tas-servizzi pprovduti fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ikunu konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7(1), 8, 9, 10, 11, 13, 14, 15, 16, 17, 20, 22 u 39 tal-MCD u ma' kwalunkwe miżura adottata skont dawk l-Artikoli mill-Istat Membru ospitanti kkonċernat; u

(*b*) l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat għandu jkollha, skont l-Artikolu 34(3) tal-MCD, id-dritt li teżamina l-arranġamenti tal-fergħa u li titlob dawk il-bidliet li jistgħu jkunu strettament meħtieġa biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 34(2) tal-MCD u sabiex tippermetti lid-Direttur Ġenerali biex jinforza l-obbligi taħt ir-regolament 5(2), (3) u (4) u kwalunkwe miżura adottata taħthom mid-Direttur Ġenerali fir-rigward tas-servizzi pprovduti mill-fergħa.

(2) Meta Malta hija l-Istat Membru ta' domiċilju, l-awtoritajiet

kompetenti għandhom jiddeterminaw fuq bażi ta' każ b'każ, jekk l-intermedjarji tal-kreditu marbuta li jkunu ammessi skont dawn ir-regolamenti u li jaġixxu għal u għan-nom ta' kreditur Malti, għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni direttament jew bħala parti mis-superviżjoni tal-kreditur li għan-nom tiegħu qed jaġixxu:

Iżda jekk tali intermedjarji tal-kreditu vinkolati jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor, tali intermedjarji tal-kreditu vinkolati għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni direttament.

(3) Meta Malta hija l-Istat Membru ta' domiċilju, awtorità regolatorja Ewropea tista', skont l-Artikolu 34(2) tal-MCD, fejn taċċerta li intermedjarju tal-kreditu Malti li jipprovdi servizzi fit-territorju tagħha permezz tat-twaqqif ta' fergħa qed jikser il-miżuri adottati fl-Istat Membru ospitanti relevanti skont l-Artikoli 7(1), 8, 9, 10, 11, 13, 14, 15, 16, 17, 20, 22 u 39 tal-MCD, teħtieġ l-intermedjarju tal-kreditu Malti kkonċernat iġib fi tmiem is-sitwazzjoni irregolari tiegħu:

Iżda jekk l-intermedjarju tal-kreditu Malti kkonċernat jonqos li jieħu l-passi neċessarji, l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat jista', skont l-Artikolu 34(2) tal-MCD, tieħu kull azzjoni adattata biex tiżgura li l-intermedjarju tal-kreditu Malti konċernat iġib fi tmiem is-sitwazzjoni irregolari tiegħu:

Iżda wkoll f'każijiet bħal dawn, l-awtorità regolatorja Ewropea għandha, skont l-artikolu 34(2) tal-MCD tikkomunika n-natura ta' kull azzjoni bħal din lill-MFSA.

(4) Fil-każ li, minkejja l-azzjoni meħuda mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat skont l-Artikolu 34(2) tal-MCD, l-intermedjarju tal-kreditu Malti jippersisti fil-ksur tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 34(2) tal-MCD fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti kkonċernat, l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti tista', skont l-Artikolu 34(2) tal-MCD, tieħu azzjoni adatta biex tipprevjeni jew tippenalizza iktar irregolaritajiet u, safejn meħtieġ, sabiex tipprevjeni l-intermedjarju tal-kreditu Malti milli jibda aktar transazzjonijiet bħal dawn fit-territorju tiegħu:

Iżda meta l-MFSA jew id-Direttur Ġenerali, skont il-każ, ma jaqblux ma' xi azzjoni bħal dawn li jittieħdu mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat, id-Direttur Ġenerali jista' jirreferi l-kwistjoni lill-ABE u jitlob l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(5) Meta Malta hija l-Istat Membru ta' domiċilju u l-awtorità regolatorja Ewropea ta' Stat Membru ospitanti tirreferi sejbiet lill-MFSA skont l-Artikolu 34(4) tal-MCD, fir-rigward ta' ksur minn intermedjarji tal-kreditu Maltin li jaġixxu taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew il-libertà ta' stabbiliment fl-Istat Membru ospitanti kkonċernat, tal-obbligi li jirriżultaw mill-miżuri adottati skont l-MCD għajr dawk speċifikati fl-Artikolu 34(2) tal-MCD, l-MFSA jew id-Direttur Ġenerali, skont il-każ, għandhom jieħdu azzjoni xierqa:

Iżda meta l-awtoritajiet kompetenti jonqsu milli jieħdu

kwalunkwe azzjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jiksbu dawk is-sejbiet, jew fejn, minkejja kull azzjoni bħal din li tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti, l-intermedjarju tal-kreditu Malti kkonċernat jippersisti li jaġixxi f'manjiera li tkun ta' preġudizzju ċar għall-interessi tal-konsumaturi tal-Istat Membru ospitanti rilevanti jew il-funzjonament ordnat tas-swieq, l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernata tista', skont l-Artikolu 34(4) tal-MCD:

(*a*) wara li tkun infurmat lill-MFSA, tieħu l-azzjoni adatta kollha meħtieġa biex tipproteġi l-konsumaturi u tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-swieq, inkluż billi tipprevjeni l-intermedjarju tal-kreditu Malti inadempjenti milli jibda kwalunkwe transazzjoni oħra fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti;

(*b*) irreferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(6) L-MFSA għandha tibgħat lid-Direttur Ġenerali kwalunkwe informazzjoni li tirċievi mingħand l-awtoritajiet regolatorji Ewropej tal-Istati Membri ospitanti skont is-subregolamenti (3) u (5).

(7) Meta Malta hija l-Istat Membru tad-domiċilju u intermedjarju tal-kreditu Malti jipprovdi servizzi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor permezz tal-istabbiliment ta' fergħa, l-MFSA u d-Direttur Ġenerali jistgħu, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħhom u skont l-Artikolu 34(5) tal-MCD iwettqu spezzjonijiet fuq il-post f'dik il-fergħa:

Iżda tali spezzjonijiet fuq il-post għandhom jitwettqu biss wara notifika mill-MFSA lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti kkonċernat.

(8) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, id-Direttur Ġenerali u l-MFSA għandhom jikkollaboraw mill-qrib u għandhom jikkooperaw kull meta jkun meħtieġ, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissodisfaw id-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi rispettivi tagħhom.

Superviżjoni ta' intermedjarji tal-kreditu (Malta bħala Stat Membru ospitanti). *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22G. (1) Fergħat f'Malta ta' intermedjarji tal-kreditu Ewropej għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fir-regolamenti 4A, 5(1), 6, 7, 7A, 8, 8A, 8B, 12A, 19, 21 u 24A u ma' kwalunkwe miżuri adottati bis-saħħa tagħhom mill-MFSA u, jew mid-Direttur Ġenerali, kif jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni tal-attivitajiet kontinwi tagħhom fir-rigward ta' tali obbligi u miżuri mill-awtoritajiet kompetenti:

Iżda meta Malta hija l-Istat Membru ospitanti, l-MFSA u, jew id-Direttur Ġenerali għandu jkollhom ukoll id-dritt li jeżaminaw l-arranġamenti tal-fergħa u li jitolbu li jsiru dawk il-bidliet li jkunu strettament meħtieġa biex jiġu sodisfatti r-responsabbiltajiet tagħhom skont l-Artikolu 34(2) tal-MCD u sabiex l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju kkonċernat tkun tista' tenforza l-obbligi taħt l-Artikoli

7(2), (3) u (4) tal-MCD u kwalunkwe miżuri adottati mill-Istat Membru ta' domiċilju kkonċernat rigward is-servizzi pprovduti mill-fergħa tal-intermedjarju tal-kreditu Ewropew.

(2) Meta Malta hija l-Istat Membru ospitanti u l-MFSA jew, u d-Direttur Ġenerali, skont il-każ, jaċċertaw li intermedjarju tal-kreditu Ewropew li jipprovdi servizzi f'Malta permezz tal-istabbiliment ta' fergħa huwa fi ksur tal-miżuri adottati f'Malta skont artikoli 4A, 5(1), 6, 7, 7A, 8, 8A, 8B, 12A, 19, 21 u 24A, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lill-intermedjarju tal-kreditu Ewropew konċernat iġib fi tmiem is-sitwazzjoni irregolari tiegħu.

(3) F'każ li intermedjarju tal-kreditu Ewropew li jipprovdi s-servizzi tiegħu f'Malta permezz tal-istabbiliment ta' fergħa jonqos milli jieħu l-passi meħtieġa wara talba magħmula mill-awtoritajiet kompetenti skont is-subregolament (2), l-MFSA u, jew id-Direttur Ġenerali, skont il-każ, għandhom jieħdu azzjoni xierqa biex jiġi żgurat li l-intermedjarju tal-kreditu Ewropew konċernat iġib fi tmiem is-sitwazzjoni irregolari tiegħu:

Iżda l-MFSA għandha tikkomunika n-natura ta' din l-azzjoni lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ta' domiċilju kkonċernat.

(4) Fil-każ li, minkejja l-azzjoni meħuda mill-MFSA u, jew mid-Direttur Ġenerali, skont il-każ, skont is-subregolament (3), l-intermedjarju tal-kreditu Ewropew ikkonċernat jippersisti fil-ksur tal-miżuri msemmija fis-subregolament (2), l-MFSA u, jew id-Direttur Ġenerali, skont il-każ, jistgħu jieħdu azzjoni xierqa sabiex jipprevjenu jew jippenalizzaw iktar irregolaritajiet u, safejn meħtieġ, sabiex jipprevjenu l-intermedjarju tal-kreditu Ewropew milli jibda aktar transazzjonijiet bħal dawn f'Malta:

Iżda f'kull każ bħal dan, l-MFSA għandha:

(*a*) qabel ma tittieħed azzjoni xierqa mill-MFSA u, jew mid-Direttur Ġenerali, skont il-każ, skont dan is-subregolament, tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju kkonċernat;

(*b*) tinforma lill-Kummissjoni Ewropea b'kull azzjoni mingħajr dewmien żejjed:

Iżda wkoll meta l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ta' domiċilju kkonċernat ma taqbilx ma' tali azzjoni meħuda mill-MFSA u, jew mid-Direttur Ġenerali, skont il-każ, l-awtorità regolatorja Ewropea kkonċernata tista', skont l-Artikolu 34(2) tal-MCD, tirriferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(5) Meta Malta hija l-Istat Membru ospitanti u l-MFSA u, jew id-Direttur Ġenerali, skont il-każ, ikollhom raġunijiet ċari u konkreti biex jikkonkludu li intermedjarju tal-kreditu Ewropew li jaġixxi fit-territorju tagħhom taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jkun fi ksur tal-obbligi li joħorġu mill-miżuri adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jittrasponu l-MCD, jew li intermedjarju tal-kreditu Ewropew li għandu fergħa f'Malta jkun fi ksur tal-obbligi li joħorġu mill-miżuri adottati skont id-

dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jittrasponu l-MCD għajr dawk speċifikati fl-Artikolu 34(2) tal-MCD, l-MFSA għandha tirreferi dawk ir-riżultati lill-awtorità regolatorja Ewropea tad-domiċilju kkonċernat, li għandha, skont l-artikolu 34(4) tal-MCD, tieħu azzjoni xierqa.

(6) Fil-każ li l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju kkonċernat tonqos milli tieħu xi azzjoni skont l-Artikolu 34(4) tal-MCD, jew fejn, minkejja l-azzjoni meħuda mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju kkonċernat, l-intermedjarju tal-kreditu Ewropew ikkonċernat jibqa' jaġixxi b'mod li huwa manifestament ta' preġudizzju ċar għall-interessi tal-konsumaturi Maltin jew għall-funzjonament ordinat tas-swieq:

(*a*) l-MFSA u, jew d-Direttur Ġenerali, skont il-każ, għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa kollha meħtieġa biex jipproteġu l-konsumaturi u jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-swieq, inkluż billi jżommu lill-intermedjarju tal-kreditu Ewropew inadempjenti milli jibda kwalunkwe transazzjoni oħra f'Malta:

Iżda qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni bħal din, l-MFSA għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju konċernat:

Iżda wkoll l-MFSA għandħa tinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lill-ABE dwar kull azzjoni meħuda mill-MFSA u, jew mid-Direttur Ġenerali, skont il-każ, f'konformità ma' dan il-paragrafu mingħajr dewmien żejjed;

(*b*) l-MFSA tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(7) Meta Malta hija l-Istat Membru ospitanti u l-intermedjarju tal-kreditu Ewropea jipprovdi servizzi f'Malta permezz tal-istabbiliment ta' fergħa, l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju tista', skont l-Artikolu 34(5) tal-MCD, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħha u wara li tkun informat lill-MFSA, twettaq spezzjonijiet fuq il-post f'dik il-fergħa:

Iżda l-MFSA għandha tibgħat lid-Direttur Ġenerali kwalunkwe informazzjoni riċevuta mill-awtorità regolatorja Ewropea konċernata skont l-Artikolu 34(5) tal-MCD.

(8) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, id-Direttur Ġenerali u l-MFSA għandhom jikkollaboraw mill-qrib u għandhom jikkooperaw kull meta jkun meħtieġ, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex dawn l-awtoritajiet kompetenti ikunu jistgħu jissodisfaw id-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi rispettivi tagħhom.

Obbligu ta' kooperazzjoni. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.*

22H. (1) L-MFSA għandha tikkoopera mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej kull meta neċessarju għall-fini li twettaq id-dmirijiet tagħha skont l-MCD, billi tagħmel użu mis-setgħat tagħha, kemm jekk stipulati f'dawn ir-regolamenti u kemm f'xi

liġijiet oħra.

(2) L-MFSA għandha tagħti assistenza lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej u għandha, b'mod partikolari, tiskambja informazzjoni u tikkoopera fi kwalunkwe investigazzjoni jew attivitajiet ta' superviżjoni:

Iżda sabiex tiffaċilita din l-assistenza, l-MFSA għandha tieħu l-miżuri amministrattivi u organizzattivi neċessarji:

Iżda wkoll meta awtorità regolatorja Ewropea titlob il-koperazzjoni tal-MFSA, b'mod partikolari l-iskambju ta' informazzjoni, u l-MFSA tiċħad it-talba jew ma taġixxix fuqha fi żmien raġonevoli, l-awtorità regolatorja Ewropea konċernata tista', skont l-Artikolu 37 tal-MCD, tirreferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tal-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(3) L-MFSA għandha tikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħra l-isem u d-dettalji tagħha bħala l-awtorità li, skont ir-regolament 3A(1), ġiet speċifikata bħala l-punt ta' kuntatt waħdieni għall-finijiet tal-MCD u li tirċievi talbiet għall-iskambju ta' informazzjoni jew koperazzjoni skont l-Artikolu 36(1) tal-MCD.

(4) L-MFSA għandħa tforni minnufih lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej l-informazzjoni meħtieġa biex jitwettqu d-dmirijiet tagħhom, stipulati fil-miżuri adottati skont l-MCD.

(5) L-MFSA tista', fl-iskambjar ta' informazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej, tindika fil-mument tal-komunikazzjoni li din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi ddivulgata mingħajr il-qbil espress tagħha:

Iżda f'dan il-każ, tali informazzjoni tista', skont l-Artikolu 36(3) tal-MCD, tiġi skambjata biss għall-finijiet li għalihom l-MFSA tkun tat il-qbil tagħha:

Iżda wkoll l-awtorità regolatorja Ewropea li tirċievi din l-informazzjoni mill-MFSA tista', skont l-Artikolu 36(3) tal-MCD, tittrasmetti tali informazzjoni riċevuta lill-awtoritajiet oħra nominati bħala kompetenti fl-Istat Membru tagħhom skont l-Artikolu 5 tal-MCD, għall-għanijiet biss li għalihom l-MFSA tat il-qbil tagħha, u m'għandhiex, skont l-Artikolu 36(3) tal-MCD, tittrasmetti l-informazzjoni lil korpi oħra jew persuni naturali jew legali mingħajr il-qbil espress tal-MFSA, ħlief f'ċirkostanzi debitament ġustifikati:

Iżda wkoll f'każ ta' ċirkostanzi bħal dawn, l-awtorità regolatorja Ewropea għandha, skont l-Artikolu 36(3) tal-MCD, tinforma immedjatament lill-MFSA.

(6) Fejn l-MFSA tirċievi informazzjoni minn awtorità regolatorja Ewropea u fil-ħin tal-komunikazzjoni l-awtorità regolatorja Ewropea kkonċernata tindika li din l-informazzjoni ma tridx tiġi żvelata mingħajr il-qbil espress tagħha, l-MFSA tista' tiskambja tali informazzjoni biss għall-għanijiet li għalihom l-awtorità regolatorja Ewropea konċernata tat il-kunsens tagħha:

Iżda l-MFSA tista' tittrasmetti l-informazzjoni li tkun

irċeviet lid-Direttur Generali għall-għanijiet li għalihom l-awtorità regolatorja Ewropea kkonċernata tkun biss tat il-kunsens tagħha, u m'għandiex tittrasmetti l-informazzjoni lil korpi oħra jew persuni naturali jew legali mingħajr il-ftehim espress tal-awtorità regolatorja Ewropea kkonċernata, ħlief f'ċirkostanzi debitament ġustifikati:

Iżda wkoll f'każ ta' ċirkostanzi bħal dawn, l-MFSA għandha tinforma minnufih lill-awtorità regolatorja Ewropea li forniet l-informazzjoni.

(7) L-MFSA tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għall-kooperazzjoni fit-twettiq ta' investigazzjoni jew attività superviżorja jew għal skambju ta' informazzjoni kif previst fl-Artikolu 36(3) tal-MCD biss meta:

(*a*) tali investigazzjoni, verifika fuq il-post, attività superviżorja jew skambju ta' informazzjoni jistgħu jaffetwaw b'mod negattiv is-sovranità, is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Malta;

(*b*) proċeduri ġudizzjarji jkunu diġà nbdew fir-rigward tal-istess azzjonijiet u l-istess persuni quddiem l-awtoritajiet Maltin;

(*ċ*) is-sentenza finali tkun diġà ngħatat f'Malta, indirizzata fir-rigward tal-istess persuni u l-istess azzjonijiet:

Iżda fil-każ ta' tali rifjut, l-MFSA għandha għaldaqstant tinnotifika lill-awtorità regolatorja Ewropea li tkun għamlet it-talba, billi tipprovdi kemm jista' jkun informazzjoni dettaljata.

(8) Għall-finijiet ta' dan ir-regolarment, id-Direttur Ġenerali u l-MFSA għandhom jikkollaboraw mill-qrib u għandhom jikkooperaw kull meta jkun meħtieġ, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissodisfaw id-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi rispettivi tagħhom.

Soluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet regolatorji Ewropej u l-awtoritajiet kompetenti.
Miżjud: A.L. 259 tal-2016.

22 I. (1) Meta talba għal kooperazzjoni mill-MFSA lill-awtorità regolatorja Ewropea, partikolarment għal skambju ta' informazzjoni, tkun ġiet irrifjutata jew ma tkunx ittieħdet azzjoni dwarha fi żmien raġonevoli mill-awtorità regolatorja Ewrope kkonċernata, l-MFSA tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tal-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(2) Kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti li tittieħed mill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fuq talba mill-MFSA skont is-subregolament (1), jew fuq talba minn awtorità regolatorja Ewropea li tkun saret skont l-Artikolu 37 tal-MCD, għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti u, skont l-Artikolu 37 tal-MCD, fuq l-awtorità regolatorja Ewropea kkonċernata u fuq kwalunkwe awtoritajiet oħra nominati bħala kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 5 tal-MCD, irrispettivament jekk dawn l-awtoritajiet huma membri tal-ABE jew le.

Investigazzjonijiet, proċeduri ġudizzjarji, penali u dritt ta' appell. *Emendat: A.L. 259 tal-2016. Sostitwit: XVI.2019.72.*

23. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 23A, id-Direttur Ġenerali għandu jipproċedi skont l-artikolu 12 tal-Att u meta, mal-konklużjoni ta' investigazzjoni, jidhirlu *prima facie* li hemm ksur ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur Ġenerali għandu jibda proċeduri ġudizzjarji kontra l-persuna konċernata quddiem il-Qorti Ċivili permezz ta' rikors ġuramentat u għal dawn il-proċeduri ġudizzjarji għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IIA tal-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IIA tal-Att, fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili għandha timponi penali u toħroġ kull ordni, jew tieħu kull miżura li hija tista' tqis xierqa skont l-Att, kontra kull persuna li tikser jew tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-MFSA ma għandhiex, matul il-proċeduri ġudizzjarji jew permezz ta' kull proċedura oħra, titlob li tiġi imposta penali fir-rigward tal-istess ksur.

(3) Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' ksur punibbli b'penali ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000) u mhux aktar minn ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000).

(4) Iżda f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ordni ta' tħaris, il-Qorti Ċivili għandha wkoll timponi penali li ma tkunx anqas minn mija u tletin euro (€130) u ma tkunx aktar minn mitejn u tletin euro (€230) għal kull jum li fih hemm dak in-nuqqas ta' konformità.

(5) Meta tkun qiegħda tiddeċiedi l-ammont tal-penali msemmi f'dan ir-regolament, il-Qorti Ċivili għandha tkun gwidata wkoll mill-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(*a*) għal ksur taħt dawn ir-regolamenti l-ammont bażiku tal-penali għandu jkun ta' għoxrin elf euro (€20,000):

Iżda l-Qorti Ċivili tista', meta tkun qiegħda tistabbilixxi l-penali, tqis ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal żieda jew tnaqqis ta' dak l-ammont bażiku:

Iżda wkoll il-Qorti Ċivili għandha tagħmel dan fuq il-bażi ta' valutazzjoni komprensiva li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż il-valur tal-kreditu taħt il-kuntratt ta' kreditu u t-*turnover* tal-kreditur;

(*b*) il-Qorti Ċivili tista' timponi penali ogħla mill-ammont bażiku meta jkun hemm ċirkostanzi aggravanti, meta tqis, b'mod partikolari, is-serjetà u ż-żmien tal-kontinwità tal-ksur u l-ammont tar-rikavat magħmul b'mod mhux xieraq bħala riżultat tal-ksur;

(*ċ*) mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (b), dawn li ġejjin għandhom dejjem jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(i) it-tieni ksur jew ksur sussegwenti;

(ii) meta l-ksur huwa prattika kummerċjali li mhux ġusta skont l-Att; u

(*d*) l-ammont bażiku jista' jiġi mnaqqas jekk il-Qorti Ċivili ssib li hemm ċirkostanzi mitiganti, b'mod partikolari:

(i) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, skont il-każ, iressaq evidenza li huwa jkun waqqaf il-ksur rilevanti qabel jew malli d-Direttur Ġenerali beda investigazzjoni;

(ii) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, skont il-każ, iressaq evidenza li huwa jkun ħa passi adegwati biex inaqqas l-effetti negattivi tal-ksur.

Kap. 510.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, id-Direttur Ġenerali għandu jkollu l-istess setgħat kif preskritti skont l-Att, sakemm ma jkunux ġew mogħtija kompetenzi lill-Qorti Ċivili bl-Att u bl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

(7) Kull persuna li tħossha aggravata b'sentenza, ordni, penali jew miżura mogħtija mill-Qorti Ċivili, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' dritt u, jew fatt, billi tippreżenta rikors fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili:

Iżda l-Qorti tal-Appell għandha tappunta l-każ għas-smigħ sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ċivili.

Multi amministrattivi - setgħat tal-MFSA. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016. Sostitwit: XVI.2019.72. Emendat: A.L. 167 tal-2022.*

23A. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 23, meta intermedjajru tal-kreditu jonqos milli jikkonforma ma' xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fl-ammissjoni, u, jew fejn l-MFSA tkun sodisfatta li l-aġir ta' persuna jammonta għal ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti li jittrasponu l-MCD, jew kwalunkwe Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom, jew dik il-persuna tkun naqset milli tikkonforma ma' direttiva maħruġa mill-MFSA taħt dawn ir-regolamenti, l-MFSA tista', b'avviż bil-miktub u mingħajr ma tirrikorri għal smieħ fil-qorti, timponi fuq tali persuna penali amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000):

Iżda fid-determinazzjoni tal-ammont tal-penali amministrattiva msemmija f'dan is-subregolament, l-MFSA għandha tkun iggwidata mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija fir-regolament 23(4):

Iżda d-Direttur Ġenerali ma għandu bl-ebda mod jitlob l-impożizzjoni ta' penali għall-istess att jew omissjoni.

(2) Meta l-MFSA tiddeċiedi li timponi penali amministrattiva, hija għandha tinnotifika lill-persuna li fuqha qed tiġi imposta l-penali amministrattiva permezz ta' avviż bil-miktub.

(3) Meta l-persuna li hija notifikata bl-avviż imsemmi fis-subregolament (2) -

(*a*) tonqos milli tħallas lill-MFSA l-ammont tal-penali amministrattiva fi żmien tletin jum min-notifika tal-avviż, u tonqos milli tappella mid-deċiżjoni tal-MFSA quddiem it-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji; jew

(*b*) tappella quddiem it-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji u tonqos li tħallas il-penali amministrattiva kif konfermata jew kif imnaqqsa minn dak it-Tribunal fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-deċiżjoni tal-imsemmi Tribunal,

allura, f'kull każ, l-ammont tal-penali amministrattiva, kif oriġinarjament imposta jew kif imnaqqsa, skont kif ikun il-każ, għandu jkun dovut lill-MFSA bħala dejn ċivili, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subregolment (4).

(4) L-avviż imsemmi fis-subregolament (2), jew id-deċiżjoni tat-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji, kif ikun il-każ, għandhom man-notifika ta' att ġudizzjarju, jew ta' kopja tal-istess, fuq il-persuna indikata fl-avviż, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

23B. Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni u, jew miżura meħuda mill-MFSA skont dawn ir-regolamenti jew xi Regoli tal-Intermedjarji tal-Kreditu maħruġa taħthom, tista' tappella kontra d-deċiżjoni u, jew miżura quddiem it-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji fiż-żmien u taħt dawk il-kundizzjonijiet kif stabbiliti taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Dritt ta' appell minn deċiżjoni jew miżura tal-MFSA. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016.* Kap. 330.

23Ċ. (1) L-MFSA tista' tippubblika, fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha u, jew fi kwalunkwe midja oħra kif jidhrilha xieraq, kwalunkwe penali amministrattiva imposta taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Dawn il-pubblikazzjonijiet għandhom ikunu jinkludu informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuna li fuqha tkun ġiet imposta l-penali amministrattiva, mingħajr dewmien żejjed wara li dik il-persuna tkun ġiet infurmata b'dawn il-penali: Pubblikazzjoni ta' penalitajiet amministrattivi. *Miżjud: A.L. 259 tal-2016. Emendat: A.L. 167 tal-2022.*

Iżda l-MFSA ma għandhiex tippubblika penali amministrattiva imposta taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta tali pubblikazzjoni tkun tipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew tikkaġuna ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti:

Iżda wkoll f'dawk il-każijiet meta jkunu ġew ippubblikati xi penali jew penalitajiet amministrattivi imposti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti skont dan is-subregolament u jkun ġie ppreżentat appell mill-persuna li fuqha tkun ġiet imposta dik il-penali jew penalitajiet amministrattivi, l-MFSA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tippubblika wkoll fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha u fi kwalunkwe midja oħra kif jidhrilha xieraq, informazzjoni dwar l-istat li jkun jinsab fih l-appell u dwar l-eżitu tiegħu.

(2) L-informazzjoni ppublikata skont dan ir-regolament

għandha tibqa' fuq il-websajt uffiċjali tal-MFSA għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin. Id-*data* personali għandha tinżamm fuq il-websajt uffiċjali tal-MFSA u fi kwalunkwe midja oħra li tħoss xieraq għall-perijodu neċessarju biss, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni Maltija dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Ir-regolamenti jipprevalu.
Emendat:
A.L. 259 tal-2016.

24. (1) Il-miżuri ta' dawn ir-regolamenti ma jistgħux jiġu evitati b'tali mod li jista' jwassal biex il-konsumaturi jitilfu l-protezzjoni mogħtija minn dawn ir-regolamenti b'riżultat tal-mod li bih ftehim ta' kreditu jiġu fformulati, partikolarment billi jiġu integrati ftehim ta' kreditu fi ftehim, li n-natura jew l-iskop tagħhom jagħmluha possibbli li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.

(2) Kull rinunzja mill-konsumatur ta' xi wieħed mid-drittijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti tkun nulla u bla effett.

(3) Minkejja li xi dispożizzjoni fil-ftehim ta' kreditu turi li l-liġi applikabbli għall-ftehim ta' kreditu għandha tkun il-liġi ta' Stat mhux Membru, il-protezzjoni mogħtija minn dawn ir-regolamenti għandha tibqa' tapplika fejn il-ftehim ta' kreditu jkollu rabta mill-qrib ma' Malta jew xi Stat Membru ieħor.

Mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim.
Miżjud:
A.L. 259 tal-2016.

24A. (1) Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li jiġu stabbiliti proċeduri ta' rikorsi u rimedji adatti u effikaċi għar-riżoluzzjoni extraġudizzjarja ta' tilwim tal-konsumaturi mal-krediturі u intermedjarji tal-kreditu fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu, bl-użu ta' korpi eżistenti fejn adatt. Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura li tali proċeduri jkunu applikabbli għal krediturі u intermedjarji tal-kreditu u jkopru l-attivitajiet ta' rappreżentanti maħtura.

(2) Il-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni barra l-qorti ta' tilwim tal-konsumaturi għandhom jikkoperaw ma' korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni barra l-qorti ta' tilwim tal-konsumaturi fi Stat Membri oħra sabiex ikunu jistgħu jirriżolvu tilwimiet transkonfini rigward kuntratti ta' kreditu.

Riżerva.

25. Kull ftehim li jidħlu fih partijiet taħt ir-Regolamenti tal-2005 dwar Kreditu lill-Konsumatur*, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandu jibqa' fis-seħħ u jkunu regolati bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet applikabbli għalihom.

Dispożizzjonijiet treansitorji.
Miżjud:
A.L. 259 tal-2016.
Emendat:
A.L. 86 tal-2018.
A.L. 259 tal-2016.

25A. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti kif emendati permezz tar-Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar Self għal Dar m'għandhomx japplikaw għal kuntratti ta' kreditu li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn l-imsemmija regolamenti.

(2) Intermedjarji tal-kreditu li diġà qed iwettqu attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu fir-rigward tat-tifsira "intermedjarju tal-kreditu" fir-regolament 2 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u li għadhom ma ġewx ammessi skont dawn ir-regolamenti jistgħu jkomplu jwettqu dawk l-attivitajiet b'konformità mal-liġi nazzjonali sal-21 ta' Marzu, 2017:

*revokati b'dawn ir-Regolamenti.

Iżda meta intermedjarju tal-kreditu Malti jimxi fuq din id-deroga, sakemm ma jissodisfax ukoll ir-rekwiżiti legali neċessarji tal-Istati Membri ospitanti, dan jista' jwettaq biss l-attivitajiet tiegħu f'Malta.

(3) Il-krediturі u l-intermedjarji tal-kreditu li jwettqu attivitajiet regolati b'dawn ir-regolamenti qabel l-20 ta' Marzu, 2014 għandhom ikunu konformi mas-subregolamenti (1) sa (9) tar-regolament 6 sal-21 ta' Marzu 2017.

Emendata:
A.L. 266 tal-2014.
Enumerata mill-ġdid u sostitwita:
A.L. 259 tal-2016.

L-EWWEL SKEDA

[Regolamenti 7(1) u 2]

FULJETT EWROPEW TA' INFORMAZZJONI STANDARDIZZATA (FEIS)

PARTI A

It-test f'dan il-mudell għandu jkun riprodott kif inhu fil-FEIS. Indikazzjonijiet bejn il-parenteżi kwadri għandhom jiġu sostitwiti bl-informazzjoni korrispondenti. Fil-Parti B hemm l-istruzzjonijiet għall-kreditur jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu, dwar kif għandha timtela l-FEIS.

Kull fejn hemm indikat il-kliem 'fejn applikabbli', il-kreditur għandu jagħti l-informazzjoni rikjesta jekk din tkun rilevanti għall-kuntratt ta' kreditu. Fejn l-informazzjoni ma tkunx rilevanti, il-kreditur għandu jħassar l-informazzjoni kkonċernata jew it-taqsima kollha (pereżempju, f'każijiet fejn it-taqsima ma tkunx applikabbli). Fejn it-taqsima kollha titħassar, in-numerazzjoni tat-taqsimiet tal-FEIS għandha tiġi aġġustata kif xieraq.

L-informazzjoni ta' hawn taħt għandha tingħata f'dokument wieħed. It-tipa użata għandha tkun faċilment leġibbli. Għandha tintuża tipa grassa, bl-isfumatura jew tipa ta' daqs akbar għall-elementi tal-informazzjoni li għandhom ikunu enfasizzati. It-twissijiet ta' riskju applikabbli kollha għandhom jiġu enfasizzati.

Mudell tal-FEIS

(Test introduttorju)

Dan id-dokument sar għal [isem tal-konsumatur] fi [data attwali].

Dan id-dokument sar abbażi tal-informazzjoni mogħtija minnek sa issa u abbażi il-kundizzjonijiet attwali tas-swieq finanzjarji.

L-informazzjoni hawn taħt tibqa' valida sa [data ta' validità], (meta applikabbli) apparti mir-rata tal-imgħax u spejjeż oħra. Wara dik id-data, tista' tinbidel f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq.

(Fejn applikabbli) Dan id-dokument ma jikkostitwix obbligu għal [isem tal-kreditur] biex jagħtik self.

1. Mutwanti

[Isem]

[Numru tat-telefon]

[Indirizz ġeografiku]

(Fakultattiv) [Indirizz elettroniku]

(Fakultattiv) [Numru tal-*fax*]

(Fakultattiv) [Indirizz tal-sit elettroniku]

(Fakultattiv) [Persuna/punt ta' kuntatt]

(Meta applikabbli informazzjoni dwar jekk humiex qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza:) [(Nirrakkomandaw, wara li vvalutajna l-ħtiġiet u ċ-ċirkostanzi tiegħek, li inti tieħu dan il-kreditu/Aħna mhux qed nirrakkomandaw kreditu partikolari għalik. Madankollu, abbażi tat-tweġibiet tiegħek għal xi mistoqsijiet, qed nagħtuk informazzjoni dwar dan il-kreditu sabiex tkun tista' tagħmel l-għażla tiegħek stess)]

2. (Fejn applikabbli) Intermedjarju tal-kreditu

[Isem]

[Numru tat-telefon]

[Indirizz ġeografiku]

(Fakultattiv) [Indirizz elettroniku]

(Fakultattiv) [Numru tal-*fax*]

(Fakultattiv) [Indirizz tas-sit elettroniku]

(Fakultattiv) [Persuna/punt ta' kuntatt]

(Fejn applikabbli [informazzjoni dwar jekk humiex qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza]) [(Nirrakkomandaw, wara li vvalutajna l-ħtiġiet u ċ-ċirkostanzi tiegħek, li inti tieħu dan il-kreditu/Aħna mhux qed nirrakkomandaw kreditu partikolari għalik. Madankollu, abbażi tat-tweġibiet tiegħek għal xi mistoqsijiet, qed nagħtuk informazzjoni dwar dan il-kreditu sabiex tkun tista' tagħmel l-għażla tiegħek stess)]

[Rimunerazzjoni]

3. Karatteristiċi prinċipali tas-self

Ammont u l-munita tas-self li ser jingħata: [valur][munita]

(Fejn applikabbli) Dan is-self mhuwiex f'[munita nazzjonali tal-mutwatarju].

(Fejn applikabbli) Il-valur tas-self tiegħek f' [munita nazzjonali tal-mutwatarju] tista' tinbidel.

(Fejn applikabbli) Pereżempju, jekk il-valur ta' [munita nazzjonali tal-mutwatarju] waqa' b'20% fil-konfront ta' [munita tal-kreditu], il-valur tas-self tiegħek jiżdied għal [daħħal l-ammont fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju]. Madankollu, jista' jkun iktar minn dan jekk il-valur ta' [munita nazzjonali tal-mutwatarju] jaqa' b'iktar minn 20%.

(Fejn applikabbli) Il-valur massimu tas-self ser ikun [daħħal l-ammont fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju].] (Fejn applikabbli) Tirċievi twissija jekk l-ammont ta' kreditu jilħaq [daħħal ammont fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju. (Fejn applikabbli) Għandek l-opportunità li [daħħal id-dritt li tinnegozja mill-ġdid self f'munita barranija jew id-dritt li tbiddel is-self fi [munita rilevanti] u kundizzjonijiet].

It-tul ta' żmien tas-self: [tul ta' żmien]

[Tip ta' self]

[Tip ta' rata tal-imgħax applikabbli]

Ammont totali li għandu jiġi rimborżat:

Dan ifisser li inti ser tħallas lura [ammont] għal kull [unità tal-munita] mislufa.

(Fejn applikabbli) [Dan/Parti minnu] huwa self abbażi tal-imgħax biss. Inti xorta jkun baqagħlek tħallas [daħħal l-ammont tas-self abbażi tal-imgħax biss] fl-aħħar tat-terminu tal-kreditu.

(Fejn applikabbli) Valur preżunt tal-proprjetà biex iħejji dan il-fuljett ta' informazzjoni: [daħħal l-ammont]

(Fejn applikabbli) Ammont massimu ta' self disponibbli b'rabta mal-valur tal-proprjetà [daħħal proporzjon] jew Valur minimu tal-proprjetà rikjest biex jiġi missellef l-ammont illustrat [daħħal l-ammont]

(Fejn applikabbli) [Garanzija]

4. Rata tal-imgħax u spejjeż oħra

Ir-rata perċentwali annwali tal-imposti (RPAI) hija l-kost totali tas-self indikat bħala perċentwali annwali. L-RPAI qed tingħata biex tgħinek tqabbel offerti differenti.

Ir-RPAI applikabbli għas-self tiegħek hija [RPAI].

Hija magħmula minn:

Rata tal-imgħax [valur f'perċentwali jew, fejn applikabbli, indikazzjoni ta' rata ta' referenza u l-valur perċentwali tal-firxa tal-keditur]

[Komponenti oħrajn tar-RPAI]

Spejjeż li jridu jitħallsu għal darba biss

(Fejn applikabbli) Jeħtieġ li tħallas tariffa biex tirreġistra l-ipoteka. [Daħħal ammont tat-tariffa meta jkun magħruf jew bażi għal kalkolu.]

Spejjeż li jitħallsu regolarment

(Fejn applikabbli) Din ir-RPAI hija kkalkulata bl-użu ta' suppożizzjonijiet rigward ir-rata tal-imgħax.

(Fejn applikabbli) Minħabba li [parti mis-] self tiegħek huwa self b'rata tal-imgħax varjabbli, ir-RPAI tista' tkun differenti minn din ir-RPAI jekk tinbidel ir-rata tal-imgħax tas-self tiegħek. Pereżempju, jekk ir-rata tal-imgħax żdiedet għal [sitwazzjoni kif deskritta fil-Parti B], ir-RPAI tista' tiżdied għal [daħħal RPAI illustrattiva li tikkorrispondi mas-sitwazzjoni].

(Fejn applikabbli) Jekk jogħġbok innota li din ir-RPAI hija kkalkulata fuq il-bażi li r-rata tal-imgħax tibqa' fil-livell iffissat għall-perijodu inizjali matul id-durata tal-kuntratt.

(Fejn applikabbli) L-ispejjeż li ġejjin mhumiex magħrufin lill-mutwanti u għaldaqstant mhumiex inklużi fir-RPAI. [Spejjeż]

(Fejn applikabbli) Jeħtieġ li tħallas tariffa biex tirreġistra l-ipoteka.

Jekk jogħġbok kun ċert li tkun konxju mit-taxxi u l-ispejjeż l-oħrajn kollha assoċjati mas-self tiegħek.

5. Frekwenza u numru ta' pagamenti

Frekwenza tal-ħlas lura: [frekwenza]

Numru ta' pagamenti: [numru]

6. Ammont ta' kull pagament akkont

[Ammont][munita]

Id-dħul tiegħek jista' jinbidel. Jekk jogħġbok ikkunsidra jekk tkunx tista' taffordja l-ħlas lura akkont [frekwenza] fil-każ li d-dħul tiegħek jonqos.

(Fejn applikabbli) Minħabba li [dan/parti minn dan] huwa self abbażi tal-imgħax biss jeħtieġlek tagħmel arranġamenti separati biex terġa' tħallas lura [daħħal ammont tas-self abbażi ta' imgħax biss] li jkollok tagħti fl-aħħar tal-perijodu tas-self. Ftakar biex iżżid kwalunkwe pagament ieħor li jkollok tagħmel għall-ammont ta' pagament akkont li jidher hawn.

(Fejn applikabbli) Ir-rata tal-imgħax fuq [parti minnu] dan is-self tista' tinbidel. Dan ifisser li l-ammont tal-pagamenti akkont tiegħek jistgħu jiżdiedu jew jonqsu.

Pereżempju, jekk ir-rata tal-imgħax żdiedet għal [sitwazzjoni kif deskritta fil- Parti B], il-pagamenti tiegħek jistgħu jiżdiedu għal [daħħal l-ammont tal-pagament akkont li jikkorrispondi mas-sitwazzjoni].

(Fejn applikabbli) Il-valur tal-ammont li għandek tħallas f'[munita nazzjonali tal-mutwatarju] kull [frekwenza tal- pagament akkont] tista' tinbidel. (Fejn applikabbli) Il-pagamenti tiegħek jistgħu jiżdiedu għal [daħħal ammont massimu fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju] kull [daħħal perijodu] (Fejn applikabbli). Pereżempju, jekk il-valur ta' [munita nazzjonali tal-mutwatarju] waqa' b'20 % marbut ma' [munita tal-kreditu] ikollok tħallas [daħħal ammont f'munita nazzjonali tal-mutwatarju] żejda kull [daħħal perijodu]. Il-pagamenti tiegħek jistgħu jiżdiedu b'aktar minn hekk.

(Fejn applikabbli) Ir-rata tal-kambju użata għall-konversjoni tal-ħlas lura tiegħek fi [munita tal-kreditu] għal [munita nazzjonali tal-mutwatarju] ser tkun ir-rata ppubblikata minn [isem tal-istituzzjoni li tippubblika r-rata tal-kambju] fi [data] jew ser tiġi kkalkulata fi [data] bl-użu ta' [daħħal isem tal-punt ta' riferiment jew il-metodu ta' kalkolu].

(Fejn applikabbli) [Dettalji dwar prodotti tat-tfaddil marbuta, self b'imgħax differit]

7. (Fejn applikabbli) Tabella bl-eżempji tal-ħlas lura

Din it-tabella turi l-ammont li għandu jitħallas kull [frekwenza].

Il-pagamenti akkont (kolonna [nru rilevanti]) huma s-somma tal-imgħax li għandu jitħallas (kolonna [nru rilevanti]), fejn applikabbli, il-kapital imħallas (kolonna [nru rilevanti]) u fejn applikabbli spejjeż oħra (kolonna [nru rilevanti]). (Fejn applikabbli) L-ispejjeż fil-kolonna ta' spejjeż oħrajn jirreferu għal [lista ta' spejjeż]. Kapital dovut (kolonna [nru rilevanti]) huwa l-ammont tas-self li għad jrid jiġi rimborżat wara kull pagament akkont.

[Tabella]

8. Obbligi addizzjonali

Il-mutwatarju għandu jikkonforma mal-obbligi li ġejjin sabiex ikun jista' jibbenefika mill-kundizzjonijiet tas-self deskritti f'dan id-dokument.

[Obbligi]

(Fejn applikabbli) Jekk jogħġbok innota li l-kundizzjonijiet tas-self deskritti f'dan id-dokument (inkluża r-rata tal- imgħax) jistgħu jinbidlu jekk dawn l-obbligi ma jiġux rispettati.

(Fejn applikabbli) Jekk jogħġbok innota l-konsegwenzi possibbli tat-terminazzjoni fi stadju aktar tard ta' kwalunkwe servizz anċillari relatat mas-self:

[Konsegwenzi]

9. Ħlas bikri

Għandek il-possibbiltà li tħallas lura dan is-self, kollu jew parzjalment, b'mod bikri.

(Fejn applikabbli) [Kundizzjonijiet]

(Fejn applikabbli) Imposta f'każ ta' terminazzjoni: [daħħal ammont jew, fejn mhux possibbli, il-metodu tal-kalkolu]

(Fejn applikabbli) Jekk tiddeċiedi li tħallas lura dan is-self b'mod bikri, jekk jogħġbok ikkuntattjana biex taċċerta l- livell eżatt tal-imposta f'każ ta' terminazzjoni f'dak il-mument.

10. Karatteristiċi flessibbli

(Fejn applikabbli) [Informazzjoni dwar portabbiltà/surroga] Inti għandek il-possibbiltà li tittrasferixxi dan is-self lil [mutwanti] [jew] [proprjetà] oħra. [Daħħal il-kundizzjonijiet]

(Fejn applikabbli) Inti m'għandekx il-possibbiltà li tittrasferixxi dan is-self lil [muwanti] [jew] [proprjetà] oħra.

(Fejn applikabbli) Karatteristiċi addizzjonali: [daħal spjegazzjoni tal-karatteristiċi addizzjonali elenkati fil-Parti B, u, jekk tixtieq, kwalunkwe karatteristika oħra offruta mill-mutwanti bħala parti mill-kuntratt tal-kreditu li mhijiex imsemmija fit-taqsimiet preċedenti].

11. Drittijiet oħrajn tal-mutwatarju

(Fejn applikabbli) Għandek [tul ta' perijodu ta' riflessjoni] wara [punt fejn jibda l-perijodu ta' riflessjoni] biex tirrifletti qabel ma tikkommetti ruħek biex tissellef. (Fejn applikabbli) Ladarba tkun irċevejt il-kuntratt ta' kreditu mingħand il-mutwanti, tista' ma taċċettahx qabel it-tmiem ta' [tul tal-perijodu ta' riflessjoni].

(Fejn applikabbli) Għal perijodu ta' [tul tal-perijodu tar-rexissjoni] wara [meta jibda l-perijodu tar-rexissjoni], tista' teżerċita d-dritt tiegħek li tħassar il-kuntratt. [Kundizzjonijiet] [Daħħal il-proċedura]

(Fejn applikabbli) Tista' titlef id-dritt tiegħek li tikkanċella l-kuntratt jekk, matul dak il-perijodu, tixtri jew tbigħ proprjetà marbuta ma' dan il-kuntratt ta' kreditu.

(Fejn applikabbli) Jekk tiddeċiedi li teżerċita id-dritt tiegħek ta' rexissjoni [mill-kuntratt tal-kreditu], jekk jogħġbok ivverifika jekk ser tibqax vinkolat bl-obbligi l-oħrajn tiegħek relatati mas-self [inkluż is-servizzi anċillari relatati mas- self, [imsemmijin fit-Taqsima 8].

12. Ilmenti

Jekk għandek ilment jekk jogħġbok ikkuntattja [daħħal punt ta' kuntatt intern u sors ta' informazzjoni dwar il- proċedura].

(Fejn applikabbli) Żmien massimu li fih għandu jiġi ttrattat l-ilment [perijodu ta' żmien]

(Fejn applikabbli) [Jekk ma nsibux soluzzjoni interna li tissodisfak għal dan l-ilment,] inti tista' tikkuntattja wkoll: [daħħal isem ta' korp estern għal ilmenti u rimedji extraġudizzjarji] (Fejn applikabbli) jew tista' tikkuntattja FIN-NET għad-dettalji tal-korp ekwivalenti f'pajjiżek.

13. Nuqqas ta' konformità mal-impenji marbutin mas-self: konsegwenzi għall-mutwatarju

[Tipi ta' nuqqas ta' konformità]

[Konsegwenzi finanzjarji u/jew legali]

Jekk tiltaqa' ma' xi diffikultà biex tagħmel il-pagamenti tiegħek [frekwenza], jekk jogħġbok ikkuntattjana minnufih biex nesploraw soluzzjonijiet possibbli.

(Fejn applikabbli) Bħala soluzzjoni estrema, id-dar tiegħek tista' tiġi maqbuda jekk ma tlaħħaqx mal-pagamenti.

(Fejn applikabbli)

14. Informazzjoni addizzjonali

(Fejn applikabbli) [Indikazzjoni tal-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' kreditu].

(Fejn il-mutwanti għandu l-intenzjoni li juża lingwa differenti mil-lingwa tal-FEIS) Informazzjoni u termini kuntrattwali ser jingħataw bi [lingwa]. Bil-kunsens tiegħek, beħsiebna nikkomunikaw bi [lingwa/i] matul id-durata kollha tal- kuntratt ta' kreditu.

[Daħħal dikjarazzjoni dwar id-dritt li għandu jiġi pprovdut ma' jew offrut, kif applikabbli, abbozz ta' kuntratt ta' kreditu]

15. Superviżur

Il-mutwanti huwa ssorveljat minn [Isem/ismijiet u indirizz(i) web tal-awtorità/ awtoritajiet superviżorja/i]

(Fejn applikabbli) L-intermedjarju tal-kreditu huwa ssorveljat minn [Isem u indirizz web tal-awtorità superviżorja].

PARTI B

Istruzzjonijiet għall-mili tal-FEIS

Meta jimtela l-FEIS, għandhom jiġi segwiti mill-inqas dawn l-istruzzjonijiet. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jelaboraw jew jispeċifikaw aktar l-istruzzjonijiet għall-mili tal-FEIS.

Taqsima 'Test introduttorju'

(1) Id-data tal-validità għandha tiġi enfasizzata sew. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, id-'data tal-validità' tfisser il-perijodu ta' żmien li matulu l-informazzjoni, eż, ir-rata tal-imgħax tas-self, li tinsab fl-FEIS ma tinbidilx u li tapplika kemm-il darba l-kreditur jiddeċiedi li jagħti l-kreditu matul dan il-perijodu ta' żmien. Fejn id-determinazzjoni tar-rata tal-imgħax tas-self applikabbli u spejjeż oħrajn tiddependi mir-riżultati tal-bejgħ tal-bonds sottostanti, ir-rata ta' self u spejjeż oħrajn eventwali jistgħu jkunu differenti minn dawk indikati. F'dawk iċ-ċirkustanzi biss, għandu jkun stipulat li d-data ta' validità ma tapplikax għar-rata ta' self u spejjeż oħrajn billi jiżdiedu l-kliem: "apparti mir-rata tal-imgħax u spejjeż oħrajn'.

Taqsima '1. Mutwanti'

(1) L-isem, in-numru tat-telefon, u l-indirizz ġeografiku tal-kreditur għandhom jirreferu għall-informazzjoni dwar il- kuntatt li l-konsumatur jista' juża għal korrispondenza futura.

(2) L-infomazzjoni dwar l-indirizz elettroniku, in-numru tal-fax u l-persuna/ punt tal-kuntatt hija fakultattiva.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/65/KE, fejn it-transizzjoni tiġi offruta b'distanza, il-kreditur għandu jindika, fejn applikabbli, l-isem u l-indirizz ġeografiku tar-reprezentant tiegħu fl-Istat Membru ta' residenza tal-konsumatur. L-indikazzjoni tan-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku u l-indirizz web tar-reprezentant tal-fornitur tal- kreditu hija fakultattiva.

(4) Fejn it-Taqsima 2 mhix applikabbli, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur jekk humiex qed jiġu pprovduti s- servizzi ta' konsulenza u fuq liema bażi bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.

(Fejn applikabbli) Taqsima '2. Intermedjarju tal-kreditu'

Meta l-informazzjoni dwar il-prodott qed tiġi pprovduta lill-konsumatur minn intermedjarju tal-kreditu, dak l-intermedjarju għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(1) L-isem, in-numru tat-telefon, u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju tal-kreditu għandhom jirreferu għall-informazzjoni dwar il-kuntatt li l-konsumatur jista'

juża għal korrispondenza futura.

(2) L-informazzjoni dwar l-indirizz elettroniku, in-numru tal-fax, l-indirizz web u l-persuna/punt tal-kuntatt hija fakultattiva.

(3) L-intermedjarju tal-kreditu għandu jinforma lill-konsumatur jekk humiex qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza u fuq liema bażi bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.

(4) Spjegazzjoni dwar kif qed jiġi rimunerat l-intermedjarju tal-kreditu. Meta jkun qed jirċievi kummissjoni minn kreditur, l-ammont u, fejn ikun differenti mill-isem fit-Taqsima 1, għandu jiġi pprovdut l-isem tal-kreditur.

Taqsima '3. Karatteristiċi ewlenin tas-self'

(1) Din it-taqsima għandha tispjega b'mod ċar il-karatteristiċi ewlenin tal-kreditu, inkluż il-valur u l-munita u r-riskji potenzjali assoċjati mar-rata tal-imgħax tas-self, inklużi dawk imsemmija fil-punt (8), u l-istruttura ta' amortizzament.

(2) Meta l-munita tal-kreditu hija differenti mill-munita nazzjonali tal-konsumatur, il-kreditur għandu jindika li l-konsumatur ser jirċievi twissija regolari tal-inqas kull meta r-rata tal-kambju tvarja b'aktar minn 20%, fejn applikabbli d-dritt tal-konverżjoni tal-munita tal-kuntratt ta' kreditu jew il-possibbiltà li jiġu nnegozjati mill-ġdid il-kundizzjonijiet u kwalunkwe arranġament ieħor disponibbli għall-konsumatur biex jiġi limitat l-esponiment tagħhom għar-riskju tar-rata tal-kambju. Fejn hemm dispożizzjoni fil-kuntratt ta' kreditu li jiġi limitat ir-riskju tar-rata tal-kambju, il-kreditur għandu jindika l-ammont massimu li l-konsumatur jista' jkollu biex iħallas lura. Fejn ma hemmx dispożizzjoni fil-kuntratt ta' kreditu li jiġi limitat ir-riskju tar-rata tal-kambju li għalih huwa espost il-konsumatur għal ċaqliq fir-rata tal-kambju ta' inqas minn 20%, il-kreditur għandu jindika eżempju tal-effett ta' waqgħa ta' 20% fil-valur tal-munita nazzjonali tal-konsumatur fil-konfront tal-munita tal-kreditu fuq il-valur tal-kreditu.

(3) It-tul ta' żmien tal-kreditu għandu jkun indikat fi snin jew xhur, liema minnhom ikun l-aktar rilevanti. Fejn it-tul ta' żmien tal-kreditu jista' jvarja matul il-ħajja tal-kuntratt, il-kreditur għandu jispjega meta u taħt liema kundizzjonijiet dan jista' jseħħ. Meta l-kreditu jkun għal żmien indefinit, pereżempju għal karta ta' kreditur koperta b'garanzija, il- kreditur għandu jiddikjara dak il-fatt b'mod ċar.

(4) It-tip tal-kreditu għandu jiġi indikat b'mod ċar (eż. kreditu ipotekarju, self residenzjali, karta ta' kreditu koperta b'garanzija). Id-deskrizzjoni tat-tip ta' kreditu għandha tindika b'mod ċar kif il-kapital u l-imgħax għandhom jiġu rimborżati matul il-ħajja tal-kreditu (jiġifieri l-istruttura ta' amortizzament), u tispeċifika b'mod ċar jekk il-kuntratt ta' kreditu huwiex fuq il-bażi ta' ħlas lura tal-kapital jew tal-imgħax biss, jew taħlita tat-tnejn.

(5) Meta l-kreditu kollu jew parti minnu huwa kreditu abbażi tal-imgħax biss, għandha tiddaħħal fi tmiem din it-taqsima b'mod prominenti dikjarazzjoni li tindika b'mod ċar dak il-fatt bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.

(6) Din it-taqsima għandha tispjega jekk ir-rata tal-imgħax tas-self hijiex fissa jew varjabbli u, fejn applikabbli, il-perijodi li matulhom ser tibqa' fissa; il-frekwenza tar-reviżjonijiet sussegwenti u l-eżistenza ta' limiti għall-varjabbiltà tar-rata tal-imgħax tas-self, bħal limiti massimi jew limiti minimi.

Il-formula użata għar-reviżjoni tar-rata tal-imgħax tas-self u l-kompenenti differenti tagħha (eż. ir-rata ta' referenza, il-firxa tar-rata tal-imgħax) għandha tiġi spjegata. Il-kreditur għandu jindika, eż. permezz ta' indirizz web, jekk tistax tinsab aktar informazzjoni dwar l-indiċijiet jew ir-rati użati fil-formula, eż. il-Euribor jew ir-rata ta' referenza tal-bank ċentrali.

(7) Jekk japplikaw rati tal-imgħax tas-self differenti f'ċirkostanzi differenti, għandha tingħata l-informazzjoni dwar ir-rati kollha applikabbli.

(8) L-'ammont totali li għandu jiġi rimborżat' jikkorrispondi għall-ammont totali pagabbli mill-konsumatur. Għandu jintwera bħala s-somma tal-ammont tal-kreditu u l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur. Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self ma tkunx iffissata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt, għandu jkun enfasizzat li dan l-ammont huwa illustrattiv li jista' jvarja partikolarment fir-rigward tal-varjazzjoni tar-rata tal-imgħax tas-self.

(9) Fejn il-kreditu ser ikun iggarantit b'ipoteka fuq il-proprjetà immobbli jew garanzija oħra paragunabbli jew bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli, il-kreditur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-konsumatur dwar dan. Fejn applikabbli l- kreditur għandu jindika l-valur preżunt tal-proprjetà immobbli jew ta' garanzija oħra użata biex jitħejja dan il-fuljett ta' informazzjoni.

(10) Il-kreditur għandu jindika, fejn applikabbli, jew:

(*a*) 'ammont massimu ta' self disponibbli b'rabta mal-valur tal-proprjetà', li jindika r-relazzjoni bejn is-self u l-valur. Din ir-relazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'eżempju f'termini assoluti tal-ammont massimu li jista' jittieħed b'self għal valur speċifiku ta' proprjetà; jew

(*b*) il-'valur minimu tal-proprjetà rikjest mill-kreditur biex isellef l-ammont muri'.

(11) Meta l-krediti huma krediti b'iktar minn parti waħda (eż. b'mod konkorrenti parti b'rata fissa, parti b'rata varjabbli), dan għandu jiġi rifless fl-indikazzjoni tat-tip ta' kreditu u l-informazzjoni mitluba għandha tingħata għal kull parti mill-kreditu.

Taqsima '4. Rata tal-imgħax' u spejjeż oħra

(1) Ir-referenza għal 'rata tal-imgħax' tikkorrispondi għar-rata jew rati tal-imgħax tas-self.

(2) Ir-rata tal-imgħax tas-self għandha tiġi espressa bħala valur perċentwali. Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self tkun varjabbli u bbażata fuq rata ta' referenza, il-kreditur jista' jindika r-rata tal-imgħax tas-self billi jiddikjara rata ta' referenza u valur perċentwali tal-firxa tal-kreditur. Madankollu, il-kreditur għandu jindika l-valur tar-rata ta' referenza li tkun valida fil- jum tal-ħruġ tal-FEIS.

Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija varjabbli l-informazzjoni għandha tinkludi: (*a*) is-suppożizzjonijiet użati biex tiġi kkalkulata r-RPAI; (*b*) fejn rilevanti, il-limiti massimi u l-limiti minimi applikabbli u (*ċ*) twissija li l-varjabbiltà tista' taffettwa l-livell effettiv tar-RPAI. Sabiex tingħibed l-attenzjoni tal-konsumatur id-daqs tat-tipa użata għat-twissija għandu jkun ikbar u għandu jidher b'mod prominenti fit-test tal-FEIS. It-twissija għandha tkun akkumpanjata minn eżempju illustrattiv dwar ir-RPAI. Fejn hemm limitu massimu fuq ir-rata tal-imgħax tas-self, l-eżempju għandu jassumi li r-rata tal-imgħax tas-self togħla mill-aktar fis possibbli għall-ogħla livell previst fil-kuntratt ta' kreditu. Fejn m'hemm l-ebda limitu massimu l-eżempju għandu juri r-RPAI bl-ogħla rata tal-imgħax tas-self f'tal-inqas fl-aħħar 20 sena, jew fejn id-data sottostanti għall-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self hija disponibbli għal perijodu ta' inqas minn 20 sena, l-itwal perijodu li għalih tkun disponibbli tali data, ibbażata fuq l-ogħla valur ta' kwalunkwe rata ta' referenza esterna użata fil-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self fejn applikabbli jew l-ogħla valur ta' rata ta' punt ta' riferiment speċifikat minn awtorità kompetenti jew l-ABE fejn il-kreditur ma jużax rata ta' referenza esterna. Tali rekwiżit m'għandux japplika għall-kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija ffissata għal perijodu inizjali materjali ta' diversi snin u mbagħad tista' tiġi ffissata għal perijodu ulterjuri wara negozjati bejn il-kreditur u l-konsumatur. Għal kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata

tal-imgħax tas-self hija ffissata għal perijodu inizjali materjali ta' diversi snin u mbagħad tista' tiġi ffissata għal perijodu ulterjuri wara negozjati bejn il-kreditur u l-konsumatur, l-informazzjoni għandha tinkludi twissija li r-RPAI hija kkalkulata fuq il-bażi tar-rata tal-imgħax tas-self għall-perijodu inizjali. It- twissija għandha tkun akkumpanjata minn RPAI illustrattiva addizzjonali, ikkalkulata f'konformità mar-regolament 21(4). Fejn il-krediti huma krediti b'iktar minn parti waħda (eż. b'mod konkorrenti parti b'rata fissa, parti b'rata varjabbli), l-informazzjoni għandha tingħata għal kull parti tal-kreditu.

(3) Fit-taqsima dwar 'komponenti oħrajn tar-RPAI' għandhom jiġu elenkati l-ispejjeż l-oħrajn kollha li qiegħdin fir-RPAI, inklużi spejjeż ta' darba bħal tariffi amministrattivi, u spejjeż regolari bħal tariffi ammininistrattivi annwali. Il-kreditur għandu jelenka kull waħda mill-ispejjeż skont il-kategorija (spejjeż li jitħallsu darba biss, spejjeż li jitħallsu regolarment u inklużi fil-pagamenti akkont, spejjeż li jitħallsu regolarment iżda mhux inklużi fil-pagamenti akkont), b'indikazzjoni tal-ammont tagħhom, lil min ser jitħallsu u meta. Mhux meħtieġ li dan jinkludi l-ispejjeż imġarrba f'każ ta' ksur tal- obbligi tal-kuntratt. Fejn l-ammont ma jkunx magħruf, il-kreditur għandu jagħti indikazzjoni tal-ammont jekk possibbli, u jekk mhux possibbli, ta' kif l-ammont ser jiġi kkalkulat u għandu jispeċifika li l-ammont mogħti huwa biss indikattiv. Fejn ċerti spejjeż ma jkunux inklużi fir-RPAI minħabba l-fatt li ma jkunux magħrufin lill-kreditur, dan għandu jiġi enfasizzat.

Fejn il-konsumatur ikun informa lill-kreditur dwar komponent wieħed jew aktar tal-kreditu preferut tiegħu, bħat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu u l-ammont totali tal-kreditu, il-kreditur għandu, fejn possibbli, juża dawn il-komponenti; jekk kuntratt ta' kreditu jipprevedi modi differenti ta' prelevament b'imposti jew rati tal-imgħax tas-self differenti u l-kreditur juża l-preżunzjonijiet stabbiliti fil-Parti II tal-Anness I, huwa għandu jindika li l-mekkaniżmi ta' prelevament oħrajn għal dan it-tip ta' kuntratt ta' kreditu jistgħu jirriżultaw f'RPAI ogħla. Fejn il-kundizzjonijiet għall- prelevamenti jkunu użati għall-kalkolu tar-RPAI, il-kreditur għandu jenfasizza l-imposti relatati ma' mekkaniżmi ta' prelevament oħrajn li mhux neċessarjament ikunu dawk użati fil-kalkolu tar-RPAI.

(4) Fejn tariffa hija pagabbli għal reġistrazzjoni tal-ipoteka jew sigurtà komparabbli, dan għandu jiġi ddivulgat f'din it- taqsima mal-ammont, fejn ikun magħruf, jew fejn dan mhux possibbli l-bażi biex jiġi determinat l-ammont. Fejn it-tariffi huma magħrufa u inklużi fir-RPAI, l-eżistenza u l-ammont tat-tariffa għandhom jiġu elenkati taħt "Spejjeż li għandhom jitħallsu darba biss". Fejn it-tariffi ma jkunux magħrufin mill-kreditur u għalhekk ma jkunux inklużi fir- RPAI l-eżistenza tat-tariffa għandha tissemma b'mod ċar fil-lista tal-ispejjeż li mhumiex magħrufin mill-kreditur. Fiż- żewġ każijiet il-formulazzjoni standardizzata f'Parti A għandha tintuża taħt l-intestatura adatta.

Taqsima '5. Frekwenza u numru ta' pagamenti'

(1) Fejn il-pagamenti ser isiru fuq bażi regolari, il-frekwenza tal-pagamenti għandha tkun indikata (eż. kull xahar). Fejn il- frekwenza tal-pagamenti ser tkun irregolari, dan għandu jkun spjegat lill-konsumatur b'mod ċar.

(2) In-numru ta' pagamenti indikati għandhom ikopru t-tul ta' żmien kollha tal-kreditu.

Taqsima '6. Ammont ta' kull pagament akkont'

(1) Il-munita tal-kreditu u l-munita tal-pagamenti akkont għandhom ikunu indikati b'mod ċar.

(2) Fejn l-ammont tal-pagamenti akkont jista' jinbidel matul il-ħajja tal-kreditu, il-kreditur għandu jispeċifika l-perijodu li matulu dak l-ammont tal-pagament akkont

inizjali ser jibqa' kif inhu u meta u b'liema frekwenza ser jinbidel wara.

(3) Meta l-kreditu kollu jew parti minnu huwa kreditu abbażi tal-imgħax biss, għandha tiddaħħal fi tmiem din it-taqsima b'mod prominenti dikjarazzjoni li tindika b'mod ċar dak il-fatt bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.

Jekk hemm rekwiżit għall-konsumatur li jieħu prodott tat-tfaddil vinkolat bħala kundizzjoni għall-għoti ta' kreditu abbażi tal-imgħax biss garantit b'ipoteka jew garanzija oħra kumparabbli, l-ammont u l-frekwenza ta' kwalunkwe pagament għal dan il-prodott għandhom jiġu pprovduti.

(4) Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self tkun varjabbli, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni li tindika dak il- fatt, bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A u eżempju tal-ammont massimu ta' pagament akkont. Fejn hemm limitu massimu, l-eżempju għandu juri l-ammont tal-pagamenti akkont jekk ir-rata tal-imgħax tas-self tiżdied għal-livell tal- limitu massimu. Fejn m'hemm l-ebda limitu massimu, l-aġħar sitwazzjoni possibbli għandha turi l-livell tal-pagamenti akkont bl-ogħla rata tal-imgħax tas-self fl-aħħar 20 sena jew fejn id-data sottostanti għall-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self hija disponibbli għal perijodu ta' inqas minn 20 sena, l-itwal perijodu li għalih tkun disponibbli tali data, ibbażata fuq l-ogħla valur ta' kwalunkwe rata ta' referenza esterna użata fil-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self fejn applikabbli jew l-ogħla valur ta' rata ta' punt ta' riferiment speċifikat minn awtorità kompetenti jew l-ABE fejn il- kreditur ma jużax rata ta' referenza esterna. Ir-rekwiżit li wieħed jipprovdi eżempju illustrattiv m'għandux japplika għall-kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija ffissata għal perijodu inizjali materjali ta' diversi snin u mbagħad tista' tiġi ffissata għal perijodu ulterjuri wara negozjati bejn il-kreditur u l-konsumatur. Fejn il-krediti huma krediti b'iktar minn parti waħda (eż. b'mod konkorrenti parti b'rata fissa, parti b'rata varjabbli), l-informazzjoni għandha tingħata għal kull parti tal-kreditu, u bħala total.

(5) (Fejn applikabbli) Fejn il-munita tal-kreditu tkun differenti mill-munita nazzjonali tal-konsumatur jew fejn il-kreditu jkun indiċizzat ma' munita li tkun differenti mill-munita nazzjonali tal-konsumatur, il-kreditur għandu jinkludi eżempju numeriku li juru b'mod ċar kif bidliet fir-rata tal-kambju rilevanti tista' taffettwa l-ammont ta' pagamenti akkont bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A. Dak l-eżempju għandu jkun ibbażat fuq tnaqqis ta' 20% fil-valur tal- munita nazzjonali tal-konsumatur flimkien ma' dikjarazzjoni prominenti li l-pagamenti akkont jistgħu jiżdiedu b'aktar minn dak l-ammont preżunt f'dak l-eżempju. Fejn ikun hemm limitu massimu li jillimita dik iż-żieda għal inqas minn 20%, għandu jingħata, minflok, il-valur massimu tal-pagamenti fil-munita tal-konsumatur, u d-dikjarazzjoni dwar il-possibbiltà ta' aktar żidiet għandha titħalla barra.

(6) Fejn il-kreditu kollu kemm hu jew parzjalment kreditu b'rata varjabbli u l-paragrafu 3 japplika, l-eżempju fil-punt 5 għandu jingħata fuq il-bażi tal-ammont tal-pagament akkont imsemmi fil-paragrafu 1.

(7) Fejn il-munita użata għall-pagament tal-pagamenti akkont tkun differenti mill-munita tal-kreditu jew fejn l-ammont ta' kull pagament akkont imsarraf f'munita nazzjonali tal-konsumatur jiddependi fuq l-ammont li jikkorrispondi f'munita differenti, din it-taqsima għandha tindika d-data li fiha tiġi kkalkulata r-rata tal-kambju applikabbli u jew ir-rata tal- kambju jew il-bażi li tiġi kkalkulata fuqha u l-frekwenza tal-aġġustament tagħhom. Fejn applikabbli tali indikazzjoni għandha tinkludi l-isem tal-istituzzjoni li tippubblika r-rata tal-kambju.

(8) Fejn il-kreditu huwa kreditu b'imgħax differit li bih l-imgħax dovut ma jitħallasx totalment lura bil-pagamenti akkont u jiżdied mal-ammont totali tal-kreditu pendenti, għandu jkun hemm spjegazzjoni dwar: kif u meta l-imgħax differit ser jiżdied mal-kreditu bħala ammont fi flus; u x'inhuma l-implikazzjonijiet għall-

konsumatur fir-rigward tad-dejn li jkun fadlilhom.

Taqsima '7. Tabella tal-ħlas lura indikattiva'

(1) Din it-taqsima għandha tiġi inkluża fejn il-kreditu huwa kreditu b'imgħax differit li bih l-imgħax dovut ma jitħallasx totalment bil-pagamenti akkont u jiżdied mal-ammont totali tal-kreditu pendenti jew fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija ffissata għad-durata tal-kuntratt ta' kreditu. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li t-tabella ta' amortizzament indikattiva tkun obbligatorja f'każijiet oħra.

Fejn il-konsumatur għandu d-dritt li jirċievi tabella ta' amortizzament riveduta, dan għandu jkun indikat mal-kundizzjonijiet li skonthom il-konsumatur għandu dak id-dritt.

(2) L-Istati Membri jistgħu jesiġu li fejn ir-rata tal-imgħax tas-self tista' tvarja matul il-ħajja tal-kreditu, il-kreditur għandu jindika, il-perijodu li matulu dik ir-rata tal-imgħax tas-self inizjali ser tibqa' kif inhi.

(3) It-tabella li għandha tkun inkluża f'din it-taqsima għandu jkun fiha l-kolonni li ġejjin: 'skeda ta' ħlas lura' (eż. xahar 1, xahar 2, xahar 3), 'ammont tal-pagament akkont', 'imgħax li għandu jitħallas f'kull pagament akkont', 'spejjeż oħrajn inklużi fil-pagament akkont' (fejn rilevanti), 'kapital imħallas f'kull pagament akkont' u 'kapital dovut wara kull pagament akkont'.

(4) Għall-ewwel sena tal-ħlas lura l-informazzjoni għandha tingħata għal kull pagament akkont u għandu jkun indikat subtotal għal kull kolonna fl-aħħar ta' dik l-ewwel sena. Għas-snin ta' wara, l-informazzjoni tista' tingħata fuq bażi annwali. Fl-aħħar tat-tabella għandha tiżdied ringiela tat-total globali li għandha tagħti l-ammonti totali għal kull kolonna. L-ispiża totali tal-kreditu mħallsa mill-konsumatur (jiġifieri s-somma globali tal-kolonna tal-'ammont tal- pagament akkont') għandu jkun enfasizzat b'mod ċar u ppreżentat bħala tali.

(5) Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self tkun soġġetta għal reviżjoni u l-ammont tal-pagament akkont wara kull reviżjoni ma jkunx magħruf, il-kreditur jista' jindika fit-tabella ta' amortizzament l-istess ammont ta' pagament akkont għat-tul ta' żmien kollha tal-kreditu. F'dan il-każ, il-kreditur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-konsumatur għal dan il-fatt billi jagħmel differenzjazzjoni viżiva bejn l-ammonti li huma magħrufin u dawk li huma ipotetiċi (eż. billi juża tipa differenti, borduri jew sfumaturi). Barra minn dan, test leġibbli b'mod ċar għandu jispjega għal liema perjodi l- ammonti rappreżentati fit-tabella jistgħu jvarjaw u għalfejn.

Taqsima '8. Obbligi addizzjonali'

(1) F'din it-taqsima l-kreditur għandu jirreferi għall-obbligi bħal l-obbligu li l-proprjetà immobbli tkun assigurata, li assigurazzjoni tal-ħajja tinxtara, li jkun hemm salarju li jitħallas f'kont mal-kreditur jew li jinxtara kwalunkwe prodott jew servizz ieħor. Għal kull obbligu, il-kreditu għandu jispeċifika lejn min u sa meta jrid ikun issodisfat l-obbligu.

(2) Il-kreditur għandu jispeċifika t-tul ta' żmien tal-obbligu, eż. sa tmiem il-kuntratt ta' kreditu. Il-kreditur għandu jispeċifika għal kull obbligu kwalunkwe spiża li għandha titħallas mill-konsumatur, li mhijiex inkluża fir-RPAI.

(3) Il-kreditur għandu jiddikjara jekk hux obbligatorju li l-konsumatur jieħu xi servizz anċillari biex jikseb il-kreditu bit- termini ddikjarati, u jekk ikun il-każ, jekk il-konsumatur hux obbligat li jixtrihom mill-fornitur preferut tal-kreditur jew jekk ikunux jistgħu jinxtraw minn fornitur tal-għażla tal-konsumatur. Fejn din il-possibbiltà tkun bil-kundizzjoni li s-servizzi anċillari jissodisfaw ċerti karatteristiċi minimi, dawn il-karatteristiċi għandhom jiġu diskritti f'din it-taqsima.

Fejn il-kuntratt ta' kreditu ikun abbinat (bundled) ma' prodotti oħra l-kreditur għandu jiddikjara l-karatteristiċi ewlenin ta' dawk il-prodotti l-oħra u jiddikjara b'mod ċar jekk il-konsumatur għandux dritt jittermina l-ftehim tal-kreditu jew il-prodotti abbinati separatament, il-kundizzjonijiet biex jagħmel dan, u, f'każ li jieħu din l-azzjoni, l-implikazzjonijiet tagħha, u, fejn applikabbli, il-konsegwenzi possibbli għat-terminazzjoni tas-servizzi anċillari meħtieġa fir-rigward tal- kuntratt ta' kreditu.

Taqsima '9. Ħlas bikri'

(1) Il-kreditur għandu jindika taħt liema kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, il-konsumatur jista' jħallas lura l-kreditu kmieni, kollu kemm hu jew parzjalment.

(2) Fit-taqsima dwar imposti f'każ ta' terminazzjoni l-kreditur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kreditur għal kwalunkwe imposta f'każ ta' terminazzjoni jew spejjeż oħra pagabbli fuq ħlas lura bikri sabiex il-kreditur jiġi kkumpensat u fejn possibbli jiġi indikat l-ammont tagħhom. Fil-każijiet fejn l-ammont tal-kumpens ikun jiddependi fuq fatturi differenti, bħall-ammont imħallas lura jew ir-rata tal-imgħax prevalenti li tapplika fil-mument tal-ħlas lura bikri, il-kreditur għandu jindika kif il-kumpens ser jiġi kkalkolat u jiġi pprovdut l-ammont massimu potenzjali tal-imposta, jew fejn mhux possibbli, eżempju illustrattiv juri lill-konsumatur l-livell tal-imposta tal-kumpens skont xenarji possibbli differenti.

Taqsima '10. Karatteristiċi flessibbli'

(1) Fejn applikabbli, il-kreditur għandu jispjega l-possibbiltà ta' trasferiment u l-kundizzjonijiet għat-trasferiment tal- kreditu lil kreditur jew proprjetà immobbli oħra.

(2) (Fejn adatt) Karatteristiċi addizzjonali: Fejn il-prodott ikun fih xi karatteristika minn dawk elenkati fil-punt 5, din it- taqsima għandha telenka dawn il-karatteristiċi u tipprovdi spjegazzjoni qasira ta': iċ-ċirkostanzi li fihom il-konsumatur jista' juża dik il-karatteristika; kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-karatteristika; jekk il-fatt li l-karatteristika tkun parti mill-kreditu garantit permezz ta' ipoteka jew garanzija kumparabbli jfissirx li l-konsumatur jitlef kwalunkwe protezzjoni statutorja jew ta' xi tip ieħor normalment assoċjata mal-karatteristika; u l-intrapriża li tipprovdi l-karatteristika (jekk mhix il-kreditur).

(3) Jekk il-karatteristika jkun fiha kwalunkwe kreditu addizzjonali, allura din it-taqsima għandha tispjega lill-konsumatur: l-ammont totali tal-kreditu (inkluż il-kreditu garantit permezz tal-ipoteka jew garanzija komparabbli); jekk il-kreditu addizzjonali huwiex iggarantit jew le; ir-rati tal-imgħax tas-self rilevanti; u jekk il-karatteristika hix regolata jew le. Tali ammont ta' kreditu addizzjonali għandu jew jiġi inkluż fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja oriġinali jew, jekk le, din it-taqsima għandha tagħmilha ċara li d-disponibbiltà tal-ammont addizzjonali huwa dipendenti fuq valutazzjoni ulterjuri tal-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura.

(4) Jekk il-karatteristika tinvolvi strument tat-tfaddil, ir-rata tal-imgħax rilevanti għandha tiġi spjegata.

(5) Il-karatteristiċi addizzjonali possibbli huma: 'Pagamenti żejda/Pagamenti nieqsa' [meta l-pagament akkont ikun aktar jew inqas milli jkun rikjest bħala regola bl-istruttura tal-amortizzament]; 'Pagamenti differiti' [perijodi fejn il-konsumatur mhux meħtieġ jagħmel pagamenti]; 'Self mill-ġdid' [possibbiltà għall-konsumatur li jerġa' jissellef fondi diġà prelevati u mħallsa lura]; 'Self addizzjonali disponibbli mingħajr approvazzjoni ulterjuri'; 'Self addizzjonali ggarantit jew mhux iggarantit' [f'konformità mal-punt 3 hawn fuq]; 'Karta tal-kreditu'; 'Kont kurrenti marbut'; u 'Kont tat-tfaddil marbut'.

(6) Il-kreditur jista' jinkludi kwalunkwe karatteristika oħra offruta mill-kreditur

bħala parti mill-kuntratt tal-kreditu li mhux imsemmi fit-taqsimiet preċedenti.

Taqsima '11. Drittijiet oħrajn tal-mutwatarju'

(1) Il-kreditur għandu jiċċara d-dritt(ijiet) ta' eż. rexissjoni jew riflessjoni u fejn applikabbli drittijiet oħra bħal, portabbiltà (inkluż surroga) li jeżistu, jispeċifika l-kundizzjonijiet li għalihom dan/dawn id-dritt(ijiet) huma soġġetti, il-proċedura li l-konsumatur jeħtieġ li jsegwi għall-eżerċizzju ta' dan/dawn id-dritt(ijiet), fost l-oħrajn, l-indirizz fejn għandha tintbagħat in-notifika ta' rexissjoni, u t-tariffi korrispondenti (fejn applikabbli).

(2) Fejn japplika perijodu ta' riflessjoni jew dritt ta' rexissjoni għall-konsumatur dan għandu jissemma b'mod ċar.

(3) Konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/65/KE, fejn it-tranżazzjoni tiġi offruta b'distanza, il-konsumatur għandu jiġi infurmat bl-eżistenza jew in-nuqqas tad-dritt ta' rexissjoni.

Taqsima '12. Ilmenti'

(1) Din it-Taqsima għandha tindika l-punt ta' kuntatt intern [isem tad-dipartiment rilevanti] u mezz biex tikkuntattjahom biex tilmenta [Indirizz ġeografiku] jew [Numru tat-telefon] jew [Persuna ta' kuntatt]: [dettalji ta' kuntatt] u link għall- proċedura tal-ilmenti fil-paġna rilevanti tas-sit web jew sors ta' informazzjoni simili.

(2) Għandha tindika l-isem tal-korp estern rilevanti għal ilmenti u rimedji extraġudizzjarji u fejn l-użu tal-proċedura interna tal-ilment hija prekundizzjoni għall-aċċess għal dak il-korp, tindika dak il-fatt billi tuża l-formulazzjoni fil-Parti A.

(3) Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu b'konsumatur li huwa residenti fi Stat Membru ieħor, il-kreditur għandu jirreferi għall- eżistenza ta' FIN-NET (http://ec.europa.eu/internal_market/fin-net/).

Taqsima '13. Nuqqas ta' konformità mal-impenji marbutin mal-kreditu: konsegwenzi għall-mutwatarju'

(1) Fejn in-nuqqas ta' osservanza ta' xi obbligu tal-konsumatur marbut mal-kreditu jista' jkollu konsegwenzi finanzjarji jew legali għall-konsumatur, f'din it-taqsima l-kreditur għandu jiddeskrivi l-każijiet prinċipali differenti (eż. pagamenti tard/inadempjenza, nuqqas li jiġu rispettati l-obbligi stipulati fit-Taqsima 8 'Obbligi addizzjonali') u għandu jindika fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni.

(2) Għal kull wieħed minn dawn il-każijiet, il-kreditur għandu jispeċifika, f'termini komprensibbli faċilment, il-penalitajiet jew il-konsegwenzi li jistgħu joħolqu. Għandha tiġi enfasizzata r-referenza għall-konsegwenzi serji.

(3) Fejn il-proprjetà immobbli użata biex tiggarantixxi tal-kreditu tista' tingħata lura jew tiġi trasferita lill-kreditur, jekk il- konsumatur ma jikkonformax mal-obbligi, din it-taqsima għandha tinkludi dikjarazzjoni li tindika dak il-fatt, bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.

Taqsima '14. Informazzjoni addizzjonali'

(1) Fil-każ ta' kummerċjalizzazzjoni b'distanza, din it-taqsima ser tinkludi kwalunkwe klawżola li tistipula l-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' kreditu jew il-qorti kompetenti.

(2) Fejn il-kreditur ikollu l-intenzjoni jikkomunika mal-konsumatur matul it-terminu tal-kuntratt b'lingwa differenti mil- lingwa tal-FEIS, dan il-fatt għandu jkun inkluż u l-lingwa ta' komunikazzjoni msemmija. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-punt (g) tal-punt 3 tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/65/KE.

(3) Il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu għandu jiddikjara d-dritt tal-konsumatur li jiġi pprovdut jew offrut, kif applikabbli, kopja tal-abbozz ta' kuntratt ta' kreditu tal-inqas ladarba li tkun saret offerta li torbot lill-kreditur.

Taqsima '15. Superviżur'

(1) L-awtorità jew awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tal-istadju prekuntrattwali tas-self għandhom jiġu indikati.

IT-TIENI SKEDA

Emendata: A.L. 259 tal-2016.

[Regolament 21]

Kalkolazzjoni tar-rata perċentwali annwali tal-imposti

I. L-ekwazzjoni bażika li tesprimi l-ekwivalenza ta' prelevament ta' kreditu minn naħa u rripagamenti u l-imposti min-naħa l-oħra.

L-ekwazzjoni bażika, li tistabbilixxi r-rata perċentwali annwali tal-imposti (RPAI), fuq bażi annwali, taħdem il-valur preżenti totali ta' prelevament ta' kreditu minn naħa u l-valur preżenti totali tar-ripagamenti u l-pagamenti tal-imposti min-naħa l-oħra, jiġifieri::

$$\sum_{k=1}^{m} C_k(1+X)^{-t_k} = \sum_{l=1}^{m'} D_l(1+X)^{-S_l}$$

fejn:

X hija l-RPAI

m huwa n-numru tal-aħħar prelevament ta' kreditu

k huwa n-numru ta' prelevament ta' kreditu, għalhekk $1 \leq k \leq m$

Ck huwa l-ammont ta' prelevament ta' kreditu k,

tk huwa l-intervall, espress fi snin u frazzjonijiet ta' sena, bejn id-data tal-ewwel prelevament ta' kreditu u d-data ta' kull prelevament ta' kreditu sussegwenti, għalhekk t1 = 0

m huwa n-numru tal-aħħar ripagament jew pagamenti ta' imposti

l huwa n-numru ta' ripagament jew pagamenti ta' imposti

Dl huwa l-ammont ta' ripagament jew pagamenti ta' imposti

S l huwa l-intervall, espress fi snin u frazzjonijiet ta' sena, bejn id-data tal-ewwel prelevament ta' kreditu u d-data ta' kull ripagament jew pagament ta' imposti.

Rimarki:

(*a*) L-ammonti mħallsa miż-żewġ partijiet fi żminijiet differenti mhux neċessarjament ikunu ndaqs u mhux neċessarjament jitħallsu f'intervalli ndaqs.

(*b*) Id-data tal-bidu għandha tkun dik tal-ewwel prelevament ta' kreditu.

(*ċ*) Intervalli bejn id-dati użati fil-kalkolazzjonijiet għandhom ikunu espressi fi snin jew fi frazzjonijiet ta' sena. Sena hija preżunta li fiha 365 jum (jew 366 jum fi snin biżestili), 52 ġimgħa jew 12-il xahar indaqs. Xahar indaqs huwa preżunt li fih 30.41666 jum (i.e. 365/12) irrispettivament minn jekk hix sena biżestili jew le.

Fejn l-intervalli bejn id-dati wżati fil-kalkoli ma jistgħux jiġu indikati f'numru sħiħ ta' ġimgħat, xhur jew snin, l-intervalli għandhom ikunu espressi bħala numru sħiħ ta' wieħed minn dawk il-perijodi flimkien ma' numru ta' ġranet. Meta jintużaw il-ġranet:

(i) kull jum għandu jingħadd, inkluż tmiem il-ġimgħa u l-btajjel;

(ii) perjodi ndaqs u imbagħad ġranet għandhom jingħaddu b'lura għad-data tal-prelevament inizjali;

(iii) it-tul tal-perijodu ta' ġranet għandu jinkiseb billi l-ewwel data tiġi eskluża u l-aħħar data tiġi inkluża u għandha tiġi indikata fi snin billi dan il-perijodu jiġi diviż bin-numru ta' ġranet (365 jew 366 jum) tas-sena sħiħa u jingħadd b'lura mill-aħħar jum għall-istess jum tas-sena preċedenti.

(*d*) Ir-riżultat tal-kalkolazzjoni għandu jiġi espress bi preċiżjoni ta' mill-inqas punt deċimali wieħed. Jekk iċ-ċifra fil-post deċimali li jsegwi tkun akbar minn jew ugwali għal 5, iċ-ċifra f'dak il-post deċimali partikolari għandha tiżdied b'wieħed.

(*e*) L-ekwazzjoni tista' tinkiteb mill-ġdid bl-użu ta' somma waħda u l-kunċett ta' flussi (Ak), li jkun pożittiv jew negattiv, fi kliem ieħor imħallas jew riċevut matul il-perjodi 1 sa n, espress fi snin, jiġifieri:

$$S = \sum_{k=1}^{n} A_k(1+X)^{-t_k},$$

S huwa l-bilanċ preżenti tal-flussi. Jekk l-għan hu li tinzamm l-ekwivalenza tal-flussi, l-valur ikun żero.

II. Supożizzjonijiet addizzjonali għall-kalkolazzjoni tar-rata perċentwali annwali tal-imposti:

(*a*) Jekk ftehim ta' kreditu jagħti lill-konsumatur libertà fil-prelevament ta' kreditu, l-ammont totali ta' kreditu għandu jitqies li jkun prelevat immedjatament u interament.

(*b*) Jekk ftehim ta' kreditu jipprovdi modi differenti għall-prelevament ta' kreditu b'imposti jew rati tat-teħid ta' self differenti, l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies bħala li ġie prelevat fl-ogħla imposta u rata ta' teħid ta' self applikata għall-mekkaniżmu għall-prelevament tal-kreditu l-iktar komuni għal dan it-tip ta' ftehim ta' kreditu.

(*ċ*) Jekk ftehim ta' kreditu jagħti lill-konsumatur il-libertà ta' prelevament ta' kreditu b'mod ġenerali iżda jimponi fost il-modi differenti ta' prelevament, limitu fir-rigward tal-ammont u l-perjodu ta' żmien, l-ammont ta' kreditu għandu jitqies bħala li ġie prelevat fl-aktar data bikrija prevista fil-ftehim u skont dawk il-limiti ta' prelevament ta' kreditu.

(*d*) Jekk jiġu offruti rati tal-imgħax tas-self u imposti differenti għal perijodu jew ammont limitat, l-għola rata tal-imgħax tas-self u imposti għandhom jitqiesu li huma r-rata tal-imgħax tas-self u l-imposti għat-tul ta' żmien kollu tal-kuntratt ta' kreditu.

(*e*) Għal kuntratti ta' kreditu li għalihom tkun miftiehma rata tal-imgħax tas-self fissa fir-rigward tal-perijodu inizjali, li fit-tmiem tagħhom tiġi ddeterminata rata tal-imgħax tas-self ġdida u sussegwentement perjodikament aġġustata skont indikatur jew rata ta' referenza interna miftehmin, il-kalkolu tar-RPAI għandha tkun ibbażata fuq il-preżunzjoni li, fi tmiem il-perijodu ta' rata tal-imgħax tas-self fissa, ir-rata tal-

imgħax tas-self tkun l-istess bħal dik fil-mument tal-kalkolu tar-RPAI, abbażi tal-valur tal-indikatur jew ir-rata ta' referenza interna miftehmin f'dak iż-żmien, iżda ma tkunx inqas mir-rata tal-imgħax tas-self fissa.

(*f*) Jekk il-limitu massimu applikabbli għall-kreditu jkun għadu ma ġiex miftiehem, dak il-limitu massimu jitqies li hu EUR170 000. Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu - għajr responsabbiltajiet kontinġenti jew garanziji - li l-iskop tagħhom ma jkunx li jinxtara jew jinżamm dritt fi proprjetà immobbli jew art, *overdrafts*, karti ta' debitu differit u karti ta' kreditu, dan il-limitu massimu jitqies li hu EUR 1 500.

(*g*) Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu, għajr kuntratti ta' *overdrafts*, self intermedjarju, kuntratti ta' kreditu b'ekwità kondiviża, responsabbiltajiet kontinġenti jew garanziji u kuntratti ta' kreditu għal żmien indefinit kif imsemmijin fil-preżunzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (*i*), (*j*), (*k*), (*l*) u (*m*):

(i) jekk id-data jew l-ammont tal-ħlas lura tal-kapital, li għandu jsir mill-konsumatur ma jistgħux jiġu aċċertati, għandu jitqies li l-ħlas lura isir fid-data l-aktar kmieni prevista fil-kuntratt ta' kreditu u huwa għall-inqas ammont li l-kuntratt ta' kreditu jipprevedi;

(ii) jekk l-intervall bejn id-data ta' prelevament inizjali u d-data tal-ewwel ħlas li għandu jsir mill-konsumatur ma jistax jiġi aċċertat, għandu jitqies li jkun l-intervall l-iktar qasir.

(*h*) Fejn id-data jew l-ammont ta' ħlas li għandu jsir mill-konsumatur ma jistgħux jiġu aċċertati abbażi tal-kuntratt ta' kreditu jew il-preżunzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (*g*), (*i*), (*j*), (*k*), (*l*) u (*m*), għandu jitqies li l-ħlas isir skont id-dati u l-kundizzjonijiet rikjesti mill-kreditur u, meta dawn ma jkunux magħrufa:

(i) imposti tal-imgħax jitħallsu flimkien mal-ħlas lura tal-kapital;

(ii) imposti mhux tal-imgħax indikati bħala somma waħda jitħallsu fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu;

(iii) imposti mhux tal-imgħax indikati f'diversi pagamenti jitħallsu f'intervalli regolari, li jibdew mad-data tal-ewwel ħlas lura tal-kapital, u jekk l-ammont ta' tali pagamenti mhuwiex magħruf għandhom jitqiesu bħala ammonti ndaqs;

(iv) il-ħlas finali jħassar il-bilanċ tal-kapital, l-imgħax u imposti oħrajn, jekk ikun hemm.

(*i*) Fil-każ ta' faċilità ta' *overdraft*, l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies prelevat kompletament u għat-tul ta' żmien kollu tal-kuntratt ta' kreditu. Jekk it-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu mhux magħruf, ir-RPAI għandha tiġi kkalkolata fuq il-preżunzjoni li ż-żmien tal-kreditu huwa ta' tliet xhur.

(*j*) Fil-każ ta' self transitorju l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies li jiġi prelevat kompletament u għat-tul ta' żmien kollu tal-kuntratt ta' kreditu. Jekk it-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu mhux magħruf, ir-RPAI għandha tiġi kkalkolata fuq il-preżunzjoni li ż-żmien tal-kreditu huwa ta' tnax-il xahar.

(*k*) Fil-każ ta' kuntratt ta' kreditu għal żmien indefinit, għajr faċilità ta' *overdraft* u self transitorju, għandu jitqies li:

(i) għal kuntratti ta' kreditu, li l-iskop tagħhom huwa li jinxtraw jew jinżammu drittijiet fi proprjetà immobbli, il-kreditu jingħata għal perijodu ta' għoxrin sena li jibda fid-data tal-prelevament inizjali, u li l-ħlas finali mill-konsumatur jaqta l-bilanċ tal-kapital, l-imgħax u imposti oħrajn, jekk ikun hemm; fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu li l-iskop tagħhom mhuwiex li jinxtraw jew jinżammu drittijiet fi proprjetà immobbli jew fejn il-kreditu jiġi prelevat permezz ta' karti ta' debitu

differit jew karti ta' kreditu, dan il-perijodu għandu jkun ta' sena;

(ii) il-kapital jitħallas lura mill-konsumatur f'pagamenti ndaqs kull xahar, li jibdew xahar wara d-data tal-prelevament inizjali. Madankollu, f'każi fejn il-kapital għandu biss jitħallas lura bis-sħiħ, f'pagament wieħed, f'kull perijodu ta' ħlas, prelevamenti suċċessivi u ħlas lura tal-kapital kollu mill-konsumatur għandhom jitqiesu li jsiru matul il-perijodu ta' sena. L-imgħax u imposti oħrajn għandhom jiġu applikati skont dawn il-prelevamenti u l-ħlasijiet lura tal-kapital u kif previst fil-kuntratt ta' kreditu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, kuntratt ta' kreditu għal żmien indefinit huwa kuntratt ta' kreditu mingħajr żmien fiss u jinkludi krediti li għandhom jitħallsu lura kompletament fi żmien perijodu jew wara perijodu, iżda, la darba jitħallsu lura, jsiru disponibbli mill-ġdid għal prelevament.

(*l*) il-każ ta' responsabbiltajiet kontinġenti jew garanziji, l-ammont totali tal-kreditu jitqies li jiġi prelevat kollu f'ammont wieħed fl-aktar kmieni minn:

(i) id-data tal-aħħar prelevament permessa taħt il-kuntratt tal-kreditu li huwa s-sors potenzjali tar-responsabbiltà jew il-garanzija kontinġenti; jew

(ii) il-każ ta' kuntratt ta' kreditu miftuħ, fit-tmiem tal-perijodu inizjali qabel it-tiġdid tal-kuntratt.

(*m*) Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu b'ekwità kondiviża:

(i) il-pagamenti mill-konsumaturi għandhom jitqiesu li jsiru fl-aħħar data jew dati permessi taħt il-kuntratt ta' kreditu;

(ii) żidiet perċentwali fil-valur ta' proprjetà immobbli li tiggarantixxi l-kuntratt ta' kreditu b'ekwità kondiviża, u r-rata ta' kwalunkwe indiċi tal-inflazzjoni msemmi fil-kuntratt, għandhom jitqiesu li huma perċentwali ugwali għall-ogħla mill-objettiv attwali għar-rata tal-inflazzjoni tal-bank ċentrali jew il-livell ta' inflazzjoni fl-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà immobbli, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, jew 0 % jekk dawk il-perċentwali jkunu negattivi.

IT-TIELET SKEDA

Emendata: A.L. 259 tal-2016.

[Regolamenti 6 u 19(a)]

L-Għarfien Minimu u Rekwiżiti ta' Kompetenza

1. Ir-rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza għall-krediturі u persunal tal-intermedjarji tal-kreditu imsemmija fir-regolament 6 u għall-persuni involuti fil-ġestjoni tal-intermedjarji tal-kreditu imsemmija fir-regolament 18A(7)(*ċ*) għandhom mill-inqas jinkludu:

(*a*) konoxxenza adatta tal-prodotti tal-kreditu li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn l-artikoli skont regolalment 3 u s-servizzi anċillari offruti tipikament magħhom;

(*b*) konoxxenza xierqa tal-liġijiet relatati mal-kuntratti tal-kreditu għall-konsumaturi, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-konsumatur;

(*ċ*) konoxxenza u għarfien adatti tal-proċess tax-xiri ta' proprjetà immobbli;

(*d*) konoxxenza adatta tal-valutazzjoni ta' garanziji;

(*e*) konoxxenza adatta tal-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' reġistri tal-artijiet;

(*f*) konoxxenza adatta tas-suq f'Malta;

(*g*) konoxxenza adatta tal-i*standards* tal-etika kummerċjali;

(*h*) konoxxenza adatta tal-proċess ta' valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jew fejn applikabbli, kompetenza fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi;

(*i*) livell adatt ta' kompetenza finanzjarja u ekonomika.

2. Meta tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza, l-MFSA tista' tiddifferenzja bejn livelli u tipi ta' rekwiżiti applikabbli għall-persunal tal-krediturі, il-persunal tal-intermedjarji tal-kreditu u l-ġestjoni tal-intermedjarji tal-kreditu.

3. L-MFSA għandha tiddetermina l-livell xieraq ta' konoxxenza u kompetenza fuq il-bażi ta':

(*a*) kwalifiki professjonali, per eżempju diplomi, lawrji, taħriġ, testijiet ta' kompetenza; jew

(*b*) esperjenza professjonali, li tista' tiġi ddefinita bħala numru minimu ta' snin ta' xogħol f'oqsma relatati mal-oriġinazzjoni, id-distribuzzjoni u l-intermedjazzjoni ta' prodotti ta' kreditu:

Iżda wara l-21 ta' Marzu 2019, id-determinazzjoni tal-livell xieraq ta' konoxxenza u kompetenza m'għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-metodi elenkati fis-subparagrafu (*b*) tal-paragrafu 1.

Miżjuda:
XLIV.2021.25.
Emendat:
A.L. 18 tal-2024.

IR-RABA SKEDA

[Regolament 17Ċ]

Linji Gwida dwar rekwiżiti rigward arretrati u infurzar

Linji Gwida 1: It-twaqqif ta' policies u proċeduri

1.1 Il-kreditur għandu jistabbilixxi, u jżomm aġġornat, proċeduri biex jinduna, kemm jista' jkun malajr, b'konsumaturi li jidħlu f'diffikultajiet ta' ħlas.

1.2 Il-kreditur għandu jistabbilixxi, u jżomm aġġornati policies u proċeduri għall-immaniġġjar effettiv u ta' impenn ma' konsumaturi f'diffikultajiet ta' ħlas. Il-policy ta' impenn li l-kreditur għandu jipprovdi lill-konsumatur għandha tinkludi informazzjoni adegwata, pereżempju, permezz ta' siti elettroniċi u informazzjoni bil-miktub, u ta' għajnuna għall-konsumaturi f'diffikultajiet ta' ħlas.

1.3 Il-kreditur għandu jipprovdi taħriġ adegwat għall-persunal li jittratta ma' konsumaturi f'diffikultajiet ta' ħlas.

Linji Gwida 2: Impenn mal-konsumatur

2.1 Meta konsumatur jidħol f'diffikultajiet ta' ħlas, il-kreditur għandu jaħdem mal-konsumatur biex jistabbilixxi għalfejn inqalgħu d-diffikultajiet sabiex il-kreditur ikun jista' jieħu passi adegwati.

2.2 Kull interazzjoni bejn il-kreditur u l-konsumatur fir-rigward tad-diffikultajiet ta' ħlas għandha tirrispetta l-privatezza tal-konsumatur.

2.3 Il-kreditur, kif ukoll kull aġent li jaġixxi f'isem il-kreditur, għandu jżomm livell ta' kuntatt u komunikazzjoni ma' konsumatur f'diffikultajiet ta' ħlas li tkun proporzjonata mal-ħtiġijiet ta' informazzjoni, u mhux eċċessiva.

Linji Gwida 3: Informazzjoni u assistenza li għandha tingħata lill-konsumatur

3.1 Il-kreditur għandu jikkomunika b'mod ċar u b'lingwaġġ sempliċi.

3.2 Il-kreditur għandu jipprovdi għajnuna u, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja lill-konsumaturi f'diffikultajiet ta' ħlas:

(a) in-numru ta' pagamenti maqbuża jew imħallsa biss parzjalment;

(b) is-somma totali tal-pagamenti mhux imħallsa;

(ċ) ħlasijiet li ntefqu u li rriżultaw minħabba l-pagamenti mhux imħallsa;

(d) l-importanza li l-konsumatur jikkoopera mal-kreditur biex is-sitwazzjoni tirrisolva ruħha.

3.3 F'każijiet fejn id-diffikultajiet ta' ħlas tal-konsumatur jibqgħu jippersistu, il-kreditur għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-konsumatur:

(a) informazzjoni dwar il-konsegwenzi ta' pagamenti maqbużin (pereżempju spejjeż, rata ta' imgħax inadempjenti, il-possibilità ta' telf ta' propjetà, eċċ.); u

(b) informazzjoni dwar skemi governattivi/pubbliċi disponibbli jew għajnuna.

Linji Gwida 4: Proċedura ta' riżoluzzjoni

4.1 Il-kreditur għandu jqis iċ-ċirkustanzi individwali tal-konsumatur, l-interessi u d-drittijiet tal-konsumatur u l-abilità tiegħu/tagħha dwar kif ser iħallsu lura l-pagamenti meta jiddeċiedu dwar x'passi jew miżuri ta' tolleranza għandhom jittieħdu. Il-miżuri tat-tolleranza għall-konsumatur jistgħu jinkludu waħda jew iż-żewġ konċessjonijiet li ġejjin:

1. Rifinanzjament totali jew parzjali ta' kuntratt ta' kreditu;

2. Bdil fit-termini u l-kundizzjonijiet ta' qabel il-kuntratt ta' kreditu, li jista' jinkludi fost oħrajn:

(a) it-terminu tal-ipoteka;

(b) it-tibdil tat-tip tal-ipoteka (bħal pereżempju tibdil tat-tip ta' ipoteka minn waħda ta' kapital u interess għal ipoteka ta' interess biss);

(ċ) li jitwaqqaf il-pagament kollu jew parti mill-pagamenti li jridu jitħallsu lura għal perjodu;

(d) tibdil fir-rata tal-imgħax;

(e) li tiġi offruta waqfa temporanja tal-pagamenti.

Linji Gwida 5: Dokumentazzjoni ta' trattamenti mal-konsumatur u ż-żamma ta' rekords

5.1 Il-kreditur għandu jiddokumenta r-raġunijiet għalfejn l-għażla (iet) offruta lill-konsumatur hija xierqa għaċ-ċirkostanzi individwali tiegħu/tagħha u għandu jagħmel u jżomm rekords adegwati tat-trattamenti mal-konsumatur f'diffikultajiet ta' ħlas għal perjodu raġonevoli ta' żmien.